## A – Żvilupp u attività tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2011

*Minn Vassilios Skouris, President*

Din l-ewwel parti tar-Rapport Annwali tagħti deskrizzjoni fil-qosor tal-attivitajiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea matul is-sena 2011. Hija tagħti, l-ewwel nett, ħarsa lejn l-iżvilupp tal-Istituzzjoni matul din is-sena b'enfażi fuq il-bidliet istituzzjonali li affettwaw lill-Qorti tal-Ġustizzja u l-iżviluppi li jirrigwardaw l-organizzazzjoni interna tagħha. It-tieni nett, hija tinkludi analiżi statistika tal-iżvilupp tal-volum tax-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll tat-tul medju tal-proċeduri. It-tielet nett, bħal kull sena, din il-parti tippreżenta l-iżviluppi prinċipali fil-ġurisprudenza kklassifikati skont is-suġġetti.

**1.** Fl-2011, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentat lil-leġiżlatur tal-Unjoni abbozz ta' emendi għall-Istatut tagħha kif ukoll proposta għal riformulazzjoni u għal aġġornament tar-Regoli tal-Proċedura tagħha. Iż-żewġ proposti huma maħsuba prinċipalment sabiex tittejjeb l-effikaċja tal-proċeduri quddiem il-qrati tal-Unjoni.

Fir-rigward tal-proposta ta' emendi għall-Istatut, dawn l-emendi jikkonċernaw b'mod partikolari l-introduzzjoni tal-funzjoni ta' Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, iż-żieda għal ħmistax tan-numru ta' Mħallfin li jikkostitwixxu l-Awla Manja kif ukoll it-tneħħija tal-parteċipazzjoni sistematika tal-Presidenti tal-Awli b'ħames Imħallfin u t-tneħħija tar-rapport għas-seduta. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Istatut dwar il-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja tipproponi li n-numru ta' Mħallfin li jikkostitwixxu din il-qorti jiżdied għal disgħa u tletin sabiex tkun tista' tiġi affaċċjata ż-żieda kostanti fin-numru ta' kawżi mressqa quddiemha.

Fir-rigward tal-proposta għal riformulazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura, din ir-riformulazzjoni hija intiża sabiex tadatta kemm l-istruttura kif ukoll il-kontenut tagħhom għall-iżvilupp fin-natura tal-kawżi, sabiex tkompli tibni fuq l-isforzi li ilhom isiru għal dawn l-aħħar snin bil-għan li tinżamm il-kapaċità tal-qorti, fid-dawl ta' numru dejjem jikber ta' kawżi li kull ma jmur isiru iktar kumplessi, li tiddeċiedi f'terminu raġonevoli l-kawżi mressqa quddiemha, u sabiex tikkjarifika r-regoli tal-proċedura applikati minnha billi tippreżentahom b'mod li jagħmel il-qari tagħhom iktar faċli.

Dawn il-proposti rriżultaw minn proċess ta' riflessjoni fit-tul ibbażata fuq konsultazzjonijiet interni. Attwalment, dawn il-proposti qegħdin jiġu diskussi fi ħdan l-awtoritajiet leġiżlattivi tal-Unjoni. It-test sħiħ ta' dawn il-proposti jista' jiġi kkonsultat fuq is-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja [1].

Barra minn hekk, għandhom jissemmew ukoll l-emendi introdotti fl-24 ta' Mejju 2011 għar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja (ĠU L 162, p. 17). Dawn l-emendi jipprevedu għall-ewwel darba l-possibbiltà għall-Qorti tal-Ġustizzja li tiddetermina, permezz ta' deċiżjoni, il-kundizzjonijiet li fihom att proċedurali jista' jiġi nnotifikat b'mod elettroniku. Il-Qorti tal-Ġustizzja użat din il-possibbiltà bl-adozzjoni tad-deċiżjoni tat-13 ta' Settembru 2011 dwar il-preżentata u n-notifika ta' atti proċedurali permezz tal-applikazzjoni e-Curia (ĠU L 289, p. 7). Din l-applikazzjoni, li ma hemmx dubju li ser tikkontribwixxi għall-modernizzazzjoni tal-proċeduri quddiem il-qrati tal-Unjoni, ġiet introdotta b'suċċess fil-21 ta' Novembru 2011.

Għandu jingħad ukoll li tqegħdet għodda ta' riċerka ġdida għad-dispożizzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni li, għall-ewwel darba, tagħtihom aċċess għall-informazzjoni kollha dwar il-ġurisprudenza

[1] http://curia.europa.eu/jcms/jcms/Jo2_7031/

tal-qrati tal-Unjoni sa mill-ħolqien tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-1952. Din l-għodda ta' riċerka tista' tiġi kkonsultata, bla ħlas, fuq is-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Fl-aħħar nett, f'dan l-istess kuntest, il-katalogu tal-biblijoteka tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa aċċessibbli permezz tas-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja [2]. B'hekk, qiegħda tingħata l-possibbiltà lill-utent li jwettaq, permezz tal-internet, riċerki biblijografiċi dwar id-dritt tal-Unjoni, kif ukoll dwar l-oqsma l-oħra tad-dritt koperti mill-katalogu tal-biblijoteka tal-Qorti tal-Ġustizzja, bħad-dritt internazzjonali, id-dritt komparattiv, id-dritt tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u ta' ċerti pajjiżi terzi, kif ukoll it-teorija ġenerali tad-dritt. Fil-preżent, dan il-katalogu huwa wieħed mill-iktar vasti fid-dinja fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni. Attwalment il-katalogu jinkludi madwar 340 000 entrati biblijografiċi, li iktar minn 80 000 minnhom jikkonċernaw id-dritt tal-Unjoni, u jikber b'iktar minn 20 000 entrata fis-sena.

**2.** L-istatistika ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja għas-sena 2011 turi, b'mod ġenerali, livell għoli ta' effikaċja u ta' produttività min-naħa tal-qrati tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din l-istatistika hija kkaraterizzata wkoll minn żieda kunsiderevoli fin-numru ta' kawżi mressqa.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet 550 kawża fl-2011 (ċifra netta, inklużi l-kawżi magħquda), ċifra li tirrappreżenta żieda meta mqabbla mas-sena preċedenti (522 kawża maqtugħa fl-2010). Minn dawn il-kawżi, 370 inqatgħu permezz ta' sentenza u 180 permezz ta' digriet.

Fl-2011 tressqu 688 kawża ġdida quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (irrispettivament mill-kawżi magħquda minħabba konnessjoni), ċifra li tirrappreżenta żieda sinjifikattiva meta mqabbla mas-sena 2010 (631 kawża mressqa) u li, għat-tieni sena konsekuttiva, tikkostitwixxi l-ogħla numru ta' kawżi mressqa fl-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja. Is-sitwazzjoni hija identika fir-rigward tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari. In-numru ta' kawżi għal deċiżjoni preliminari mressqa din is-sena huwa, għat-tielet sena konsekuttiva, l-ogħla numru li qatt intlaħaq u, meta mqabbel mas-sena 2009, jirrappreżenta żieda ta' 41 % (423 kawża fl-2011 u 302 kawża fl-2009). Ġew osservati wkoll żieda kbira ħafna fin-numru tal-appelli (162 fl-2011 u 97 fl-2010) u tnaqqis fin-numru ta' rikorsi diretti – bidliet dawn li ġew osservati għall-ħames sena konsekuttiva. Attwalment, ir-rikorsi diretti jirrappreżentaw biss madwar 12 % tal-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja filwaqt li dawn kienu jirrappreżentaw madwar 38 % fl-2007.

Fir-rigward tat-tul tal-proċeduri, jista' jingħad li fil-parti l-kbira tagħha l-istatistika hija daqstant pożittiva daqs kemm kienet is-sena l-oħra. F'dak li jirrigwarda r-rinviji għal deċiżjoni preliminari, it-tul medju kien ta' 16.4 xhur, tul li jirrappreżenta żieda negliġibbli mill-perspettiva tal-istatistika meta mqabbel maċ-ċifra għas-sena 2010 (16-il xahar). Fir-rigward tar-rikorsi diretti u l-appelli, it-tul medju tal-proċeduri fl-2011 kien ta' 20.2 xhur u ta' 15.4 xhur rispettivament (meta mqabbla ma' 16.7 xhur u 14.3 xhur rispettivament fl-2010).

Iż-żamma tal-effikaċja li biha l-Qorti tal-Ġustizzja tittratta l-kawżi huwa dovut kemm għar-riformi fil-metodi tax-xogħol tagħha mnedija f'dawn l-aħħar snin, u kif ukoll għall-użu iktar estiż tad-diversi strumenti proċedurali li hija għandha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tħaffef ċerti kawżi (il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, il-prijorità tad-deċiżjonijiet, il-proċedura mħaffa, il-proċedura ssemplifikata u l-possibbiltà li tagħti sentenza mingħajr konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali).

[2] http://bib-curia.eu/

Il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari ntalbet f'5 kawżi u l-Awla magħżula kkunsidrat li l-kundizzjonijiet mitluba fl-Artikolu 104b tar-Regoli tal-Proċedura kienu sodisfatti fi 2 minn dawn il-kawżi. Dawn il-kawżi nqatgħu fi żmien medju ta' 2.5 xhur.

Din is-sena tressqu 13-il talba għal proċedura mħaffa, iżda l-kundizzjonijiet mitluba mir-Regoli tal-Proċedura kienu sodisfatti biss fi 2 minnhom. Skont prassi stabbilita fl-2004, it-talbiet għal proċedura mħaffa jiġu milqugħa jew miċħuda permezz ta' digriet motivat tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, f'7 kawżi ġie aċċettat li dawn il-kawżi jingħataw prijorità fuq il-kawżi l-oħra.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja użat diversi drabi l-proċedura ssemplifikata prevista fl-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura sabiex tirrispondi għal ċerti domandi magħmula lilha permezz ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari. Fil-fatt, inqatgħu b'kollox 30 kawża permezz ta' digriet abbażi ta' din id-dispożizzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet tuża l-possibbiltà, mogħtija lilha bl-Artikolu 20 tal-Istatut tagħha, li tagħti sentenza mingħajr konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali meta l-kawża ma tqajjem ebda kwistjoni ġdida ta' dritt. Fil-fatt, nistgħu nsemmu li madwar 46 % tas-sentenzi mogħtija fl-2011 kienu mingħajr konklużjonijiet (50 % fl-2010).

Fir-rigward tat-tqassim tal-kawżi bejn id-diversi kulleġġi ġudikanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, ta' min isemmi li l-Awla Manja ddeċidiet madwar 11 %, l-Awli b'ħames Imħallfin 55 % u l-Awli bi tliet Imħallfin madwar 33 % tal-kawżi maqtugħa permezz ta' sentenza jew digriet ta' natura ġudizzjarja fl-2011. Meta mqabbla mas-sena l-oħra, wieħed ma jikkonstatax bidliet sinjifikattivi fil-proporzjon tal-kawżi ttrattati mid-diversi kulleġġi ġudikanti.

Għal informazzjoni iktar iddettaljata dwar l-istatistika tas-sena ġudizzjarja 2011, il-qarrej huwa mistieden jara l-parti ta' dan ir-rapport iddedikata għall-istatistika ġudizzjarja.

## B – Ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2011

Din il-parti tar-Rapport Annwali tagħti preżentazzjoni qasira tal-ġurisprudenza fl-2011.

*Kwistjonijiet kostituzzjonali jew istituzzjonali*

Il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet, f'diversi kawżi, tippreċiża f'liema kundizzjonijiet hija teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha. Ser jissemmew, fl-ewwel lok, numru ta' sentenzi dwar ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

Fis-sentenza tagħha *Il-Kummissjoni vs Il-Portugall* (sentenza tal-24 ta' Mejju 2011, Kawża C-52/08), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni kontra r-Repubblika Portugiża fuq il-bażi tal-allegazzjoni li din tal-aħħar ma kinitx adottat il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2005/36, dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali [1].

Fir-rigward tal-ammissibbiltà tar-rikors, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, għalkemm ir-rikors tal-Kummissjoni kien jindirizza allegat nuqqas ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2005/36, l-ittri ta' intimazzjoni u l-opinjoni motivata maħruġa mill-Kummissjoni kienu jikkonċernaw id-Direttiva 89/48, dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-ikkompletar tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin [2].

Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi fakkret li, minkejja li t-talbiet li jinsabu fir-rikors ma jistgħux, bħala regola ġenerali, jiġu estiżi lil hinn min-nuqqasijiet allegati fid-dispożittiv tal-opinjoni motivata u fl-ittra ta' intimazzjoni, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-Kummissjoni tista' tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligi li jsibu l-oriġini tagħhom fil-verżjoni inizjali ta' att tal-Unjoni, sussegwentement emendat jew imħassar, u li jkunu nżammu permezz ta' dispożizzjonijiet ta' att ġdid tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, is-suġġett tal-kontroversja ma jistax jiġi estiż għal obbligi li jirriżultaw minn dispożizzjonijiet ġodda li ma jikkorrispondux għal obbligi li jirriżultaw mill-verżjoni inizjali tal-att ikkonċernat, mingħajr ma jkun hemm ksur tar-rekwiżiti proċedurali sostanzjali li jirregolaw il-proċeduri li jikkonstataw in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

Dwar il-mertu, imbagħad, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, meta, matul il-proċess leġiżlattiv, ċirkustanzi partikolari, bħan-nuqqas tal-leġiżlatur li jieħu pożizzjoni ċara jew in-nuqqas ta' preċiżjoni fir-rigward tad-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, jagħtu lok għal sitwazzjoni ta' inċertezza, ma jkunx possibbli li jiġi kkonstatat li kien jeżisti, fi tmiem it-terminu mogħti fl-opinjoni motivata, obbligu suffiċjentement ċar għall-Istati Membri li jittrasponu direttiva. Il-Qorti tal-Ġustizzja, għaldaqstant, ċaħdet ir-rikors tal-Kummissjoni.

Fil-kawża *Il-Kummissjoni vs L-Italja* (sentenza tas-17 ta' Novembru 2011, Kawża C-496/09), il-Qorti tal-Ġustizzja kienet adita mill-Kummissjoni b'rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat kontra r-Repubblika Taljana minħabba n-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza

---

[1] Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, p. 22).

[2] Direttiva tal-Kunsill 89/48/KEE, tal-21 ta' Settembru 1988, dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 337).

preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja [3] dwar l-irkupru mingħand il-benefiċjarji ta' għajnuna mill-Istat meqjusa illegali u inkompatibbli mas-suq komuni minn deċiżjoni tal-Kummissjoni. Din tal-aħħar kienet qiegħda titlob ukoll li r-Repubblika Taljana tħallas pagamenti ta' penalità u somma f'daqqa.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, billi rreferiet għas-sentenza preċedenti mogħtija kontra r-Repubblika Taljana f'din il-kawża, li, meta deċiżjoni tal-Kummissjoni li teżiġi l-eliminazzjoni ta' għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq komuni ma tkunx is-suġġett ta' rikors dirett jew meta tali rikors ikun ġie miċħud, l-uniku motiv ta' difiża li jista' jiġi invokat minn Stat Membru huwa dak ibbażat fuq impossibbiltà assoluta li tiġi eżegwita b'mod korrett l-imsemmija deċiżjoni. La l-biża' ta' diffikultajiet interni, anki jekk insormontabbli, u lanqas il-fatt li l-Istat Membru inkwistjoni jkollu l-intenzjoni li jivverifika s-sitwazzjoni individwali ta' kull impriża kkonċernata ma jistgħu jiġġustifikaw li dan ma josservax l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, id-dewmien min-naħa tal-Istat Membru kkonċernat fir-rigward tal-implementazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, li huwa essenzjalment dovut għad-dewmien li bih dan l-Istat Membru għamel l-intervent tiegħu sabiex jirrimedja d-diffikultajiet ta' identifikazzjoni u ta' rkupru tal-ammonti ta' għajnuna illegali, ma jistax jikkostitwixxi ġustifikazzjoni valida. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li huwa irrilevanti l-fatt li l-Istat Membru kkonċernat informa lill-Kummissjoni bid-diffikultajiet li nstabu fl-irkupru tal-imsemmija għajnuna u bis-soluzzjonijiet adottati sabiex jiġu rrimedjati dawn id-diffikultajiet.

It-tieni nett, fir-rigward tal-impożizzjoni ta' sanzjonijiet pekunjarji, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 228(2) KE, hija għandha, f'kull kawża u skont iċ-ċirkustanzi tal-kawża mressqa quddiemha kif ukoll skont il-livell ta' persważjoni u ta' dissważjoni li jidhrilha li jkun meħtieġ, tadotta s-sanzjonijiet pekunjarji li jkunu xierqa sabiex tiġi żgurata l-iktar eżekuzzjoni rapida possibbli tas-sentenza li preċedentement ikkonstatat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u sabiex jiġi evitat li jerġa' jseħħ ksur simili tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, hija kkunsidrat li l-kuntest legali u fattwali tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat jista' jkun indikatur li l-prevenzjoni effettiva tar-rikorrenza fil-futur ta' ksur simili tad-dritt tal-Unjoni huwa tali li jeħtieġ l-adozzjoni ta' miżura ta' natura dissważiva. Fir-rigward tal-ammont tal-pagamenti ta' penalità, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li hija għandha, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha f'dan ir-rigward, tiffissa dan l-ammont b'mod li jkun, minn naħa, adattat għaċ-ċirkustanzi u, min-naħa l-oħra, proporzjonat għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat kif ukoll għall-kapaċità tal-Istat Membru kkonċernat li jħallas.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fid-dawl tal-għanijiet tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 228(2) KE, hija tista', fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali li ngħatat lilha fl-imsemmi artikolu, timponi, b'mod kumulattiv, pagamenti ta' penalità u somma f'daqqa.

Fit-tieni lok, ser tissemma kawża dwar ir-rikors għal annullament, jiġifieri l-kawża *Il-Kummissjoni vs Kronoply u Kronotex* (sentenza tal-24 ta' Mejju 2011, Kawża C-83/09 P).

F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tagħti deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ta' rikors għal annullament ippreżentat minn terzi kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tqajjimx oġġezzjonijiet fil-konfront ta' għajnuna mill-Istat mogħtija lil kumpannija minn Stat Membru. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-legalità ta' tali deċiżjoni, meħuda fuq il-bażi tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament

[3] Sentenza tal-1 ta' April 2004, C-99/02.

Nru 659/1999 [4], tiddependi mill-kwistjoni ta' jekk jeżistux dubji dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq komuni. Meta dubji bħal dawn jagħtu lok għall-ftuħ ta' proċedura ta' investigazzjoni formali li fiha jistgħu jipparteċipaw il-partijiet interessati msemmija fl-Artikolu 1(h) tar-regolament imsemmi, għandu jitqies li kull parti interessata fis-sens ta' din l-aħħar dispożizzjoni hija direttament u individwalment ikkonċernata minn tali deċiżjoni. Fil-fatt, l-uniku mod għall-benefiċjarji tal-garanziji proċedurali previsti fl-Artikolu 88(2) KE u fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 659/1999 sabiex jiksbu l-osservanza ta' dawn il-garanziji huwa billi jkollhom il-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet quddiem il-qorti tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-kuntest ta' rikors għal annullament, il-kwalità partikolari ta' parti interessata fis-sens tal-Artikolu 1(h) tar-Regolament Nru 659/1999, marbuta mas-suġġett speċifiku tar-rikors, hija biżżejjed sabiex tindividwalizza, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE, lir-rikorrent li jikkontesta deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-Artikolu 1(h) tar-Regolament Nru 659/1999 ma jeskludix li impriża, li ma hijiex kompetitriċi diretta tal-benefiċjarju tal-għajnuna, iżda li fil-proċess tal-produzzjoni tagħha teħtieġ l-istess materja prima bħall-imsemmi benefiċjarju, tikkwalifika bħala parti interessata, jekk kemm-il darba hija ssostni li l-interessi tagħha jistgħu jiġu affettwati mill-għoti tal-għajnuna. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-rekwiżit li jiġi identifikat is-suġġett tar-rikors, li jirriżulta mill-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, ikun sodisfatt suffiċjentement fid-dritt meta r-rikorrent jidentifika d-deċiżjoni li jkun qiegħed jitlob l-annullament tagħha. Ftit jimporta li r-rikors jindika li huwa intiż għall-annullament ta' deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet - frażi li tidher fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 659/1999 - jew ta' deċiżjoni li ma tinfetaħx il-proċedura ta' investigazzjoni formali meta b'deċiżjoni waħda l-Kummissjoni tiddeċiedi fuq iż-żewġ aspetti tal-kwistjoni.

Fl-aħħar lok, jistħoqqilhom li jiġu indikati żewġ kawżi marbuta mal-eżerċizzju mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-ġurisdizzjoni tagħha fejn jidħlu t-talbiet għal deċiżjoni preliminari.

Fil-kawża *Miles et* (sentenza tal-14 ta' Ġunju 2011, Kawża C-196/09), il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat il-kunċett ta' "qorti jew tribunal ta' Stat Membru" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li hija ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għal talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bord tal-Appell tal-Iskejjel Ewropej. Sabiex tiddetermina jekk korp ta' rinviju għandux in-natura ta' qorti jew tribunal fis-sens tal-Artikolu 267 KE, kwistjoni li taqa' unikament taħt id-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tieħu inkunsiderazzjoni sensiela ta' kriterji, bħal jekk il-korp huwiex stabbilit mil-liġi, jekk huwiex permanenti, jekk il-ġurisdizzjoni tiegħu hijiex ta' natura obbligatorja, jekk il-proċeduri quddiemu humiex *inter partes*, jekk il-korp japplikax dispożizzjonijiet legali, kif ukoll jekk huwiex indipendenti. Issa, għalkemm il-Bord tal-Appell imsemmi jissodisfa dawn il-kriterji kollha u għalhekk għandu jiġi kklassifikat bħala qorti fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, huwa madankollu ma huwiex, kif jindika dan l-artikolu, qorti ta' wieħed mill-Istati Membri iżda tal-Iskejjel Ewropej, li huma, kif jingħad fl-ewwel u t-tielet premessi tal-Konvenzjoni tal-Iskejjel Ewropej, sistema *sui generis* li tikkostitwixxi, permezz ta' ftehim internazzjonali, forma ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u bejniethom u l-Unjoni. Il-Bord tal-Appell għalhekk huwa korp ta' organizzazzjoni internazzjonali li, minkejja l-kuntatti funzjonali li għandu mal-Unjoni, jibqa' formalment distint minnha u mill-Istati Membri tagħha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-sempliċi fatt li l-Bord tal-Appell huwa obbligat li japplika l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni fil-każ li jieħu konjizzjoni ta' kawża ma huwiex biżżejjed sabiex l-imsemmi bord

[4] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [88] tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

jiddaħħal fil-kunċett ta' "qorti jew tribunal ta' Stat Membru" u b'hekk fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 267 tat TFUE.

Min-naħa tagħha, il-kawża *Lesoochranárske zoskupenie* (sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Kawża C-240/09) tat lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità tagħti deċiżjoni dwar il-ġurisdizzjoni tagħha fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' ftehim internazzjonali (il-Konvenzjoni ta' Aarhus [5]) konkluża mill-Komunità, minn naħa, u mill-Istati Membri, min-naħa l-oħra, fuq il-bażi ta' kompetenza kondiviża.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, adita skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikolu 267 TFUE, iddikjarat li għandha ġurisdizzjoni sabiex tistabbilixxi l-limiti tad-diviżjoni bejn l-obbligi li l-Unjoni tassumi u dawk li jibqgħu biss a karigu tal-Istati Membri u sabiex tinterpreta d-dispożizzjonijiet tal-konvenzjoni msemmija. Sussegwentement, kien meħtieġ li jiġi ddeterminat jekk, fil-qasam kopert mill-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-Unjoni eżerċitatx il-kompetenzi tagħha u adottatx dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-eżekuzzjoni ta' obbligi li jirriżultaw minn dan l-artikolu. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jibqgħu jaqgħu taħt id-dritt nazzjonali tal-Istati Membri. F'dan il-każ, ikunu l-qrati nazzjonali ta' dawn l-Istati li jkollhom jiddeterminaw, abbażi tad-dritt nazzjonali, jekk l-individwi jistgħux jinvokaw direttament ir-regoli ta' dan il-ftehim internazzjonali li jikkonċernaw dan il-qasam, jew ukoll jekk dawn il-qrati għandhomx japplikawhom *ex officio*. Id-dritt tal-Unjoni la jimponi u lanqas jeskludi, f'dan il-każ, li l-ordinament ġuridiku ta' Stat Membru jirrikonoxxi lill-individwi d-dritt li jinvokaw direttament din ir-regola jew jimponi fuq il-qorti l-obbligu li tapplikaha *ex officio*. Min-naħa l-oħra, jekk jiġi kkonstatat li l-Unjoni eżerċitat il-kompetenzi tagħha u adottat dispożizzjonijiet fil-qasam kopert bl-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, id-dritt tal-Unjoni japplika u tkun il-Qorti tal-Ġustizzja li jkollha tiddetermina jekk id-dispożizzjoni tal-ftehim internazzjonali inkwistjoni għandhiex effett dirett. Barra minn hekk, kwistjoni speċifika li tkun għadha ma kinitx is-suġġett ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni xorta waħda tista' taqa' taħt id-dritt tal-Unjoni meta din il-kwistjoni tkun irregolata bil-ftehim konklużi mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha u meta tkun tikkonċerna qasam li fil-parti l-kbira tiegħu jkun kopert minnu.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li hija għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u, b'mod partikolari, sabiex tiddeċiedi fuq il-kwistjoni dwar jekk dawn għandhomx effett dirett. Meta dispożizzjoni tista' tiġi applikata kemm għal sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt nazzjonali kif ukoll għal sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni, jeżisti interess ċert sabiex, bil-għan li jiġu evitati diverġenzi interpretattivi futuri,din id-dispożizzjoni tingħata interpretazzjoni uniformi, irrispettivament mill-kundizzjonijiet li fihom hija ser tiġi applikata.

Dawn il-kawżi, madankollu, huma biss eżempji tal-kontribut mogħti mill-ġurisprudenza, matul din is-sena 2011, fir-rigward tal-kjarifika ta' kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali jew istituzzjonali.

Fil-kawża *Patriciello* (sentenza tas-6 ta' Settembru 2011, Kawża C-163/10), il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattati UE, FUE u KEFA, filwaqt li ppreċiżat il-portata tal-immunità mogħtija mid-dritt tal-Unjoni lill-membri tal-Parlament Ewropew fir-rigward ta' opinjonijiet espressi jew voti mogħtija minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom.

---

[5] Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, approvata f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE, tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU L 164M, p. 17).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kellu jiġi interpretat fis-sens li dikjarazzjoni magħmula minn membru tal-Parlament Ewropew barra mill-Parlament Ewropew, li tat lok għal proċeduri kriminali fl-Istat Membru tal-oriġini tiegħu minħabba li tista' titqies li hija reat ta' kalunnja, ma tikkostitwixxix opinjoni espressa fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari koperta bl-immunità stipulata f'din id-dispożizzjoni ħlief meta din id-dikjarazzjoni tkun evalwazzjoni suġġettiva li għandha rabta diretta u ovvja mal-qadi ta' tali dmirijiet. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex sodisfatti fil-każ partikolari.

Fil-kuntest tal-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda mal-Unjoni Ewropea, fl-1 ta' Mejju 2004, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat, fil-kawża *Vicoplus et* (sentenza tal-10 ta' Frar 2011, Kawżi magħquda C-307/09 sa C-309/09), l-Artikoli 56 TFUE u 57 TFUE kif ukoll l-Artikolu 1(3)(c) tad-Direttiva 96/71 [6] dwar il-kollokament ta' ħaddiema fil-kuntest ta' provvista ta' servizzi.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 56 TFUE u 57 TFUE ma jipprekludux lil Stat Membru milli jissuġġetta, matul il-perijodu tranżitorju previst fil-paragrafu 2 tal-Kapitolu 2 tal-Anness XII tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 [7], il-kollokament, fis-sens tal-Artikolu 1(3)(c) tad-direttiva msemmija, ta' ħaddiema li jkunu ċittadini Pollakki fit-territorju tiegħu għall-kisba ta' permess tax-xogħol. Fil-fatt, tali miżura nazzjonali għandha titqies, minkejja li tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, li hija miżura li tirregola l-aċċess taċ-ċittadini Pollakki għas-suq tax-xogħol tal-Istat Membru kkonċernat fis-sens tal-paragrafu 2 tal-Kapitolu 2 tal-Anness XII tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003. Wieħed jasal għal din il-konklużjoni wkoll meta jitqies l-għan ta' dan il-paragrafu, li huwa li jiġi evitat li, wara l-adeżjoni tal-Istati Membri l-ġodda mal-Unjoni, jiġi mfixkel is-suq tax-xogħol tal-Istati Membri l-qodma, minħabba l-wasla immedjata ta' numru kbir ta' ħaddiema li jkunu ċittadini tal-imsemmija Stati Membri ġodda.

Fil-qasam tad-dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet adita, fil-kawża *Suède vs My Travel u Il-Kummissjoni* (sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Kawża C-506/08 P), b'appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali [8] li ċaħdet ir-rikors ippreżentat minn My Travel fir-rigward ta' żewġ deċiżjonijiet [9] tal-Kummissjoni li permezz tagħhom din tal-aħħar irrifjutat li tagħti aċċess għal ċerti dokumenti interni tagħha fil-kuntest ta' proċedura ta' konċentrazzjoni li kienet diġà ngħalqet.

---

[6] Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 1996, dwar l-impjieg [il-kollokament] ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni [provvista] ta' servizzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 431).

[7] Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea

[8] Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Settembru 2008, *My Travel vs Il-Kummissjoni* (T-403/05).

[9] Deċiżjoni tal-Kummissjoni D(2005) 8461, tal-5 ta' Settembru 2005, u Deċiżjoni tal-Kummissjoni D(2005) 9763, tat-12 ta' Ottubru 2005.

Ir-Regolament Nru 1049/2001 [10] dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, jipprevedi, fl-Artikolu 4, numru ta' eċċezzjonijiet li jidderogaw mill-prinċipju tal-iktar aċċess wiesa' possibbli tal-pubbliku għad-dokumenti u li, għalhekk, għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod strett. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, meta istituzzjoni tiddeċiedi li tirrifjuta l-aċċess għal dokument li ntalbet il-komunikazzjoni tiegħu, din l-istituzzjoni għandha, bħala regola ġenerali, tispjega kif l-aċċess għal dan id-dokument jista' speċifikament u effettivament jippreġudika l-interess protett - jiġifieri b'mod partikolari l-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-istituzzjoni u l-protezzjoni tal-pariri legali - li jkun qiegħed jiġi invokat minn din l-istituzzjoni.

Wara li analizzat id-dokumenti kkonċernati kollha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, b'mod partikolari, li l-Qorti Ġenerali kien imissha eżiġiet li l-Kummissjoni tindika r-raġunijiet speċifiċi li minħabba fihom din l-istituzzjoni kkunsidrat li l-iżvelar ta' wħud mid-dokumenti inkwistjoni seta' jikkawża dannu gravi għall-proċess deċiżjonali ta' din l-istituzzjoni, minkejja li l-proċedura li jirreferu għaliha dawn id-dokumenti kienet diġà ngħalqet.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, fid-deċiżjonijiet tagħha, il-Kummissjoni ma applikatx b'mod korrett l-eċċezzjoni intiża għall-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali ta' din l-istituzzjoni u lanqas ma applikat b'mod korrett dik intiża għall-protezzjoni tal-pariri legali. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk iddeċidiet li tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali u ż-żewġ deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar dawn il-punti.

Peress li wħud mill-argumenti invokati mill-Kummissjoni sabiex tirrifjuta l-iżvelar ta' ċerti dokumenti interni oħra - b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw l-eċċezzjonijiet l-oħra dwar il-protezzjoni tal-iskop ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki - ma kinux ġew eżaminati mill-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li ma kinitx f'pożizzjoni li tagħti deċiżjoni dwar dawn tal-aħħar u ddeċidiet li tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.

Fir-rigward tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fl-ordinament ġuridiku tal-Istati Membri, ingħataw żewġ sentenzi li jistħoqqilhom attenzjoni partikolari.

Fil-kawżi *Ze Fu Fleischhandel u Vion Trading* (sentenza tal-5 ta' Mejju 2011, Kawżi magħquda C-201/10 u C-202/10), il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-prinċipju ta' ċertezza legali ma jipprekludix, bħala regola ġenerali, fil-kuntest tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea ddefinit permezz tar-Regolament Nru 2988/95 [11] u skont l-Artikolu 3(3) ta' dan ir-regolament, li l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali ta' Stat Membru japplikaw, b'analoġija, għall-kwistjonijiet dwar ir-rimbors ta' rifjużjoni fuq l-esportazzjoni mħallsa indebitament, terminu ta' preskrizzjoni mislut minn dispożizzjoni nazzjonali tad-dritt komuni, bil-kundizzjoni iżda li tali applikazzjoni li tirriżulta minn prassi ġudizzjarja tkun suffiċjentement prevedibbli, kundizzjoni din li għandha tiġi vverifikata mill-qorti nazzjonali. Madankollu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipju ta' proporzjonalità jipprekludi, fil-kuntest tal-implementazzjoni mill-Istati Membri tal-possibbiltà mogħtija lilhom mill-Artikolu 3(3) tar-Regolament Nru 2988/95, l-applikazzjoni ta' terminu ta' preskrizzjoni trentennali għall-kwistjonijiet dwar ir-rimbors ta' rifużjonijiet imħallsa indebitament. Fil-fatt, fid-dawl tal-għan tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, li fir-rigward tiegħu l-

[10] Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

[11] Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95, tat-18 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340).

leġiżlatur tal-Unjoni kkunsidra li perijodu ta' preskrizzjoni ta' erba' snin, jekk mhux ukoll ta' tliet snin, kien diġà fih innifsu perijodu suffiċjenti sabiex jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali jinvestigaw irregolarità li tippreġudika dawn l-interessi finanzjarji u li tista' twassal għall-adozzjoni ta' miżura bħall-irkupru ta' vantaġġ miksub indebitament, il-fatt li l-awtoritajiet jingħataw perijodu ta' tletin sena jmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju għal amministrazzjoni diliġenti. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, f'sitwazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament imsemmi, il-prinċipju ta' ċertezza legali jipprekludi li terminu ta' preskrizzjoni "itwal", fis-sens tal-Artikolu 3(3) ta' dan ir-regolament, ikun jista' jirriżulta minn terminu ta' preskrizzjoni tad-dritt komuni, li jitnaqqas skont prassi ġudizzjarja sabiex b'hekk l-applikazzjoni tiegħu tissodisfa l-prinċipju ta' proporzjonalità, u dan sa fejn, fi kwalunkwe każ, f'tali ċirkustanzi, għandu jiġi applikat it-terminu ta' preskrizzjoni ta' erba' snin previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-regolament imsemmi.

Fil-kawża *Lady & Kid A et* (sentenza tas-6 ta' Settembru 2011, Kawża C-398/09), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-irkupru ta' ammonti mħallsa indebitament għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-irkupru ta' ammonti mħallsa indebitament jista' jagħti lok għal arrikkiment indebitu biss f'sitwazzjoni fejn l-ammonti mħallsa indebitament minn persuna taxxabbli minħabba taxxa miġbura fi Stat Membru bi ksur tad-dritt tal-Unjoni jkunu ġew ittrasferiti direttament fuq ix-xerrej. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi li Stat Membru jirrifjuta r-rimbors ta' taxxa illegali għar-raġuni li l-ammonti mħallsa indebitament mill-persuna taxxabbli jkunu ġew ikkumpensati permezz ta' vantaġġ li jirriżulta mill-fatt li fl-istess ħin ikunu tneħħew taxxi oħra sa fejn tali kumpens ma jistax jitqies, mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, bħala arrikkiment indebitu fir-rigward ta' din it-taxxa.

Fir-rigward tal-kontribut tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-definizzjoni tal-effetti tal-ftehim konklużi mill-Unjoni ma' Stati terzi, għandhom jissemmew il-kawżi *Unal* (sentenza tad-29 ta' Settembru 2011, Kawża C-187/10) u *Pehlivan* (sentenza tas-16 ta' Ġunju 2011, Kawża C-484/07), fejn tqajmu kwistjonijiet importanti dwar l-interpretazzjoni ta' ftehim internazzjonali, b'mod partikolari tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija [12].

Fil-qasam tal-ftehim internazzjonali, għandha tissemma wkoll sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus [13] (sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, *Lesoochranárske zoskupenie,* C-240/09).

Fil-kawża *Unal*, iċċitata iktar 'il fuq, l-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija Nru 1/80 (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Nru 1/80") għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jirtiraw il-permess ta' residenza ta' ħaddiem Tork b'effett retroattiv għad-data li fiha l-kundizzjoni li għaliha d-dritt nazzjonali kien jissuġġetta l-għoti tal-permess tiegħu waqfet teżisti, meta dan il-ħaddiem ma kien ħati ta' ebda aġir frawdolenti u meta dan l-irtirar seħħ wara l-iskadenza tal-perijodu ta' sena xogħol regolari previst fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1) ta' din id-deċiżjoni. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, minn naħa, din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata b'mod li jippermetti lil Stat Membru jibdel unilateralment il-portata tas-sistema ta' integrazzjoni progressiva taċ-ċittadini Torok fis-suq tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti. Min-naħa l-oħra, jekk ma jiġix irrikonoxxut li tali ħaddiem ibbenefika fl-Istat Membru ospitanti minn

[12] Deċiżjoni tal-Kunsill 64/732/KEE, tat-28 ta' Diċembru 1963, dwar il-konklużjoni ta' Ftehim dwar il-ħolqien ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 11, p. 10).

[13] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 5.

impjieg regolari għal iktar minn sena jkun qiegħed jinkiser il-prinċipju ġenerali tar-rispett tad-drittijiet kweżiti li jipprovdi li, meta ċittadin Tork ikun jista' jinvoka b'mod validu drittijiet taħt dispożizzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1/80, dawn id-drittijiet ma jibqgħux jiddependu fuq il-kontinwazzjoni taċ-ċirkustanzi li kienu nisslu dawn id-drittijiet, u dan sa fejn din id-deċiżjoni ma timponix kundizzjoni ta' dan it-tip.

It-tieni nett, fil-kawża *Pehlivan*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li kemm mis-supremazija tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mill-effett dirett ta' dispożizzjoni bħall-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 jirriżulta li l-Istati Membri ma humiex awtorizzati jemendaw unilateralment il-portata tas-sistema ta' integrazzjoni progressiva taċ-ċittadini Torok fl-Istat Membru ospitanti u li l-Istati Membri ma għandhomx il-possibbiltà li jadottaw miżuri ta' natura li jxekklu l-istatus ġuridiku speċifikament irrikonoxxut lil tali ċittadini mil-liġi li tirregola l-Assoċjazzjoni KEE-Turkija. Għalhekk, membru tal-familja ta' ħaddiem Tork li jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 jista' jitlef id-drittijiet mogħtija lilu minn din id-dispożizzjoni f'żewġ każijiet biss, jiġifieri meta l-preżenza tal-immigrant Tork fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti tikkostitwixxi, minħabba l-aġir personali tiegħu, perikolu reali u gravi għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-saħħa pubblika, skont l-Artikolu 14(1) tal-imsemmija deċiżjoni, jew meta l-persuna kkonċernata tkun ħalliet it-territorju ta' dan l-Istat għal perijodu sinjifikattiv u mingħajr raġunijiet leġittimi.

Fl-aħħar nett, fil-kawża *Lesoochranárske zoskupenie*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 9(3) [14] tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (il-Konvenzjoni ta' Aarhus) ma għandux effett dirett fid-dritt tal-Unjoni. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tinterpreta, sa fejn huwa possibbli, id-dritt proċedurali li jirrigwarda l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti sabiex jiġi eżerċitat rikors amministrattiv jew ġudizzjarju inkonformità kemm mal-għanijiet tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus kif ukoll mal-għan ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva ta' drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni, b'tali mod li organizzazzjoni għall-ħarsien tal-ambjent tkun tista' tikkontesta quddiem qorti deċiżjoni adottata wara proċedura amministrattiva li tista' tmur kontra d-dritt tal-Unjoni dwar l-ambjent. Fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam, huwa l-ordinament ġuridiku nazzjonali ta' kull wieħed mill-Istati Membri li għandu jirregola l-modalitajiet proċedurali ta' rikorsi intiżi sabiex jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet li l-individwi għandhom bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni, filwaqt li l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà li jiżguraw, f'kull każ, protezzjoni effettiva ta' dawn id-drittijiet. F'dan ir-rigward, il-modalitajiet proċedurali ta' rikorsi intiżi sabiex jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet li l-individwi għandhom bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirrigwardaw rikorsi simili previsti mil-leġiżlazzjoni interna (prinċipju ta' ekwivalenza) u ma għandhomx jirrendu prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju ta' drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (prinċipju ta' effettività).

Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni u d-drittijiet marbuta magħhom huma suġġetti li għad iridu jiġu eżaminati minn diversi aspetti.

Fil-kawża *Ruiz Zambrano* (sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Kawża C-34/09), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni delikata ta' jekk id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar iċ-ċittadinanza

---

[14] "Barra minn hekk, u bla ħsara għall-proċeduri ta' stħarriġ imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-artikolu, kull parti għandha tiżgura li l-membri tal-pubbliku li jissodisfaw il-kriterji eventwali stabbiliti fid-dritt nazzjonali jkollhom aċċess għall-proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji biex jikkontestaw atti jew ommissjonijiet ta' individwi privati jew ta' awtoritajiet pubbliċi li jiksru xi dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali tagħha li tirrigwarda l-ambjent." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

tal-Unjoni jagħtux lil ċittadin ta' Stat terz, ġenitur li jassumi r-responsabbiltà għal uliedu minuri, ċittadini tal-Unjoni, dritt jirrisjedi u jaħdem fl-Istat Membru li tiegħu wliedu għandhom iċ-ċittadinanza, fejn huma residenti u li minnu qatt ma telqu minn meta twieldu. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Artikolu 20 TFUE jipprekludi li Stat Membru, minn naħa, jirrifjuta lil ċittadin ta' Stat terz, li jassumi r-responsabbiltà għal uliedu minuri, ċittadini tal-Unjoni, ir-residenza fl-Istat Membru ta' residenza ta' dawn tal-aħħar u li tiegħu għandhom iċ-ċittadinanza u, min-naħa l-oħra, jirrifjuta lill-imsemmi ċittadin ta' Stat terz permess ta' xogħol, sa fejn tali deċiżjonijiet iċaħħdu lill-imsemmija wlied mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet marbuta mal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni. Fil-fatt, l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni huwa intiż li jkun l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri. Issa, tali rifjut ta' residenza jkollu l-konswegwenza li l-imsemmija wlied, li huma ċittadini tal-Unjoni, ser ikunu obbligati jitilqu mit-territorju tal-Unjoni sabiex jakkumpanjaw lill-ġenituri tagħhom. Bl-istess mod, jekk ma jingħatax permess ta' xogħol lil tali persuna, din tirriskja li ma jkollhiex riżorsi neċessarji sabiex tlaħħaq mal-ħtiġijiet tagħha u dawk tal-familja tagħha, bil-konsegwenza li wliedha, li huma ċittadini tal-Unjoni, ikunu obbligati li jitilqu mit-territorju tagħha. F'tali kundizzjonijiet, l-imsemmija ċittadini tal-Unjoni jkunu, fil-fatt, f'pożizzjoni fejn ikun impossibli għalihom li jeżerċitaw l-essenzjal tad-drittijiet mogħtija mill-istatus tagħhom bħala ċittadini tal-Unjoni.

Fil-kawża *McCarthy* (sentenza tal-5 ta' Mejju 2011, Kawża C-434/09), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tevalwa jekk id-dispożizzjonijiet dwar iċ-ċittadinanza tal-Unjoni japplikawx għas-sitwazzjoni ta' ċittadin tal-Unjoni li qatt ma uża d-dritt ta' moviment liberu tiegħu, li għex dejjem fi Stat Membru li tiegħu għandu ċ-ċittadinanza u li, barra minn hekk, għandu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru ieħor. L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2004/38, dwar il-moviment liberu u dwar ir-residenza libera [15] ma japplikax għal tali ċittadin tal-Unjoni. Din il-konstatazzjoni ma tistax tiġi influwenzata mill-fatt li dan iċ-ċittadin ikollu wkoll iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru differenti minn dak fejn ikun residenti. Fil-fatt, il-fatt li ċittadin tal-Unjoni jkollu ċ-ċittadinanza ta' iktar minn Stat Membru wieħed ma jfissirx b'daqshekk li dan iċ-ċittadin uża d-dritt ta' moviment liberu tiegħu. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Artikolu 21 TFUE ma japplikax għal ċittadin tal-Unjoni li qatt ma uża d-dritt ta' moviment liberu tiegħu, li għex dejjem fi Stat Membru li tiegħu għandu ċ-ċittadinanza u li, barra minn hekk, għandu ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru ieħor, sa fejn is-sitwazzjoni ta' dan iċ-ċittadin ma timplikax l-applikazzjoni ta' miżuri ta' Stat Membru li jista' jkollhom l-effett li jċaħħduh mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni jew li jostakolaw l-eżerċizzju tad-dritt tiegħu ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri. Il-fatt li ċittadin ikollu, minbarra ċ-ċittadinanza tal-Istat Membru fejn jirrisjedi, iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru ieħor ma jistax ikun biżżejjed, waħdu, sabiex jitqies li s-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata taqa' taħt l-Artikolu 21 TFUE sa fejn din is-sitwazzjoni ma għandha ebda fattur ta' konnessjoni ma' xi waħda mis-sitwazzjonijiet koperti mid-dritt tal-Unjoni u sa fejn l-elementi rilevanti kollha ta' din is-sitwazzjoni huma limitati fi ħdan Stat Membru wieħed.

Min-naħa tagħha, il-kawża *Dereci et* (sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, Kawża C-256/11) qajmet il-kwistjoni ta' jekk id-dispożizzjonijiet dwar iċ-ċittadinanza tal-Unjoni jippermettux lil ċittadin ta' Stat terz jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru f'sitwazzjoni fejn dan iċ-ċittadin ikun jixtieq jirrisjedi ma' membru tal-familja tiegħu, li huwa ċittadin tal-Unjoni, li jirrisjedi f'dan l-Istat

---

[15] Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

Membru li huwa ċittadin tiegħu, li qatt ma eżerċita d-dritt tiegħu għall-moviment liberu u li ma jiddependix fuq l-imsemmi ċittadin għall-għajxien tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li d-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tiegħu dwar iċ-ċittadinanza tal-Unjoni, ma jipprekludix li Stat Membru jirrifjuta li ċittadin ta' Stat terz jirrisjedi fit-territorju tiegħu, f'sitwazzjoni fejn dan iċ-ċittadin ikun jixtieq jirrisjedi ma' membru tal-familja tiegħu, li huwa ċittadin tal-Unjoni, li jirrisjedi f'dan l-Istat Membru li huwa ċittadin tiegħu u li qatt ma eżerċita d-dritt tiegħu għall-moviment liberu, bil-kundizzjoni li tali rifjut ma jimplikax, għaċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernat, iċ-ċaħda tat-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, kundizzjoni li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju. F'dan ir-rigward, il-kriterju dwar iċ-ċaħda tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni jirreferi għal sitwazzjonijiet ikkaratterizzati mill-fatt li ċ-ċittadin tal-Unjoni jkun fil-fatt obbligat jitlaq mit-territorju mhux biss tal-Istat Membru li huwa ċittadin tiegħu, iżda wkoll mit-territorju tal-Unjoni fl-intier tiegħu. Għaldaqstant, is-sempliċi fatt li jista' jidher ideali għal ċittadin ta' Stat Membru, għal raġunijiet ekonomiċi jew sabiex iżomm il-familja tiegħu flimkien fit-territorju tal-Unjoni, li membri tal-familja tiegħu, li ma għandhomx iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru, ikunu jistgħu jgħixu miegħu fit-territorju tal-Unjoni, ma huwiex suffiċjenti sabiex jiġi kkunsidrat li ċ-ċittadin tal-Unjoni jkun obbligat jitlaq mit-territorju tal-Unjoni jekk tali dritt ma jingħatax.

Fil-kawża *Aladzhov* (sentenza tas-17 ta' Novembru 2011, Kawża C-434/10), il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 27(1) u (2) tad-Direttiva 2004/38 [16]. Hawnhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix liġi ta' Stat Membru li tippermetti lill-awtorità amministrattiva tipprojbixxi lil ċittadin ta' dan l-Istat milli jitlaq minnu minħabba li dejn fiskali tal-kumpannija li huwa wieħed mid-diretturi tagħha ma tħallasx, bil-kundizzjoni doppja, madankollu, li l-miżura inkwistjoni tkun intiża sabiex tikkumbatti, f'ċerti ċirkustanzi eċċezzjonali li jistgħu jirriżultaw b'mod partikolari min-natura jew mill-ammont ta' dan id-dejn, theddida ġenwina, attwali u serja biżżejjed li għandha impatt fuq interess fundamentali tas-soċjetà u li l-għan li jrid jintlaħaq ma jkunx intiż biss għal skopijiet ekonomiċi. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika li din il-kundizzjoni doppja tiġi sodisfatta. Fil-fatt, minn naħa, bħala regola ġenerali ma jistax jiġi eskluż li n-nuqqas ta' rkupru ta' djun fiskali jista' jaqa' taħt ir-rekwiżiti tal-ordni pubbliku. Min-naħa l-oħra, meta l-irkupru tad-djun ta' natura pubblika, b'mod partikolari dawk tat-taxxi, ikun intiż sabiex jiġi żgurat il-finanzjament tal-interventi tal-Istat Membru kkonċernat skont l-għażliet li jikkostitwixxu, b'mod partikolari, l-espressjoni tal-politika ġenerali tiegħu fil-qasam ekonomiku u soċjali, il-miżuri adottati mill-awtoritajiet tal-Istat bil-għan li jiġi żgurat dan l-irkupru ma jistgħux jiġu kkunsidrati, bħala regola ġenerali, li ġew adottati esklużivament għal skopijiet ekonomiċi fis-sens tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2004/38. Dejjem skont il-Qorti tal-Ġustizzja, anki jekk jitqies li l-miżura ta' projbizzjoni ta' ħruġ mit-territorju kienet ġiet adottata fil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2004/38, il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 27(2) tal-istess direttiva jipprekludu tali miżura jekk tkun ibbażata biss fuq l-eżistenza tad-dejn fiskali tal-kumpannija li l-parti kkonċernata tkun waħda mid-diretturi tagħha, u minħabba din il-kwalità biss, bl-esklużjoni ta' kull evalwazzjoni speċifika tal-aġir personali tal-persuna kkonċernata u mingħajr ebda riferiment għal xi theddid li dan jikkostitwixxi għall-ordni pubbliku, u jekk il-projbizzjoni ta' ħruġ mit-territorju ma tkunx adatta sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan li hija trid tilħaq u teċċedi dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq. Għal darba oħra, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk dan huwiex il-każ fil-kawża li titressaq quddiemha.

Il-kawża *Runevič-Vardyn u Wardyn* (sentenza tat-12 ta' Mejju 2011, Kawża C-391/09) tat lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità tagħti deċiżjoni dwar ir-regoli tal-kitba, fl-atti dwar l-istatus ċivili ta' Stat Membru, tal-ismijiet u tal-kunjomijiet ta' ċittadini tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel

[16] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 15.

nett, iddeċidiet li l-Artikolu 21 TFUE ma jipprekludix lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru milli jirrifjutaw, filwaqt li jaġixxu b'mod konformi ma' leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-kunjomijiet u l-ismijiet ta' persuna jistgħu jinkitbu fl-atti dwar l-istatus ċivili ta' dan l-Istat biss f'forma li tosserva r-regoli ortografiċi tal-lingwa uffiċjali nazzjonali, li jbiddlu fiċ-ċertifikati tat-twelid u taż-żwieġ ta' wieħed miċ-ċittadini tiegħu l-kunjom u l-isem ta' dan iċ-ċittadin skont ir-regoli ortografiċi ta' Stat Membru ieħor. Il-fatt li l-kunjom u l-isem tal-persuna ma jistgħux jinbidlu u jinkitbu fl-atti dwar l-istatus ċivili tal-Istat Membru tal-oriġini tagħha ħlief bil-karattri tal-lingwa tal-Istat Membru msemmi l-aħħar, ma jistax jikkostitwixxi trattament inqas favorevoli minn dak li din il-persuna tgawdi qabel ma tuża l-opportunitajiet mogħtija mit-Trattat fir-rigward tal-moviment liberu tal-persuni u, għaldaqstant, ma huwiex ta' natura li jiddiswadiha milli teżerċita d-drittijiet ta' moviment irrikonoxxut mill-Artikolu 21 TFUE. It-tieni nett, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 21 TFUE ma jipprekludix lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru milli jirrifjutaw, filwaqt li jaġixxu b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni deskritta iktar 'il fuq, li jbiddlu l-kunjom komuni għal koppja miżżewġa ta' ċittadini tal-Unjoni, kif jinsab fl-atti dwar l-istatus ċivili maħruġa mill-Istat Membru tal-oriġini ta' wieħed minn dawn iċ-ċittadini, f'forma li tosserva r-regoli ortografiċi tal-Istat imsemmi l-aħħar, bil-kundizzjoni li dan ir-rifjut ma jikkawżax, għall-imsemmija ċittadini tal-Unjoni, inkonvenjenti serji ta' natura amministrattiva, professjonali u privata, ħaġa li għandha tiġi ddeterminata mill-qorti tar-rinviju. Jekk jirriżulta li dan huwa l-każ, il-qorti tar-rinviju għandha tivverifika wkoll jekk ir-rifjut li jsiru tibdiliet huwiex meħtieġ għall-protezzjoni tal-interessi li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprova tiggarantixxi u huwiex proporzjonali għall-għan imfittex leġittimament. Fl-aħħar nett, dejjem skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 21 TFUE ma jipprekludix lil dawn l-istess awtoritajiet milli jirrifjutaw, filwaqt li jaġixxu b'mod konformi ma' din il-leġiżlazzjoni nazzjonali, li jbiddlu ċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' ċittadin tal-Unjoni li jkun ċittadin ta' Stat Membru ieħor sabiex l-ismijiet tal-imsemmi ċittadin jinkitbu f'dan iċ-ċertifikat b'marki dijakritiċi kif kienu nkitbu fl-atti dwar l-istatus ċivili maħruġa mill-Istat Membru tal-oriġini tiegħu u f'forma li tosserva r-regoli ortografiċi tal-lingwa uffiċjali nazzjonali tal-Istat imsemmi l-aħħar.

Sussegwentement għas-sentenza *Lassal* [17], l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2004/38 [18] reġa' kien is-suġġett ta' interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża *Dias* (sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Kawża C-325/09), li oriġinat mill-istess qorti tar-rinviju. Hawnhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 16(1) u 16(4) tad-Direttiva 2004/38 għandhom jiġu interpretati fis-sens li perijodi ta' residenza mwettqa qabel id-data ta' traspożizzjoni ta' din tal-aħħar, jiġifieri t-30 ta' April 2006, abbażi biss ta' permess ta' residenza maħruġ b'mod validu skont id-Direttiva 68/360 [19] u mingħajr ma jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li bihom jibbenefikaw minn kwalunkwe dritt ta' residenza, ma jistgħux jitqiesu li jkunu mwettqa legalment għall-finijiet tal-ksib tad-dritt ta' residenza permanenti skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2004/38, u li perijodi ta' residenza ta' inqas minn sentejn konsekuttivi, imwettqa abbażi biss ta' permess ta' residenza maħruġ b'mod validu skont id-Direttiva 68/360 u mingħajr ma jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li bihom jibbenefikaw minn dritt ta' residenza, li seħħew qabel it-30 ta' April 2006 u wara residenza legali kontinwa ta' ħames snin imwettqa qabel din id-data, ma humiex ta' natura li jaffettwaw il-ksib tad-dritt ta' residenza permanenti skont l-imsemmi Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2004/38. Fil-fatt, għalkemm l-Artikolu 16(4) tad-Direttiva 2004/38 jirreferi biss għall-assenzi mill-Istat Membru ospitanti, ir-rabta ta' integrazzjoni bejn il-persuna kkonċernata u dan l-Istat Membru hija wkoll ippreġudikata fil-każ ta' ċittadin li, filwaqt li għex legalment matul perijodu kontinwu ta' ħames

[17] Sentenza tas-7 ta' Ottubru 2010, *Lassal*, C-162/09. Ara r-Rapport Annwali 2010, p. 17.

[18] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 15.

[19] Direttiva tal-Kunsill 68/360/KEE, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar it-tneħħija ta' restrizzjonijiet fuq il-moviment u residenza fi ħdan il-Komunità għal ħaddiema ta' Stati Membri u l-familji tagħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 27)

snin, sussegwentment jiddeċiedi li jibqa' f'dan l-Istat Membru mingħajr ma jkollu dritt ta' residenza. F'dan ir-rigward, l-integrazzjoni, li hija ċentrali għall-ksib tad-dritt ta' residenza permanenti previst fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2004/38, ma hijiex ibbażata biss fuq fatturi territorjali u temporali, imma wkoll fuq fatturi kwalitattivi, li jirrigwardaw il-livell ta' integrazzjoni fl-Istat Membru ospitanti.

Fl-aħħar nett, fil-kawża *Steward* (sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Kawża C-503/09), dwar in-natura ta' benefiċċju ta' invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' dan il-benefiċċju, li mhux biss kienu jeżiġu l-preżenza tal-applikant fit-territorju tal-Istat Membru fil-mument meta ssir l-applikazzjoni iżda wkoll il-preżenza preċedenti tiegħu fit-territorju ta' dan l-Istat. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 21(1) TFUE jipprekludi li Stat Membru jissuġġetta l-għoti ta' benefiċċju ta' invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà għal kundizzjoni ta' preżenza preċedenti tal-applikant fit-territorju tiegħu bl-esklużjoni ta' kull element ieħor li jippermetti li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta reali bejn l-applikant u dan l-Istat Membru, u għal kundizzjoni ta' preżenza tal-applikant fit-territorju tiegħu fil-mument meta ssir l-applikazzjoni.

## *Moviment liberu tal-merkanzija*

Għalkemm f'dan il-qasam il-ġurisprudenza kienet inqas abbundanti milli kienet għal dawn l-aħħar snin, in-numru ta' kawżi mressqa baqa' wieħed kunsiderevoli.

Pereżempju, fil-kawża *Francesco Guarnieri & Cie* (sentenza tas-7 ta' April 2011, Kawża C-291/09), li kienet tikkonċerna tilwima kummerċjali bejn kumpannija rregolata mid-dritt ta' Monako u oħra mid-dritt tal-Belġju, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, l-ewwel nett, li l-merkanzija li toriġina minn Monako tibbenefika mir-regoli tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-merkanzija. Fil-fatt, skont l-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament Nru 2913/92 [20], li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali Komunitarju, it-territorju tal-Prinċipalità ta' Monako huwa kkunsidrat bħala li jifforma parti mit-territorju doganali tal-Unjoni. Peress li ebda dazju doganali jew ebda taxxa li għandha effett ekwivalenti ma jistgħu, konsegwentement, jiġu applikati fuq il-kummerċ bejn Monako u l-Istati Membri, il-merkanzija li toriġina minn Monako, esportata direttament lejn Stat Membru, għandha tiġi ttrattata daqs li kieku kienet toriġina mill-imsemmija Stati Membri. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' jekk leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, li tobbliga lil kull ċittadin barrani, bħaċ-ċittadini ta' Monako, jikkostitwixxi *cautio judicatum solvi* meta jkollu l-intenzjoni jiftaħ proċedura ġudizzjarja kontra ċittadin ta' dan l-Istat Membru, meta tali rekwiżit ma huwiex impost fuq iċ-ċittadini nazzjonali, tikkostitwixxix ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija fuq il-bażi tal-Artikolu 34 TFUE. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet fin-negattiv. Hija qalet li huwa minnu li miżura bħal din twassal sabiex l-operaturi ekonomiċi li jkunu jixtiequ jiftħu proċedura ġudizzjarja jkunu suġġetti għal sistema proċedurali differenti skont jekk huma għandhomx jew le ċ-ċittadinanza tal-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, il-fatt li ċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra jeżitaw, minħabba f'dan, li jbigħu merkanzija lil xerrejja stabbiliti fl-imsemmi Stat Membru u li għandhom iċ-ċittadinanza ta' dan tal-aħħar, huwa wisq inċert u indirett sabiex tali miżura nazzjonali tkun tista' titqies li hija ta' natura li tostakola l-kummerċ intra-Komunitarju. Għalhekk, ir-rabta kawżali bejn il-bdil eventwali tal-kummerċ intra-Komunitarju u d-differenza ta' trattament inkwistjoni ma tistax tiġi kkunsidrata bħala stabbilita.

[20] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307).

Għandha tissemma wkoll sentenza oħra dwar il-moviment liberu tal-merkanzija. Din hija l-kawża *Il-Kummissjoni vs L-Awstrija* (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Kawża C-28/09) li fiha kien hemm inkwistjoni leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lit-trakkijiet ta' iktar minn 7.5 tunnellati li jkunu qegħdin jittrasportaw ċerta merkanzija milli jgħaddu minn medda ta' triq ta' importanza kbira, li tikkostitwixxi waħda mit-toroq prinċipali ta' komunikazzjoni bejn ċerti Stati Membri. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, Stat Membru li jistabbilixxi tali leġiżlazzjoni, bil-għan li tiġi ggarantita l-kwalità tal-arja ċirkostanti fiż-żona kkonċernata, skont l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 96/62, dwar l-istima u l-immaniġġjar tal-kwalità tal-arja ċirkostanti [21], moqri flimkien mad-Direttiva 1999/30/KE, dwar il-valuri ta' limitu tad-dijossidu tal-kubrit, tad-dijossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu, materji f'partiċelli u ċomb fl-arja ambjentali [22], jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 28 KE u 29 KE. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, sa fejn iġġiegħel lill-impriżi kkonċernati jfittxu soluzzjonijiet alternattivi li jħallu profitt għat-trasport tal-merkanzija kkonċernata, tali projbizzjoni tostakola l-moviment liberu tal-merkanzija u għandha titqies li hija miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi, li hija inkompatibbli mal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 28 KE u 29 KE jekk ma tkunx oġġettivament iġġustifikata. Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm rekwiżiti imperattivi marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent, li bħala regola ġenerali tinkludi wkoll il-protezzjoni tas-saħħa, jistgħu jiġġustifikaw miżuri nazzjonali li jistgħu jostakolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, bil-kundizzjoni li dawn il-miżuri jkunu adegwati sabiex jiġi żgurat li jintlaħaq dan l-għan u bil-kundizzjoni li ma jmorrux lil hinn minn dak li jkun neċessarju sabiex jintlaħaq, il-projbizzjoni msemmija ma tistax tiġi ġġustifikata fuq din il-bażi sa fejn ma jkunx intwera li l-għan segwit ma setax jintlaħaq permezz ta' miżuri oħra li jkunu inqas restrittivi fil-konfront tal-moviment liberu, b'mod partikolari bl-estensjoni tal-projbizzjoni ta' ċirkulazzjoni li tapplika għat-trakkijiet ta' ċerti klassi għal dawk li jaqgħu fi klassijiet oħra jew bis-sostituzzjoni tal-limitazzjoni ta' veloċità varjabbli b'limitazzjoni ta' veloċità permanenti ta' 100 kilometru fis-siegħa.

### *Moviment liberu tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital*

Din is-sena l-Qorti tal-Ġustizzja reġgħet tat numru kbir ta' sentenzi fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment, tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, tal-moviment liberu tal-kapital u tal-moviment liberu tal-ħaddiema. Għal finijiet ta' ċarezza, is-sentenzi magħżula ser jinġabru skont il-libertà kkonċernata u mbagħad, jekk ikun il-każ, skont l-oqsma ta' attivitajiet ikkonċernati.

Fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, f'diversi kawżi konnessi, dwar il-kunċett ta' attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika u l-esklużjoni tal-professjoni ta' nutar mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 49 TFUE (li kien l-Artikolu 43 KE). Adita b'rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra sitt Stati Membri li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom kienet tillimita l-aċċess għall-professjoni ta' nutar għaċ-ċittadini nazzjonali biss, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenzi tagħha *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju* (sentenza tal-24 ta' Mejju 2011, C-47/08), *Il-Kummissjoni vs Franza* (sentenza tal-24 ta' Mejju 2011, Kawża C-50/08), *Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu* (sentenza tal-24 ta' Mejju 2011, Kawża C-51/08), *Il-Kummissjoni vs L-Awstrija* (sentenza tal-24 ta' Mejju 2011, Kawża C-53/08),

---

[21] Direttiva tal-Kunsill 96/62/KE, tas-27 ta' Settembru 1996, dwar l-istima u l-immaniġġar tal-kwalità tal-arja ċirkostanti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 95).

[22] Direttiva tal-Kunsill 1999/30/KE, tat-22 ta' April 1999, dwar il-valuri ta' limitu tad-dijossidu tal-kubrit, tad-dijossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu, materji f'partiċelli u ċomb fl-arja ambjentali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 164).

*Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* (sentenza tal-24 ta' Mejju 2011, Kawża C-54/08), u *Il-Kummissjoni vs Il-Greċja* (sentenza tal-24 ta' Mejju 2011, Kawża C-61/08), li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE jikkostitwixxi deroga mir-regola fundamentali tal-libertà ta' stabbiliment, deroga li għandha tingħata interpretazzjoni li tillimita l-portata tagħha għal dak li huwa strettament neċessarju sabiex jiġu mħarsa l-interessi li l-Istati Membri jistgħu jipproteġu abbażi ta' din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, din id-deroga għandha tkun ristretta biss għall-attivitajiet li, fihom infushom, jikkostitwixxu parteċipazzjoni diretta u speċifika fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi ppreċiżat li, fir-rigward tal-attivitajiet fdati lin-nutara, sabiex jiġi vverifikat jekk dawn l-attivitajiet jinkludux tali parteċipazzjoni diretta u speċifika fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika, hemm lok li tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura tal-attivitajiet eżerċitati min-nutara. F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, fir-rigward tad-diversi attivitajiet eżerċitati min-nutara fl-Istati Membri kkonċernati, ma setax jingħad li dawn jikkostitwixxu parteċipazzjoni diretta u speċifika fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE (li sar l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 51 TFUE), minkejja l-effetti legali kunsiderevoli tal-atti tagħhom, sa fejn kemm ir-rieda tal-partijiet kif ukoll il-verifika jew id-deċiżjoni tal-qorti li jkollhom importanza partikolari. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat ukoll li, fil-limiti tal-kompetenzi territorjali rispettivi tagħhom, in-nutara jeżerċitaw il-professjoni tagħhom f'kundizzjonijiet kompetittivi, karatteristika din li ma hijiex tipika tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. Bl-istess mod, in-nutara huma direttament u personalment responsabbli, fir-rigward tal-klijenti tagħhom, għad-danni li jirriżultaw minn kull żball imwettaq fl-eżerċizzju tal-attivitajiet tagħhom, li ma huwiex il-każ fir-rigward tal-awtoritajiet pubbliċi fejn ir-responsabbiltà delittwali hija assunta mill-Istat. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li kull wieħed mill-Istati konvenuti kien naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 43 KE (li sar l-Artikolu 49 TFUE), sa fejn l-attivitajiet fdati lin-nutari fl-ordinament ġuridiku ta' kull wieħed minn dawn l-Istati ma jikkostitwixxux parteċipazzjoni fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE (li sar l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 51 TFUE).

Dejjem fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll il-ġurisprudenza tagħha dwar ir-restrizzjonijiet imposti fir-rigward tat-trasferiment tal-uffiċċju rreġistrat ta' kumpannija fi Stat Membru li ma jkunx dak fejn tkun ġiet inkorporata.

B'hekk, fil-kawża *National Grid Indus* (sentenza tad-29 ta' Novembru 2011, Kawża C-371/10), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 49 TFUE ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li, abbażi tagħha, l-ammont ta' taxxa fuq il-qligħ kapitali moħbi marbut mal-elementi tal-patrimonju ta' kumpannija jiġi ffissat b'mod finali - mingħajr ma jiġu kkunsidrati la t-telf kapitali u lanqas il-qligħ kapitali li jistgħu jitweqqtu sussegwentement - fil-mument li fih il-kumpannija, minħabba t-trasferiment tas-sede tal-amministrazzjoni effettiva tagħha lejn Stat Membru ieħor, tieqaf tagħmel qligħ taxxabbli fl-ewwel Stat Membru. F'dan ir-rigward, ma huwiex importanti li l-qligħ kapitali moħbi ntaxxat jintrabat mal-profitti valutarji li ma setgħux jiġu ddikjarati fl-Istat Membru ospitanti minħabba s-sistema fiskali fis-seħħ fl-imsemmi Stat Membru. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali leġiżlazzjoni tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità fid-dawl tal-għan tagħha, li huwa li l-qligħ kapitali li jirriżulta fil-kuntest tal-kompetenza fiskali tal-Istat Membru ta' oriġini jiġi ssuġġettat għat-taxxa f'dan l-Istat Membru. Fil-fatt, ikun proporzjonat li l-Istat Membru ta' oriġini, sabiex iħares l-eżerċizzju tal-kompetenza fiskali tiegħu, jiddetermina t-taxxa dovuta fuq il-qligħ kapitali moħbi li jirriżulta fit-territorju tiegħu fil-mument li fih tintemm is-setgħa ta' taxxa tiegħu fir-rigward tal-kumpannija kkonċernata, li f'dan il-każ kien fil-mument tat-trasferiment tas-sede ta' amministrazzjoni effettiva tagħha lejn Stat Membru ieħor. Għall-kuntrarju, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 49 TFUE jippreklud leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li timponi l-irkupru immedjat tat-taxxa fuq il-qligħ kapitali moħbi marbut mal-elementi ta' patrimonju ta' kumpannija li tittrasferixxi s-sede ta' amministrazzjoni effettiva tagħha lejn Stat Membru ieħor, fil-mument tal-imsemmi trasferiment. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, fil-fatt, li leġiżlazzjoni li toffri l-għażla lill-

kumpannija li tittrasferixxi s-sede ta' amministrazzjoni effettiva tagħha lejn Stat Membru ieħor bejn, minn naħa, il-ħlas immedjat tal-ammont taxxabbli, li joħloq żvantaġġ fil-qasam finanzjarju għal din il-kumpannija iżda jevitalha l-ispejjeż amministrattivi sussegwenti, u, min-naħa l-oħra, il-posponiment tal-ħlas tal-ammont tal-imsemmija taxxa, flimkien, jekk ikun il-każ, mal-interessi skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, li neċessarjament iġib miegħu spiża amministrattiva għall-kumpannija kkonċernata, marbuta mal-issorveljar tal-attivi ttrasferiti, tikkostitwixxi miżura li, għalkemm tiggarantixxi t-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri, hija inqas ta' theddida għal-libertà ta' stabbiliment mill-irkupru immedjat tat-taxxa msemmija.

Ir-regoli tat-Trattat dwar il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi kienu wkoll is-suġġett ta' interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tad-determinazzjoni tal-ammont tal-onorarji tal-avukati.

Fil-kawża *Il-Kummissjoni vs L-Italja* (sentenza tad-29 ta' Marzu 2011, Kawża C-565/08), il-Kummissjoni akkużat lir-Repubblika Taljana li kienet stabbilixxiet, bi ksur tal-Artikoli 43 KE u 49 KE (li saru l-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE), dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-avukati josservaw it-tariffi massimi fir-rigward tad-determinazzjoni tal-onorarji tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-argumenti tal-Kummissjoni u kkonkludiet li l-Istat Taljan ma kienx naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 43 KE (li sar l-Artikolu 49 TFUE) u 49 KE (li sar l-Artikolu 56 TFUE), sa fejn il-leġiżlazzjoni kkonċernata ma kinitx maħsuba b'tali mod li tmur kontra l-aċċess, f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni normali u effettivi, għas-suq tas-servizzi tal-avukati. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan jista' jingħad fir-rigward ta' sistema li tkun ikkaratterizzata minn flessibbiltà li tippermetti remunerazzjoni korretta ta' kull tip ta' servizz ipprovdut mill-avukati sa fejn tippermetti, f'ċerti kundizzjonijiet, li jinqabżu l-limiti massimi tal-ammont tal-onorarji billi dawn l-onorarji jiġu kkalkolati bħala d-doppju, jew bħala erba' darbiet jew iktar minn dawk normali, kif ukoll sa fejn, f'diversi sitwazzjonijiet, tippermetti li l-avukati jikkonkludu ftehim speċjali mal-klijent tagħhom sabiex jiffissaw l-ammont tal-onorarji. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-eżistenza ta' restrizzjoni fis-sens tat-Trattat ma tistax tiġi dedotta mis-sempliċi fatt li l-avukati stabbiliti fi Stati Membri differenti mill-Istat Membru ospitati jkollhom, għall-kalkolu tal-onorarji tagħhom għal servizzi pprovduti fl-Istat Membru ospitanti, jidraw ir-regoli applikabbli f'dan l-Istat Membru, iżda għandha tkun ibbażata fuq il-fatt li tali sistema tostakola l-aċċess tal-avukati minn Stati Membri oħra għas-suq tal-Istat Membru ospitanti.

Fir-rigward tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tat diversi sentenzi importanti f'oqsma differenti ħafna, bħal, fost oħrajn, is-servizzi tax-xandir, il-logħob tal-ażżard, l-attivitajiet eżerċitati mill-periti ġudizzjarji, is-saħħa pubblika u l-komunikazzjoni kummerċjali. F'dawn is-sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tapplika l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif stabbilit fit-Trattat jew kellha tinterpreta direttiva intiża sabiex timplementa dan il-prinċipju f'qasam partikolari.

Fost il-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 56 TFUE, għandha tissemma, fl-ewwel lok, is-sentenza *Football Association Premier League et* (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2011, Kawżi magħquda C-403/08 u C-429/08), li tikkonċerna d-dritt esklużiv, mogħti lil ċerti xandara fuq bażi territorjali, li jxandru logħob tal-futbol dirett, u l-prassi ta' ċerti operaturi ta' kafeteriji-ristoranti maħsuba sabiex jevitaw din l-esklużività billi jużaw kards ta' dekodifikazzjoni barranin. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 56 TFUE jipprekludi leġiżlazzjoni li tirrendi illeċiti l-importazzjoni, il-bejgħ u l-użu fl-Istat ikkonċernat ta' apparati ta' dekodifikazzjoni barranin li jippermettu l-aċċess għal servizz ikkodifikat ta' xandir bis-satellita li joriġina minn Stat Membru ieħor u li jinkludi oġġetti protetti mil-leġiżlazzjoni ta' dan l-ewwel Stat. B'mod partikolari, tali ġustifikazzjoni ma tistax tiġi spjegata fid-dawl tal-għan ta' protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li huwa minnu li l-logħbiet sportivi, bħala tali, huma ta' natura unika u, minn

daqshekk, oriġinali, li tista' tittrasformahom f'oġġetti denji għal protezzjoni paragunabbli mal-protezzjoni tax-xogħlijiet. Madankollu, sa fejn il-protezzjoni tad-drittijiet li jikkostitwixxu s-suġġett speċifiku tal-proprjetà intellettwali kkonċernata ma tiggarantixxix lill-proprjetarji tad-drittijiet ikkonċernati l-possibbiltà li jitolbu l-ogħla remunerazzjoni possibbli għall-użu kummerċjali tal-oġġetti protetti iżda tiggarantilhom biss remunerazzjoni xierqa għal dan l-użu, din il-protezzjoni tiġi żgurata meta r-riċezzjoni ta' xandir bis-satellita tkun ikkundizzjonata għall-pussess ta' apparat ta' dekodifikazzjoni u meta, konsegwentement, ikun bi grad ta' eżattezza għoli ħafna li jkun possibbli li jiġi ddeterminat it-total ta' telespettaturi li jifformaw parti mill-udjenza attwali u potenzjali tat-trażmissjoni kkonċernata, u għalhekk tat-telespettaturi li jirrisjedu kemm fl-Istat Membru tat-trażmissjoni u kif ukoll barra minnu. Barra minn hekk, il-ħlas supplimentari li jsir mill-organizzazzjonijiet tax-xandir għall-għoti ta' esklużività territorjali jwassal għal differenzi fil-prezzijiet artifiċjali bejn is-swieq nazzjonali maqsuma f'kompartiment. Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali qsim u tali differenza artifiċjali huma irrikonċiljabbli mal-għan essenzjali tat-Trattat, li huwa t-twettiq tas-suq intern.

Fit-tieni lok, għandha tissemma s-sentenza *Dickinger u Ömer* (sentenza tal-15 ta' Settembru 2011, Kawża C-347/09), li kkonfermat u ppreċiżat il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-monopolji fl-operat tal-logħob tal-ażżard. F'din is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, għalkemm monopolju fuq il-logħob tal-ażżard jikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, tali restrizzjoni tista', madankollu, tkun iġġustifikata minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali bħalma huwa l-għan li jiġi żgurat livell ta' protezzjoni partikolarment għoli tal-konsumaturi, kwistjoni din li għandha tiġi vverifikata mill-qorti nazzjonali. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-possibbiltà għad-detentur tal-monopolju li jimplementa politika ta' espansjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, sabiex tkun konsistenti mal-għan tal-ġlieda kontra l-kriminalità kif ukoll mal-għan li jitnaqqsu l-opportunitajiet għal-logħob, leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi monopolju fir-rigward tal-logħob tal-ażżard għandha, minn naħa, tkun ibbażata fuq il-konstatazzjoni li l-attivitajiet kriminali u frawdolenti relatati mal-logħob u mal-vizzju tal-logħob jikkostitwixxu problema fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, fejn espansjoni tal-attivitajiet awtorizzati u rregolati tkun ta' natura li tindirizza din il-problema, u, min-naħa l-oħra, għandha tippermetti biss l-implementazzjoni ta' reklamar bil-qies u strettament limitat għal dak li huwa meħtieġ sabiex il-konsumaturi jiġu diretti lejn netwerks tal-logħob ikkontrollati. Sabiex ikun jista' jintlaħaq dan il-għan ta' direzzjoni lejn ambjenti kkontrollati, l-operaturi awtorizzati għandhom joffru alternattiva affidabbli, iżda fl-istess waqt attraenti, għall-attivitajiet mhux irregolati, ħaġa din li tista' fiha nnifisha timplika l-offerta ta' firxa estiża ta' logħob, reklamar ta' ċertu firxa u l-użu ta' tekniki ġodda ta' distribuzzjoni. F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu indikat li r-reklamar għandu jibqa' bil-qies u strettament limitat għal dak li huwa neċessarju u ma jistax ikun intiż sabiex jinkoraġġixxi t-tendenza naturali tal-konsumaturi għal-logħob billi jħeġġeġ il-parteċipazzjoni attiva tagħhom fih, b'mod partikolari billi jibbanalizza l-logħob jew billi jagħtih dehra pożittiva marbuta mal-fatt li d-dħul miġbur ser jintuża għal attivitajiet ta' interess ġenerali jew inkella billi jżid is-saħħa ta' attrazzjoni tal-logħob permezz ta' reklamar attraenti li jwiegħed rebħ kbir.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kellha wkoll l-opportunità, fis-sentenza tagħha *Peñarroja Fa* (sentenza tas-17 ta' Marzu 2011, Kawżi magħquda C-372/09 u C-373/09), li tindirizza l-kundizzjonijiet ta' kwalifiki li jistgħu jiġu imposti fuq il-periti ġudizzjarji li jkunu jixtiequ jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fil-qasam tat-traduzzjoni. B'risposta għal diversi domandi preliminari magħmula mill-Cour de cassation Franċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett ikkonstatat li l-attivitajiet tal-periti ġudizzjarji fil-qasam tat-traduzzjoni ma jikkostitwixxux attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE (li sar l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 51 TFUE), sa fejn it-traduzzjonijiet imwettqa minn tali perit għandhom biss natura awżiljarja u ma għandhomx impatt fuq l-evalwazzjoni tal-awtorità ġudizzjarja u fuq l-eżerċizzju

liberu tas-setgħa ġudizzjarja. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 49 KE (li sar l-Artikolu 56 TFUE) jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li abbażi tagħha l-inklużjoni f'lista ta' periti ġudizzjarji tradutturi tkun suġġetta għal kundizzjonijiet ta' kwalifiki mingħajr ma l-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jieħdu konoxxenza tal-motivi tad-deċiżjoni meħuda fil-konfront tagħhom u mingħajr ma dawn ikunu jistgħu jressqu rikors effettiv ta' natura ġudizzjarja li jippermetti li tiġi vverifikata l-legalità tagħha, b'mod partikolari, fir-rigward tal-osservanza tar-rekwiżit, li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni, li l-kwalifiki tagħhom miksuba u rrikonoxxuti fi Stati Membri oħra jkunu ttieħdu debitament inkunsiderazzjoni. Bl-istess mod, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 49 KE (li sar l-Artikolu 56 TFUE) jipprekludi rekwiżit li minnu jirriżulta li ħadd ma jista' jidher fil-lista nazzjonali ta' periti ġudizzjarji fil-kwalità ta' traduttur jekk ma jressaqx prova li kien imniżżel f'lista ta' periti ġudizzjarji ppreparata minn qorti tal-appell għal perijodu ta' tliet snin konsekuttivi, peress li jirriżulta li tali rekwiżit jostakola, fil-kuntest tal-eżami ta' applikazzjoni ta' persuna stabbilita fi Stat Membru ieħor, li ma tkunx ressqet tali prova, li l-kwalifiki miksuba minn din il-persuna u rrikonoxxuti fi Stat Membru ieħor jittieħdu debitament inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk dawn il-kwalifiki jistgħux, u jekk jistgħu sa fejn, jitqiesu li huma ekwivalenti għall-kompetenzi normalment mistennija minn persuna li kienet imniżżla għal tliet snin konsekuttivi f'lista ta' periti ġudizzjarji ppreparata minn qorti tal-appell. F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li huma l-awtoritajiet nazzjonali li għandhom jiżguraw b'mod partikolari li l-kwalifiki miksuba fi Stati Membri oħra jiġu rrikonoxxuti bil-valur ġust tagħhom u li jittieħdu debitament inkunsiderazzjoni.

Fl-aħħar nett, għandha tissemma l-kawża *Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu* (sentenza tas-27 ta' Jannar 2011, Kawża C-490/09), li fiha kienet inkwistjoni leġiżlazzjoni Lussemburgiża li kienet teskludi r-rimbors tal-ispejjeż magħmula għal analiżijiet u għal eżamijiet tal-laboratorju mwettqa fi Stat Membru ieħor. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, billi ma pprevediex, fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni tiegħu dwar is-sigurtà soċjali, għall-possibbiltà li tittieħed responsabbiltà għal dawn l-ispejjeż, permezz ta' rimbors tal-ispejjeż magħmula għal dawk l-analiżijiet u eżamijiet, iżda billi ppreveda biss għal sistema ta' teħid ta' responsabbiltà direttament mill-fondi tal-assigurazzjoni għall-mard, l-Istat Lussemburgiż kien naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 49 KE (li sar l-Artikolu 56 TFUE). Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-fatt, sa fejn l-applikazzjoni ta' tali leġiżlazzjoni teskludi, *de facto*, il-possibbiltà li tittieħed responsabbiltà għall-analiżijiet u għall-eżamijiet tal-laboratorju mwettqa mill-fornituri kważi kollha, jew anki mill-fornituri kollha, tas-servizzi mediċi stabbiliti fi Stati Membri oħra, hija tiskoraġġixxi, jew anki timpedixxi, lill-persuni affiljati mas-sigurtà soċjali Lussemburgiża milli jirrikorru għal tali fornituri u tikkostitwixxi, kemm għalihom kif ukoll għall-fornituri, ostakolu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

Fost il-kawżi dwar l-interpretazzjoni ta' direttiva partikolari, għandha tissemma, fl-ewwel lok, is-sentenza *Société fiduciaire nationale d'expertise comptable* (sentenza tal-5 ta' April 2011, Kawża C-119/09), li tikkonċerna l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2006/123 [23]. F'din il-kawża, il-Conseil d'État Franċiż kellu dubju dwar il-possibbiltà għall-Istati Membri li jipprojbixxu b'mod ġenerali lill-membri ta' professjoni rregolata - bħall-professjoni ta' awditur - milli jissolleċitaw klijenti prospettivi. L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett ta' komunikazzjoni kummerċjali, kif iddefinit fl-Artikolu 4(12) tad-Direttiva 2006/123, ma jkoprix biss ir-reklamar klassiku, iżda wkoll tipi oħra ta' reklamar u ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni ddestinati sabiex jinkisbu klijenti ġodda u li, għaldaqstant, il-fatt li jiġu ssolleċitati klijenti prospettivi huwa kopert mill-kunċett ta' komunikazzjoni kummerċjali. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-projbizzjoni ta' kull attività li permezz tagħha jiġu ssolleċitati klijenti prospettivi, irrispettivament

[23] (Direttiva 2006/123 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, p. 36).

mill-forma tagħha, mill-kontenut tagħha u mill-mezzi użati, u li tinkludi l-projbizzjoni tal-mezzi ta' komunikazzjoni kollha li jippermettu l-implementazzjoni ta' din il-forma ta' komunikazzjoni kummerċjali, għandha titqies li hija projbizzjoni ġenerali tal-komunikazzjonijiet kummerċjali pprojbita mill-Artikolu 24(1) tad-Direttiva 2006/123. Minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, meta tipprojbixxi totalment forma partikolari ta' komunikazzjoni kummerċjali u taqa', għaldaqstant, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 24(1) tad-Direttiva 2006/123, leġiżlazzjoni tkun inkompatibbli ma' din id-direttiva u ma tistax tiġi ġġustifikata bl-Artikolu 24(2) tad-direttiva msemmija, anki jekk ma tkunx diskriminatorja, tkun ibbażata fuq raġuni imperattiva ta' interess ġenerali, u tkun proporzjonata.

Fil-qasam tax-xandir televiżiv, għandha tissemma, fit-tieni lok, is-sentenza *Mesopotamia Broadcast u Roj TV (*sentenza tat-22 ta' Settembru 2011, Kawżi magħquda C-244/10 u C-245/10). F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 22a tad-Direttiva 89/552 [24], kif emendata bid-Direttiva 97/36, li jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li x-xandiriet ma jkunx fihom "tixwix għall-mibegħda fuq bażi ta' razza, sess, reliġjon jew nazzjonalità", għandu jiġi interpretat fis-sens li fatti li jaqgħu taħt dispożizzjoni legali nazzjonali li tipprojbixxi ksur tal-ftehim bejn il-popli għandhom jitqiesu li jkunu inklużi fil-kunċett imsemmi. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan l-artikolu ma jipprekludix lil Stat Membru milli jadotta, skont leġiżlazzjoni ġenerali, bħalma hija liġi dwar l-assoċjazzjonijiet, miżuri fir-rigward ta' xandar tat-televiżjoni stabbilit fi Stat Membru ieħor, minħabba li l-attivitajiet u l-għanijiet ta' dan ix-xandar jiksru l-projbizzjoni ta' ksur tal-ftehim bejn il-popli, sakemm dawn il-miżuri ma jimpedixxux, u din hija kwistjoni li għandha tiġi vverifikata mill-qorti nazzjonali, it-trażmissjoni mill-ġdid fil-veru sens tal-kelma fit-territorju tal-Istat Membru ta' riċezzjoni tax-xandiriet televiżivi mwettqa minn dan ix-xandar mill-Istat Membru l-ieħor.

Fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema, ingħataw żewġ sentenzi li jistħoqqilhom attenzjoni partikolari. Fl-ewwel lok, għandha tissemma s-sentenza *Toki* (sentenza tal-5 ta' April 2011, Kawża C-424/09), li tikkonċerna l-interpretazzjoni tad-Direttiva 89/48 [25]. F'din il-kawża, ċittadina Griega, li kienet kisbet id-diploma tagħha fir-Renju Unit fil-qasam tal-inġinerija ambjentali, kienet talbet aċċess għall-professjoni rregolata ta' inġinier fil-Greċja, iżda dan l-aċċess ġie rrifjutat minħabba li ma kinitx membru sħiħ tal-Engineering Council, organizzazzjoni privata Brittanika msemmija espliċitament fid-Direttiva 89/48 iżda li s-sħubija fiha ma hijiex obbligatorja sabiex tiġi eżerċitata l-professjoni rregolata ta' inġinier fir-Renju Unit. Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi ppreċiżat li l-mekkaniżmu ta' rikonoxximent previst fl-inċiż (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/48 japplika irrispettivament mill-kwistjoni ta' jekk il-persuna kkonċernata hijiex membru sħiħ jew le tal-assoċjazzjoni jew tal-organizzazzjoni kkonċernata. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi ddeċidiet li l-esperjenza professjonali invokata mill-persuna li tagħmel talba sabiex tiġi awtorizzata teżerċita professjoni rregolata fl-Istat Membru ospitanti għandha tissodisfa t-tliet kundizzjonijiet li ġejjin: 1) l-esperjenza invokata għandha tikkonsisti f'xogħol full-time matul għall-inqas sentejn tul l-għaxar snin preċedenti; 2) dan ix-xogħol għandu jkun ikkonsista fit-twettiq

[24] Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE, tat-3 ta' Ottubru 1989, dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 224), kif emendata bid-Direttiva 97/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Ġunju 1997 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 321).

[25] Direttiva tal-Kunsill 89/48/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 337), kif emendata bid-Direttiva 2001/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Mejju 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 138).

b'mod kostanti u regolari ta' numru ta' attivitajiet professjonali li jikkaratterizzaw il-professjoni kkonċernata fl-Istat Membru tal-oriġini, mingħajr ma huwa neċessarju li dan ix-xogħol ikun kopra t-totalità ta' dawn l-attivitajiet; u 3) il-professjoni, kif titwettaq normalment fl-Istat Membru tal-oriġini, għandha tkun ekwivalenti, għal dak li jirrigwarda l-attivitajiet li tkopri, għall-professjoni li tkun intalbet awtorizzazzjoni għat-twettiq tagħha fl-Istat Membru ospitanti.

Fit-tieni lok, għandha tissemma s-sentenza *Casteels* (sentenza tal-10 ta' Marzu 2011, Kawża C-379/09), li tikkonċerna l-protezzjoni tad-drittijiet għal pensjoni addizzjonali ta' ħaddiem migrant. F'dan is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 45 TFUE jipprekludi, fil-kuntest tal-applikazzjoni mandatorja ta' ftehim kollettiv ta' xogħol, li, għad-determinazzjoni tal-perijodu tal-kisba tad-drittijiet definittivi għall-benefiċċji ta' pensjoni addizzjonali fi Stat Membru, ma jittiħdux inkunsiderazzjoni s-snin ta' servizz imwettqa minn ħaddiem għall-istess persuna li timpjegah fi stabbilimenti tagħha li jkunu jinsabu fi Stati Membri differenti u bis-saħħa tal-istess kuntratt ta' xogħol ġenerali. Dan l-artikolu jipprekludi wkoll li ħaddiem li jkun ġie ttrasferit minn stabbiliment tal-persuna li timpjegah li jinsab fi Stat Membru għal stabbiliment ieħor tal-istess persuna li timpjegah li jkun jinsab fi Stat Membru ieħor, jitqies li jkun telaq lil tali persuna li timpjegah fuq inizjattiva tiegħu stess. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li l-Artikolu 48 TFUE ma għandux effett dirett li jista' jiġi invokat minn individwu kontra persuna li timpjegah fis-settur privat fil-kuntest ta' kawża li titressaq quddiem il-qrati nazzjonali.

Il-prinċipju tal-moviment liberu tal-kapital kien is-suġġett ta' diversi sentenzi fil-qasam fiskali. Fost dawn is-sentenzi, għandha tissemma, fl-ewwel lok, is-sentenza *Il-Kummissjoni vs L-Awstrija* (sentenza tas-16 ta' Ġunju 2011, Kawża C-10/10), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru li jawtorizza t-tnaqqis fiskali tad-donazzjonijiet mogħtija lil istituzzjonijiet b'funzjonijiet ta' riċerka u ta' tagħlim esklużivament meta dawn l-istituzzjonijiet ikunu stabbiliti fit-territorju tiegħu jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 56 KE (li sar l-Artikolu 63 TFUE) u taħt l-Artikolu 40 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, kriterju li jiddistingwi bejn il-persuni taxxabbli fuq il-bażi esklużivament, tal-post tal-istabbiliment tal-benefiċjarju tad-donazzjoni, mid-definizzjoni tiegħu stess, ma jistax ikun kriterju validu għall-evalwazzjoni tal-komparabbiltà oġġettiva tas-sitwazzjonijiet u, konsegwentement, sabiex tiġi stabbilita differenza oġġettiva bejniethom. Barra minn hekk, għalkemm huwa minnu li l-promozzjoni tar-riċerka u tal-iżvilupp jistgħu jikkostitwixxu raġuni imperattiva ta' interess ġenerali, leġiżlazzjoni nazzjonali li tirriżerva l-benefiċċju ta' kreditu tat-taxxa unikament għar-riċerka li ssir fl-Istat Membru kkonċernat tmur direttament kontra l-għan tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku. Fil-fatt, skont l-Artikolu 163(2) KE, din il-politika għandha l-għan, b'mod partikolari, li tneħħi l-ostakoli fiskali għall-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka u, għalhekk, ma tistax tiġi implementata permezz tal-promozzjoni tar-riċerka u tal-iżvilupp fil-livell nazzjonali.

Fit-tieni lok, għandha tissemma l-kawża *Schröder* (sentenza tal-31 ta' Marzu 2011, Kawża C-450/09), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 63 TFUE jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li, filwaqt li tippermetti lill-persuna taxxabbli residenti li tnaqqas ir-renta, imħallsa lil ġenitur li jkun ittrasferixxa lil din il-persuna beni immobbli li jinsabu fit-territorju ta' dan l-Istat, mid-dħul li jirriżulta mill-kiri ta' dawn il-beni, ma tagħtix tali dritt għal tali tnaqqis lill-persuna taxxabbli mhux residenti, sakemm l-impenn li jitħallsu din ir-renta jirriżulta mit-trasferiment ta' tali beni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, sa fejn l-impenn tal-persuna taxxabbli mhux residenti li tħallas ir-renta lill-ġenitur tagħha jirriżulta mit-trasferiment li jkun sar favuriha ta' beni immobbli li jinsabu fl-Istat Membru kkonċernat, din ir-renta tikkostitwixxi spiża direttament relatata mal-operat ta' dawn il-beni, b'tali mod li l-persuna taxxabbli msemmija tinsab, f'dan ir-rigward, f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik ta' persuna taxxabbli residenti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-qasam tat-taxxa fuq id-dħul, tirrifjuta lill-persuni li ma humiex

residenti d-dritt li jnaqqsu tali spiża, filwaqt li tagħti dan id-dritt lill-persuni residenti, tikser, fin-nuqqas ta' ġustifikazzjoni valida, l-Artikolu 63 TFUE.

Fl-aħħar lok, għandu jingħad li l-kawża *Stewart* (sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Kawża C-503/09) tat lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiddeċiedi, fil-qasam tas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti, dwar in-natura ta' benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà u li teżamina l-kundizzjoni ta' residenza abitwali fit-territorju tal-Istat Membru imposta għall-għoti tal-benefiċċju msemmi. Mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta, minn naħa, li benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà jikkostitwixxi benefiċċju tal-invalidità fis-sens tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 [26] jekk jiġi stabbilit, sa minn meta ssir l-applikazzjoni, li l-applikant għandu diżabbiltà permanenti jew fit-tul, u dan għaliex dan il-benefiċċju, f'tali sitwazzjoni, ikun marbut direttament mar-riskju tal-invalidità msemmi fid-dispożizzjoni msemmija, u, min-naħa l-oħra, li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1408/71 jipprekludi li Stat Membru jissuġġetta l-għoti ta' benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà, ikkunsidrat bħala benefiċċju tal-invalidità, għal kundizzjoni ta' residenza abitwali tal-applikant fit-territorju tiegħu.

*Approssimazzjoni tal-liġijiet*

Il-ġurisprudenza fil-qasam tal-approssimazzjoni tal-liġijiet, li għal darba oħra reġgħet kienet abbundanti, indirizzat diversi suġġetti li jirriflettu l-varjetà fis-suġġetti indirizzati mill-proċess leġiżlattiv.

Fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza *Gebr. Weber u Putz* (sentenza tas-16 ta' Ġunju 2011, Kawżi magħquda C-65/09 u C-87/09), dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 3(2) u 3(3) tad-Direttiva 1999/44, dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom [27], li jipprovdu li, fil-każ li l-oġġett ikkunsinnat ma jkunx konformi, il-konsumatur għandu d-dritt jitlob lill-bejjiegħ isewwi jew jibdel l-oġġett, mingħajr ħlas. B'mod iktar preċiż, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tirrispondi għad-domandi, l-ewwel nett, dwar jekk it-tibdil mingħajr ħlas ikoprix it-tneħħija tal-oġġett difettuż u l-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali u, it-tieni nett, dwar jekk il-bejjiegħ jistax jirrifjuta li jieħu responsabbiltà għall-ispejjeż sproporzjonati tat-tibdil meta dan ikun l-uniku rimedju possibbli.

Fir-risposta tagħha għall-ewwel domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li t-tqegħid f'konformità tal-oġġett mill-bejjiegħ mingħajr ħlas huwa element essenzjali tal-protezzjoni żgurata lill-konsumatur mid-direttiva msemmija. B'hekk, filwaqt li bbażat ruħha fuq l-għan ta' din l-istess direttiva, li huwa li jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 1999/44 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta oġġett tal-konsum mhux konformi li, qabel ma joħroġ fid-deher id-difett, ikun ġie

[26] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, fil-verżjoni tiegħu kif emendata u aġġornata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 3), kif emendat bir-Regolament Nru 647/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE), tat-13 ta' April 2005 (ĠU L 117, p. 1).

[27] Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Mejju 1999, dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 223).

installat, *in bona fide*, mill-konsumatur inkonformità man-natura tiegħu u mal-użu mixtieq minnu, jitqiegħed fi stat ta' konformità permezz ta' tibdil, il-bejjiegħ huwa obbligat li jew iwettaq huwa stess it-tneħħija ta' dan l-oġġett mill-post fejn ikun ġie installat u l-installazzjoni f'dan il-post tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali, jew li jbati l-ispejjeż neċessarji marbuta ma' din it-tneħħija u ma' din l-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dan l-obbligu tal-bejjiegħ jeżisti indipendentement mill-kwistjoni jekk, taħt il-kuntratt ta' bejgħ, il-bejjiegħ kienx intrabat li jinstalla l-oġġett tal-konsum akkwistat inizjalment.

Fir-rigward tat-tieni domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 3(3) tad-direttiva msemmija jipprekludi li leġiżlazzjoni nazzjonali tagħti lill-bejjiegħ id-dritt li jirrifjuta t-tibdil ta' oġġett mhux konformi, liema tibdil ikun l-uniku rimedju possibbli, għar-raġuni li dan ir-rimedju jimponi fuqu, minħabba l-obbligu li jneħħi dan l-oġġett mill-post fejn ikun ġie installat u li jinstalla f'dan il-post l-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali, spejjeż sproprozjonati fid-dawl tal-valur li kien ikollu l-oġġett li kieku kien konformi u tal-portata tan-nuqqas ta' konformità. Madankollu, fl-istess ħin il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li d-dispożizzjoni inkwistjoni, bil-ħsieb li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn l-interessi tal-konsumatur u dawk tal-bejjiegħ, ma tipprekludix li d-dritt tal-konsumatur għar-rimbors tal-ispejjeż tat-tneħħija tal-oġġett difettuż u tal-installazzjoni tal-oġġett li bih jinbidel l-oġġett inizjali jkun, f'tali każ, limitat għat-teħid ta' responsabbiltà, mill-bejjiegħ, ta' ammont proporzjonat, li għandu jiġi stabbilit skont il-kriterji ddefiniti fis-sentenza.

Fil-qasam tar-responsabbiltà għal produtti difettużi, għandha tissemma l-kawża *Dutrueux* (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Kawża C-495/10), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja, li kienet adita b'domanda preliminari dwar interpretazzjoni, kienet mistiedna tippreċiża, għal darba oħra [28], il-portata tal-armonizzazzjoni introdotta permezz tad-Direttiva 85/374 [29]. F'din il-kawża, id-domanda magħmula kienet essenzjalment jekk id-direttiva msemmija tipprekludix iż-żamma tas-sistema Franċiża ta' responsabbiltà tal-istabbilimenti pubbliċi tas-saħħa fir-rigward tal-pazjenti tagħhom, sistema li ma titlobx li jkun hemm element delittwali, għad-danni kkawżati minn ħsara fil-prodotti u fl-apparat użati minn dawn l-istabbilimenti fil-kuntest tal-kura mogħtija.

Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi fakkret il-ġurisprudenza tagħha dwar il-portata u l-livell tal-intensità tal-armonizzazzjoni introdotta permezz tad-Direttiva 85/374, filwaqt li kkonfermat li din id-direttiva tipprova tilħaq, fuq l-aspetti kollha li hija tirregola, armonizzazzjoni totali [30] jew eżawrjenti [31]. B'dan premess, sabiex jiġi ddeterminat jekk, fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, id-direttiva msemmija tipprekludix sistema nazzjonali ta' responsabbiltà partikolari, għandu l-ewwel nett jiġi stabbilit jekk din is-sistema taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva. Għalhekk, immedjatament wara li indikat dan, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-limiti tal-qasam tal-istess direttiva fir-rigward taċ-ċirku ta' persuni li jistgħu jkunu responsabbli taħt is-sistema ta' responsabbiltà stabbilita minn din id-direttiva. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan iċ-ċirku, li jinkludi,

---

[28] Ara s-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009, *Moteurs Leroy Somer*, C-285/08, Ġabra p. I-4733.

[29] Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE, tal-25 ta' Lulju 1985, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 257), kif emendata bid-Direttiva 1999/34/KE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-10 ta' Mejju 1999, (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 147).

[30] Ara b'mod partikolari s-sentenza tal-25 ta' April 2002, *Il-Kummissjoni vs Franza*, C-52/00, Ġabra p. I-3827, punt 24; sentenza tal-25 ta' April 2002, *Il-Kummissjoni vs Il-Greċja*, C-154/00, Ġabra p. I-3879, punt 20, u sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, *Skov u Bilka*, C-402/03, Ġabra p. I-199, punt 23).

[31] Ara s-sentenza *Moteurs Leroy Somer*, iċċitata iktar 'il fuq, punti 24 u 25.

kif previst fl-Artikolu 3 tad-direttiva msemmija, il-produttur, l-importatur tal-prodott fil-Komunità u l-fornitur meta l-produttur ma jkunx jista' jiġi identifikat, huwa ddefinit b'mod eżawrjenti. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-responsabbiltà ta' fornitur ta' servizzi li juża, fil-kuntest ta' provvista ta' servizzi bħal dik ta' kura mogħtija fl-isptar, apparat jew prodotti difettużi li huwa ma jkunx il-produttur tagħhom fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 85/374 u, b'dan il-mod, jikkawża danni lill-benefiċjarju tal-provvista, ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva. Minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li din id-direttiva ma tipprekludix li Stat Membru jistabbilixxi sistema, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi r-responsabbiltà ta' tali fornitur fir-rigward tad-danni hekk ikkawżati, anki fl-assenza ta' kull nuqqas imputabbli lilu, bil-kundizzjoni, madankollu, li tinżamm il-possibbiltà għall-vittma u/jew għal dan il-fornitur li jinvoka r-responsabbiltà tal-produttur abbażi ta' din id-direttiva meta l-kundizzjonijiet previsti fiha jkunu sodisfatti.

Fil-qasam tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, għandhom jissemmew żewġ deċiżjonijiet mogħtija fl-istess ġurnata (sentenzi tal-5 ta' Mejju 2011, *Novo Nordisk*, C-249/09, u *MSD Sharp & Dohme*, C-316/09), li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja tat preċiżazzjonijiet importanti dwar is-sens ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/83, dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem [32], li jikkonċernaw ir-reklamar ta' dawn il-prodotti mediċinali.

Fl-ewwel kawża, *Novo Nordisk*, iċċitata iktar 'il fuq, il-kawża prinċiali kienet tikkonċerna impriża tas-saħħa li tispeċjalizza fit-trattament tad-dijabete u li kienet is-suġġett ta' projbizzjoni, adottata permezz ta' deċiżjoni tal-Uffiċċju għall-prodotti mediċinali tar-Repubblika tal-Estonja, fir-rigward tal-pubblikazzjoni f'ġurnal mediku ta' reklamar għal prodott mediku b'bażi ta' insulina intiż għall-persuni awtorizzati jippreskrivu prodotti mediċinali, liema projbizzjoni kienet ibbażata fuq ir-raġuni li dan ir-reklamar kien jikser id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jipprovdu li r-reklamar għal prodott mediċinali ma għandux jinkludi informazzjoni li ma tinsabx fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott. Adita b'rikors għall-annullament ta' din id-deċiżjoni, il-qorti tar-rinviju għamlet żewġ domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 87(2) tad-Direttiva 2001/83, li jipprovdi li "[i]l-partijiet [l-elementi] kollha tar-reklamar ta' prodott mediċinali għandhom jikkonformaw mad-dettalji elenkati fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott".

Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju xtaqet tkun taf jekk l-Artikolu 87(2) tad-Direttiva 2001/83 għandux jiġi interpretat fis-sens li jkopri wkoll il-kwotazzjonijiet, minn ġurnali mediċi jew xogħlijiet xjentifiċi oħrajn, li jkunu inklużi fir-reklamar għal prodott mediċinali intiż għal persuni li huma awtorizzati jippreskrivu l-imsemmi prodott mediċinali. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet fl-affermattiv, peress li kkunsidrat li kemm mill-pożizzjoni tal-Artikolu 87 tad-Direttiva 2001/83 fl-istruttura tagħha u kif ukoll mill-formulazzjoni u mill-kontenut tal-Artikolu 87 fl-intier tiegħu, jirriżulta li l-Artikolu 87(2) jikkostitwixxi regola ġenerali li tikkonċerna r-reklamar kollu għall-prodotti mediċinali, inkluż dak intiż għall-persuni awtorizzati jippreskrivuhom u jipprovduhom.

Permezz tat-tieni domanda, il-qorti nazzjonali staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-portata tal-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 87(2) tad-Direttiva 2001/83. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet li din

[32] Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Novembru 2001, dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69), kif emendata bid-Direttiva 2004/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 34, p. 262).

id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprojbixxi l-pubblikazzjoni, f'reklamar għal prodott mediċinali indirizzat lill-persuni awtorizzati jippreskrivuh jew jipprovduh, ta' affermazzjonijiet li jmorru kontra s-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, iżda fl-istess ħin ma teżiġix li l-affermazzjonijiet kollha li jkunu jinsabu f'dan ir-reklamar għandhom ikunu jinsabu wkoll fl-imsemmi sommarju jew għandhom ikunu jistgħu jiġu dedotti minnu. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li tali reklamar jista' jinkludi affermazzjonijiet li jikkompletaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11 tad-direttiva msemmija bil-kundizzjoni li dawn l-affermazzjonijiet jikkonfermaw jew jippreċiżaw, f'sens kompatibbli, l-imsemmija informazzjoni mingħajr ma jiżnaturawha, u jkunu konformi mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 87(3) u 92(2) u (3) ta' din id-direttiva.

Fit-tieni kawża, *MSD Sharp & Dohme*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tagħti deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 88(1)(a) tal-istess Direttiva 2001/83, li jipprojbixxi r-reklamar lill-pubbliku fir-rigward ta' prodotti mediċinali li huma disponibbli biss b'riċetta medika. F'din il-kawża, impriża farmaċewtika kienet qiegħda ssostni li waħda mill-kompetituri tagħha kienet kisret id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jittrasponu din ir-regola meta ppubblikat fuq is-sit internet tagħha informazzjoni li kienet aċċessibbli għal kulħadd fir-rigward ta' tliet prodotti mediċinali mmanifatturati minnha u suġġetti għal riċetta medika. Il-konvenuta kien irnexxielha tikseb quddiem il-qrati nazzjonali ordni li tipprojbixxi l-pubblikazzjoni inkwistjoni. Adita b'appell għal reviżjoni mill-konvenuta, il-qorti tar-rinviju essenzjalment staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-pubblikazzjoni inkwistjoni kinitx attwalment tikkostitwixxi reklamar fis-sens tal-Artikolu 88(1)(a) tad-Direttiva 2001/83. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet li din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprojbixxix it-tixrid fuq sit internet, minn impriża farmaċewtika, ta' informazzjoni dwar prodotti mediċinali suġġetti għal riċetta medika meta din l-informazzjoni tkun disponibbli fuq dan is-sit biss għal min ifittex li jiksibha u meta dan it-tixrid jikkonsisti biss fir-riproduzzjoni fidila tal-imballaġġ tal-prodott mediċinali, skont l-Artikolu 62 tad-direttiva msemmija, kif ukoll fir-riproduzzjoni litterali u sħiħa tal-fuljett fil-pakkett jew tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott li ġew approvati mill-awtoritajiet kompetenti dwar il-prodotti mediċinali. Għall-kuntrarju huwa pprojbit it-tixrid, fuq tali sit, ta' informazzjoni dwar prodott mediċinali li kienet suġġetta, mill-produttur, għal għażla jew għal tibdil li jistgħu jiġu spjegati biss permezz ta' għan promozzjonali.

Dejjem fil-qasam tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, iżda din id-darba fir-rigward tar-Regolament Nru 469/2009, dwar iċ-ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari għal prodotti mediċinali [33], għandha tissemma l-kawża *Medeva* (sentenza tal-24 ta' Novembru 2011, Kawża C-322/10), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet għal talba għal deċiżjoni preliminari dwar il-preċiżazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-kisba ta' ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari (iktar 'il quddiem iċ-"ĊPS").

Sabiex jirrimedja l-fatt li l-protezzjoni mogħtija minn privattiva ma hijiex suffiċjenti, l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 469/2009 jipprevedi l-possibbiltà li d-detentur ta' privattiva nazzjonali jikseb ĊPS bil-kundizzjoni, fost oħra, li l-prodott ikun diġà protett minn privattiva bażika fis-seħħ u li, bħala prodott mediċinali, ikun diġà kiseb awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq (iktar 'il quddiem l-"ATS") li tkun għadha valida. Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett ippreċiżat, fir-rigward tal-kriterji li permezz tagħhom jista' jiġi ddeterminat jekk "il-prodott ikun[x] protett minn privattiva bażika fis-seħħ", li l-Artikolu 3(a) tar-regolament imsemmi għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li s-servizzi kompetenti tal-proprjetà industrijali ta' Stat Membru jogħorġu ĊPS li jirrigwarda ingredjenti attivi li ma humiex imsemmija fil-kliem tat-talbiet tal-privattiva bażika invokata insostenn ta'

[33] Regolament (KE) Nru 469/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Mejju 2009, dwar iċ-ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari għal prodotti mediċinali (ĠU L 152, p. 1).

applikazzjoni bħal din. It-tieni nett, fir-rigward tat-tieni kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(b) tar-Regolament Nru 469/2009, li teżiġi li l-prodott għandu jkun kopert, bħala prodott mediċinali, minn ATS, u fir-rigward tal-kompożizzjoni ta' dan il-prodott mediċinali, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, bil-kundizzjoni li l-kundizzjonijiet l-oħra previsti fl-Artikolu 3 jkunu sodisfatti wkoll, l-Artikolu 3(b) ta' dan l-istess regolament ma jipprekludix li s-servizzi kompetenti tal-proprjetà industrijali ta' Stat Membru joħorġu ĊPS għal kompożizzjoni ta' żewġ ingredjenti attivi, li tikkorrispondi għal dik li tidher fil-kliem tat-talbiet għall-privattiva bażika invokata, fejn il-prodott mediċinali li għalih ġiet ppreżentata l-ATS insostenn tat-talba għal ĊPS ma jinkludix biss din il-kompożizzjoni ta' żewġ ingredjenti attivi, iżda wkoll ingredjenti attivi oħra.

Fil-qasam tal-protezzjoni tal-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni preliminari importanti, fil-kawża *Brüstle* (sentenza tat-18 ta' Ottubru 2011, Kawża C-34/10), li fiha indirizzat il-kwistjoni ta' kif għandu jiġi ddefinit il-kunċett ta' "embriju uman". It-talba għal deċiżjoni preliminari tressqet fil-kuntest ta' kawża mibdija minn Greenpeace intiża sabiex tiġi kkonstatata n-nullità ta' privattiva li tirrigwarda ċelloli prekursuri nevrali, prodotti minn ċelloli staminali embrijoniċi umani, użati għall-kura ta' mard newroloġiku. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja sarulha domandi dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "embriju uman" li ma huwiex iddefinit fid-Direttiva 99/44, dwar il-protezzjoni legali tal-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi [34], u dwar il-portata tal-esklużjoni mill-possibbiltà li jingħataw privattivi tal-invenzjonijiet li jikkonċernaw l-użu ta' embrijoni umani għal finijiet industrijali u kummerċjali, prevista fl-Artikolu 6(2)(b) tad-direttiva msemmija.

Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet, l-ewwel nett, billi ppreċiżat li l-kliem "embriju uman" li jinsabu fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 98/44 għandhom jitqiesu li jirreferu għal kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni, kunċett li għandu jiġi interpretat b'mod uniformi fit-territorju ta' din tal-aħħar. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi osservat li l-kuntest u l-għan ta' din id-direttiva juru li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni jeskludi kwalunkwe possibbiltà li invenzjoni tingħata privattiva, peress li r-rispett dovut lid-dinjità tal-bniedem jista' jiġi affettwat, filwaqt li kkunsidrat li l-kunċett ta' "embriju uman" għandu jinftiehem b'mod wiesa' u li, f'dan il-kuntest, tikkostitwixxi "embriju uman", fis-sens tad-dispożizzjoni msemmija, kull bajda umana mhux iffertilizzata li fiha jkun ġie impjantat nukleu ta' ċellola umana matura u kull bajda umana mhux iffertilizzata li, permezz tal-partenoġenesi, tkun ġiet stimulata sabiex tinqasam u tiżviluppa. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina, fid-dawl tal-iżviluppi tax-xjenza, jekk ċellola staminali miksuba minn embriju uman fl-istadju tal-blastoċisti tikkostitwixxix "embriju uman" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-esklużjoni tal-possibbiltà li tingħata privattiva fir-rigward tal-kunċett ta' "użu ta' embriji umani għal għanijiet industrijali jew kummerċjali" tkopri wkoll l-użu għal finijiet ta' riċerka xjentifika. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-għoti ta' privattiva lil invenzjoni jimplika, bħala regola ġenerali, l-isfruttament industrijali u kummerċjali tagħha u, anki jekk l-għan ta' riċerka xjentifika għandu jiġi distint mill-finijiet industrijali jew kummerċjali, l-użu ta' embriji umani għal finijiet ta' riċerka li jkun is-suġġett tal-applikazzjoni għal privattiva ma jistax jiġi sseparat mill-privattiva nnifisha u mid-drittijiet marbuta magħha.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-possibbiltà li tingħata privattiva lil invenzjoni dwar il-produzzjoni ta' ċelloli prekursuri nevrali. Hija ddeċidiet li l-possibbiltà li tingħata privattiva lil invenzjoni għandha tkun eskluża meta, bħal fil-kawża ineżami, l-implementazzjoni ta' din l-invenzjoni tirrikjedi l-qerda minn qabel ta' embriji umani jew l-użu tagħhom bħala materjal

[34] Direttiva 98/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Lulju 1998, dwar il-protezzjoni legali tal-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 395).

inizjali, ikun xi jkun l-istadju li fih isiru dawn u anki jekk id-deskrizzjoni tal-edukazzjoni teknika mitluba ma ssemmix l-użu ta' embriji umani.

Fil-kawżi *Monsanto et* (sentenza tat-8 ta' Settembru 2011, Kawżi magħquda C-58/10 sa C-68/10), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kundizzjonijiet li fihom l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jadottaw miżuri ta' emerġenza intiżi sabiex jiġu sospiżi jew ipprojbiti provviżorjament l-użu jew it-tqegħid fis-suq ta' organiżmi modifikati ġenetikament (iktar 'il quddiem l-"OMĠ"), li jkunu diġà rċevew awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq fuq il-bażi tad-Direttiva 90/220 dwar l-OMĠ [35] (imħassra bid-Direttiva 2001/18 [36]).

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, f'din il-kawża, il-qamħirrun MON 810, awtorizzat b'mod partikolari bħala żerriegħa, skont id-Direttiva 90/220, kien ġie nnotifikat bħala "prodott eżistenti", skont ir-Regolament Nru 1829/2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament [37], u sussegwentement kien is-suġġett ta' applikazzjoni għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni li l-eżami tagħha kien għadu pendenti, skont dan ir-regolament. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, f'tali ċirkustanzi, Stat Membru ma jistax juża l-klawżola ta' salvagwardja prevista fid-Direttiva 2001/18 sabiex jadotta miżuri li jissospendu u sussegwentement jipprojbixxu provviżorjament l-użu jew it-tqegħid fis-suq ta' OMĠ bħalma huwa l-qamħirrun MON 810. Hija ppreċiżat, iżda, li tali miżuri ta' emerġenza jistgħu jiġu adottati fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1829/2003.

F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, meta jkun jixtieq jadotta miżuri ta' emerġenza fuq il-bażi ta' dan ir-regolament, Stat Membru għandu, minbarra l-kundizzjonijiet bażiċi msemmija fl-imsemmi regolament, josserva wkoll il-kundizzjonijiet proċedurali previsti fir-Regolament Nru 178/2002 [38], li għalih jirreferi r-Regolament Nru 1829/2003 fir-rigward ta' dan il-punt. Għaldaqstant, l-Istat Membru għandu jinforma "uffiċċjalment" lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġu adottati miżuri ta' emerġenza. Jekk il-Kummissjoni ma tiħux miżuri, l-Istat Membru għandu jinforma "minnufih" lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar il-kontenut tal-miżuri interim li jkun adotta.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fir-rigward tal-kundizzjonijiet bażiċi għall-miżuri ta' emerġenza adottati skont ir-Regolament Nru 1829/2003, li dan ir-regolament jobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu, minbarra l-emerġenza, l-eżistenza ta' sitwazzjoni li tista' tippreżenta riskju importanti li jipperikola b'mod manifest is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent. Minkejja n-natura provviżorja u preventiva tagħhom, dawn il-miżuri jistgħu jiġu adottati biss jekk ikunu bbażati fuq evalwazzjoni tar-riskji kemm jista' jkun kompleta fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ inkwistjoni, li juru li dawn il-miżuri huma neċessarji.

---

[35] Direttiva tal-Kunsill 90/220/KE, tat-23 ta' April 1990, dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (ĠU L 117, p. 15).

[36] Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 77).

[37] Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Settembru 2003, dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 32, p. 432).

[38] Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Jannar 2002, li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 463).

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fid-dawl tal-istruttura tas-sistema prevista mir-Regolament Nru 1829/2003 u tal-għan tiegħu li jevita differenzi artifiċjali, l-evalwazzjoni u l-ġestjoni ta' riskju serju u evidenti jaqgħu, bħala l-aħħar possibbiltà, taħt il-kompetenza esklużiva tal-Kummissjoni u tal-Kunsill, suġġetta għal stħarriġ mill-Qorti tal-Unjoni.

Fir-rigward għal darba oħra tal-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1829/2003, dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament [39], għandha tissemma wkoll is-sentenza *Bablok et* (sentenza tas-6 ta' Settembru 2011, Kawża C-442/09). Il-kawża prinċipali kienet bejn persuna li trabbi n-naħal u l-Freistaat Bayern (il-Ġermanja), li huwa l-proprjetarju ta' diversi artijiet li fuqhom kien ikkultivat il-qamħirrun MON 810 (OMĠ). Din il-persuna kienet qiegħda ssostni li l-preżenza tad-DNA tal-qamħirrun MON 810 fil-polline tal-qamħirrun u f'numru ta' kampjuni ta' għasel prodotti minnha setgħet twassal sabiex il-prodotti tal-apikultura tagħha jkunu inadegwati għall-kummerċjalizzazzjoni u għall-konsum. Filwaqt li osservat li fil-mument li l-polline kontenzjuż jiġi inkorporat fl-għasel jew fis-supplimenti tal-ikel fuq il-bażi ta' polline, dan il-polline jitlef il-kapaċità tiegħu għall-fertilizzazzjoni, il-qorti tar-rinviju għamlet talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja li fiha staqsietha, prinċipalment, jekk is-sempliċi preżenza, fil-prodotti tal-apikultura inkwistjoni, ta' polline ta' qamħirrun modifikat ġenetikament li jkun tilef il-kapaċità ta' riproduzzjoni tiegħu twassalx għall-ħtieġa li tinkiseb awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' dawn il-prodotti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk kellha tippreċiża l-kunċett ta' organiżmu modifikat ġenetikament fis-sens tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament Nru 1829/2003. Hija kkunsidrat li sustanza, bħall-polline dderivat minn varjetà ta' qamħirrun modifikat ġenetikament, li tilfet il-kapaċità tagħha li tirriproduċi u li ma għandha l-ebda kapaċità li tittrasferixxi materjal ġenetiku kontenut fiha, ma taqax iktar taħt dan il-kunċett. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li prodotti bħall-għasel u supplimenti tal-ikel li fihom tali polline jikkostitwixxu prodotti tal-ikel li fihom ingredjenti prodotti minn OMĠ fis-sens ta' dan ir-regolament. F'dan ir-rigward, hija tikkonstata li l-polline kontenzjuż huwa "prodott minn OMĠ" u li dan il-polline jikkostitwixxi "ingredjent" tal-għasel u tas-supplimenti tal-ikel fuq il-bażi ta' polline. Fir-rigward tal-għasel, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li l-polline ma huwiex materjal barrani u lanqas ma huwa impurità tal-għasel, iżda huwa komponent normali ta' dan il-prodott u, għaldaqstant, għandu effettivament jiġi kklassifikat bħala "ingredjent". Għalhekk, il-polline inkwistjoni jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament u għandu jkun suġġett għas-sistema ta' awtorizzazzjoni prevista f'dan ir-regolament qabel it-tqegħid fis-suq tiegħu. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li n-natura intenzjonata jew aċċidentali tal-introduzzjoni ta' dan il-polline fl-għasel ma tistax twassal sabiex teżenta dan il-prodott tal-ikel li fih ingredjenti prodotti minn OMĠ mill-applikazzjoni ta' din is-sistema ta' awtorizzazzjoni. Hija ppreċiżat, fl-aħħar nett, li l-obbligu ta' awtorizzazzjoni u ta' sorveljanza ta' prodott tal-ikel impost mill-Artikoli 3(1) u 4(2) tar-Regolament Nru 1829/2003 jeżisti irrispettivament mill-proporzjon ta' materjal modifikat ġenetikament li jkun jinsab fil-prodott inkwistjoni u li fir-rigward ta' dan l-obbligu ma jistax jiġi applikat limitu ta' tolleranza bħalma huwa previst fir-rigward tal-ittikkettjar mill-Artikolu 12(2) ta' dan l-istess regolament.

Fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur fis-soċjetà tal-informazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tat żewġ deċiżjonijiet li għandhom jingħataw attenzjoni partikolari.

L-ewwel deċiżjoni tikkonċerna l-miżuri nazzjonali intiżi sabiex jiġi miġġieled it-tniżżil illegali mill-internet (sentenza tal-24 ta' Novembru 2011, *Scarlet Extended*, C-70/10). Il-kawża oriġinat minn tilwima bejn Scarlet Extended SA, fornitur ta' aċċess għall-internet (iktar 'il quddiem "FAI"), u SABAM, soċjetà għall-amministrazzjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur Belġjana inkarigata li

[39] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 37.

tawtorizza l-użu, minn terzi, ta' xogħlijiet mużikali. SABAM kienet ikkonstatat li numru ta' utenti tal-internet li jużaw is-servizzi ta' Scarlet kienu qegħdin iniżlu mill-internet, mingħajr awtorizzazzjoni u mingħajr ma jħallsu drittijiet, xogħlijiet meħuda mill-katalogu tagħha permezz ta' netwerks "peer-to-peer". SABAM fetħet proċeduri nazzjonali u, fl-ewwel istanza, kisbet ordni kontra l-FAI sabiex dan iwaqqaf dawn il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur billi jagħmel impossibbli li, permezz ta' softwer "peer-to-peer", jintbagħtu u jiġu rċevuti, mill-klijenti tiegħu, fajls elettroniċi li jkun fihom xogħol mużikali li jagħmel parti mir-repertorju ta' SABAM. Adita mill-FAI, il-qorti tal-appell issospendiet il-proċedura quddiemha u, permezz ta' talba għal deċiżjoni preliminari, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, jekk tali ordni kienx kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġusttizzja rrispondiet li d-Direttivi 2000/31 [40], 2001/29 [41], 2004/48 [42], 95/46 [43] u 2002/58 [44], moqrija flimkien u interpretati fid-dawl tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali applikabbli, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu ordni magħmul lil FAI sabiex jistabbilixxi sistema ta' filtrazzjoni tal-komunikazzjonijiet elettroniċi kollha li jgħaddu mis-servizzi tagħha, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' softwer "peer-to-peer", li tapplika mingħajr distinzjoni fir-rigward tal-klijentela kollha tiegħu, b'mod preventiv, bi spejjeż tiegħu biss, u mingħajr limitazzjoni *ratione temporis*, u li tista' tidentifika fuq in-netwerk ta' dan il-fornitur iċ-ċirkulazzjoni ta' fajls elettroniċi li jinkludu xogħol mużikali, ċinematografiku jew awdjoviżiv u li fir-rigward tiegħu r-rikorrent jallega li għandu drittijiet ta' proprjetà intellettwali, bil-għan li jiġi mblokkat it-trasferiment ta' fajls li l-iskambju tagħhom jammonta għal vjolazzjoni tad-drittijiet tal-awtur.

Il-Qorti tal-Ġustizzja motivat id-deċiżjoni tagħha billi indikat li, fil-fatt, tali ordni la josserva l-projbizzjoni, stabbilita fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/31, li tali fornitur jitgħabba b'obbligu ġenerali ta' sorveljanza, u lanqas ir-rekwiżit li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn, minn naħa, id-dritt ta' proprjetà intellettwali u, min-naħa l-oħra, il-libertà ta' impriża u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u l-libertà li wieħed jirċievi jew jikkomunika informazzjoni.

Fit-tieni kawża (sentenza tas-16 ta' Ġunju 2011, *Stichting de Thuiskopie*, C-462/09), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar ir-regoli dettaljati għall-eżekuzzjoni u l-portata tal-obbligu li għandhom l-Istati Membri li jirrikonoxxu l-eċċezzjoni ta' kopja privata, li jiggarantixxu l-ħlas ta' kumpens ġust għad-detenturi tad-drittijiet tal-awtur, skont l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29,

---

[40] Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-8 ta' Ġunju 2000, dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514).

[41] Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

[42] Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32).

[43] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

[44] Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Lulju 2002, dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p 514).

dwar id-dritt tal-awtur u d-drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni [45]. Il-każ ineżami kien jikkonċerna s-sitwazzjoni partikolari ta' bejjiegħ professjonali, ta' tagħmir użat għar-riproduzzjoni, li jkun stabbilit fi Stat Membru differenti minn dak li jaqa' fuqu l-obbligu msemmi iktar 'il fuq u li jindirizza l-attivitajiet tiegħu lejn dan l-Istat.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li anki jekk, bħala regola ġenerali, huwa l-utent finali li jagħmel, privatament, ir-riproduzzjoni ta' xogħol protett, li għandu jiġi kkunsidrat bħala d-debitur tal-kumpens ġust, huwa possibbli għall-Istati Membri, fid-dawl tad-diffikultajiet prattiċi sabiex jiġu identifikati l-utenti privati kif ukoll sabiex jiġu obbligati jħallsu kumpens lid-detenturi tad-drittijiet għad-dannu li jkunu kkawżawlhom, li jintroduċu remunerazzjoni għal ikkupjar privat li titħallas mill-persuni li jagħmlu disponibbli għal dan l-utent finali l-attrezzatura, it-tagħmir jew il-mezzi ta' riproduzzjoni, peress li dawn il-persuni għandhom il-possibbiltà li jirkupraw l-ammont ta' din ir-remunerazzjoni fil-prezz tal-imsemmi tqegħid għad-dispożizzjoni mill-utent finali. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat id-dispożizzjonijiet tal-istess direttiva fis-sens li jimponu fuq l-Istat Membru li introduċa l-eċċezzjoni tal-kopja privata fid-dritt nazzjonali tiegħu obbligu ta' riżultat, fis-sens li dan l-Istat għandu jiżgura, fil-kuntest tal-kompetenzi tiegħu, il-ġbir effettiv tal-kumpens ġust intiż li jikkumpensa l-awturi li ġarrbu d-dannu, b'mod partikolari jekk dan id-dannu tnissel fit-territorju tal-Istat Membru msemmi. F'dan ir-rigward, is-sempliċi fatt li l-bejjiegħ professjonali tal-attrezzatura, tat-tagħmir u tal-mezzi ta' riproduzzjoni huwa stabbilit fi Stat Membru ieħor għajr dak fejn jirrisjedu x-xerrejja ma għandu ebda effett fuq dan l-obbligu ta' riżultat. Hija l-qorti nazzjonali li għandha, fil-każ li ma jkunx possibbli li jiġi żgurat il-ġbir tal-kumpens ġust mingħand ix-xerrejja, tinterpreta d-dritt nazzjonali sabiex dan il-kumpens ikun jista' jinġabar mingħand debitur fil-kwalità tiegħu bħala kummerċjant.

B'mod iktar ġenerali fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-kawża *Realchemie Nederland* (sentenza tat-18 ta' Ottubru 2011, Kawża C-406/09), dwar il-portata tar-regola stabbilita fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2004/48 dwar ir-rispett tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali [46], li tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispejjeż legali sostnuti mill-parti li tkun rebħet f'kawża dwar vjolazzjoni ta' dritt ta' proprjetà intellettwali għandhom, bħala regola ġenerali, jiġu sostnuti mill-parti li titlef.

F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ispejjeż marbuta ma' proċedura ta' *exequatur* mibdija minn Stat Membru, li matulha jintalbu r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor fil-kuntest ta' kawża intiża li jiġi rrispettat dritt ta' proprjetà intellettwali, jaqgħu taħt l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2004/48. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-fatt, din l-interpretazzjoni hija konformi kemm mal-għan ġenerali tad-Direttiva 2004/48, marbut mal-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri sabiex jiġi żgurat livell ta' protezzjoni għoli, ekwivalenti u omoġenju tal-proprjetà intellettwali, kif ukoll mal-għan speċifiku tal-imsemmi Artikolu 14, intiż sabiex jiġi evitat li parti leża ma tiġix dissważa milli tagħti bidu għal proċedura ġudizzjarja sabiex tħares id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tagħha. Skont dawn l-għanijiet, l-awtur tal-vjolazzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali għandu ġeneralment ibati l-konsegwenzi kollha tal-aġir tiegħu.

Fil-kawża *Association Belge des Consommateurs Test-Achats et* (sentenza tal-1 ta' Marzu 2011, Kawża C-236/09), il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha domanda preliminari mill-Cour constitutionnelle

[45] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 41.

[46] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 42.

tar-Renju tal-Belġju dwar il-validità tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2004/113 [47], li jipprovdi li "Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu qabel l-21 ta' Diċembru 2007 li jippermettu differenzi proporzjonati fi premiums u benefiċċji ta' individwi fejn l-użu tas-sess huwa fattur determinanti fl-istima ta' riskju bbażat fuq data attwarjali u statistika rilevanti u preċiża". Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li huwa paċifiku li l-għan tad-Direttiva 2004/113 fil-qasam tas-servizzi tal-assigurazzjoni huwa, kif jirrifletti l-Artikolu 5(1) tagħha, l-applikazzjoni tar-regola tal-primjums u tal-benefiċċji unisex. Il-premessa 18 ta' din id-direttiva tiddikjara espressament li, sabiex jiġi żgurat trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel, l-użu tas-sess bħala fattur attwarjali ma għandux jirriżulta f'differenzi fil-primjums u fil-benefiċċji għall-persuni assigurati. Il-premessa 19 tal-imsemmija direttiva tiddeskrivi l-possibbiltà mogħtija lill-Istati Membri li ma japplikawx ir-regola tal-primjums u benefiċċji unisex bħala "eżenzjoni [deroga]". B'hekk, id-Direttiva 2004/113 hija bbażata fuq il-premessa li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel stabbilit fl-Artikoli 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, is-sitwazzjonijiet rispettivi tan-nisa u tal-irġiel fir-rigward tal-primjums u tal-benefiċċji ta' assigurazzjonijiet ikkuntrattati minnhom huma paragunabbli. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi ddeċidiet li l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2004/113, li jawtorizza lill-Istati Membri kkonċernati jżommu fis-seħħ mingħajr limitu fiż-żmien deroga għar-regola tal-primjums u tal-benefiċċji unisex, imur kontra l-kisba tal-għan ta' trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel li tħaddan l-imsemmija direttiva 2004/113 u huwa inkompatibbli mal-Artikoli 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li din id-dispożizzjoni għandha titqies li hija invalida b'effett mill-21 ta' Diċembru 2012.

Fil-kawża *Churchill Insurance Company u Evans* (sentenza tal-1 ta' Diċembru 2011, Kawża C-442/10), dwar l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttivi 72/166 [48], 84/5 [49] u 90/232 [50] dwar l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur, li issa jinsabu kkodifikati fid-Direttiva 2009/103 [51], il-Qorti tal-Ġustizzja, adita b'talba għal deċiżjoni preliminari, kellha tagħti deċiżjoni dwar il-portata tal-kopertura ta' assigurazzjoni obbligatorja fir-rigward ta' terzi li jkunu vittmi ta' inċident.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tat-Tielet Direttiva 90/232 u l-Artikolu 2(1) tat-Tieni Direttiva 84/5 jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li jkollha bħala effett li teskludi, b'mod awtomatiku, l-obbligu tal-assiguratur li jikkumpensa vittma

---

[47] Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE, tat-13 ta' Diċembru 2004, li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi (ĠU 2006 L 153M, p. 294).

[48] Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 10).

[49] It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 84/5/KEE, tat-30 ta' Diċembru 1983, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 3).

[50] It-Tielet Direttiva tal-Kunsill 90/232/KEE, tal-14 ta' Mejju 1990, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 249).

[51] Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU L 263, p. 11). Din id-direttiva kienet għadha ma daħlitx fis-seħħ fiż-żmien meta seħħew il-fatti kontenzjużi.

ta' inċident tat-traffiku meta dan l-inċident ikun ikkawżat minn sewwieq li ma jkunx assigurat skont il-polza ta' assigurazzjoni u meta din il-vittma, passiġġier fil-vettura fil-mument tal-inċident, ikollha assigurazzjoni sabiex issuq din il-vettura u tkun awtorizzat lis-sewwieq isuq tali vettura. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li din l-interpretazzjoni ma tvarjax skont jekk il-vittma assigurata kellhiex għarfien jew le tal-fatt li l-persuna li hija awtorizzat issuq ma kellhiex assigurazzjoni sabiex tagħmel dan, jekk kinitx temmen li tali persuna kellha assigurazzjoni jew jekk ħasbitx jew le f'dan ir-rigward. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li dan ma jeskludix il-possibbiltà għall-Istati Membri li jieħdu inkunsiderazzjoni dan l-element fil-kuntest tar-regoli tagħhom dwar ir-responsabbiltà ċivili, bil-kundizzjoni, madankollu, li l-kompetenzi tagħhom f'dan il-qasam jiġu eżerċitati b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari, tal-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva, tal-Artikolu 2(1) tat-Tieni Direttiva u tal-Artikolu 1 tat-Tielet Direttiva, u li l-imsemmija regoli nazzjonali ma jwasslux sabiex dawn id-direttivi jiċċaħdu mill-effettività tagħhom. Għalhekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, leġiżlazzjoni nazzjonali, imfassla skont kriterji ġenerali u astratti, ma tistax tirrifjuta jew tillimita b'mod sproporzjonat id-dritt tal-passiġġier li jiġi kkumpensat mill-assigurazzjoni obbligatorja tar-responsabbiltà ċivili tal-vetturi abbażi biss tal-kontribuzzjoni tiegħu għat-twettiq tad-dannu. Huwa biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali li, abbażi ta' evalwazzjoni individwali, tista' tiġi limitata l-portata tal-kumpens.

### *Trasport*

Fil-kawża *Il-Lussemburgu vs Il-Parlament u Il-Kunsill* (sentenza tat-12 ta' Mejju 2011, Kawża C-176/09), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-validità tad-Direttiva 2009/12, dwar l-imposti tal-ajruporti [52]. L-uniku ajruport ta' dan l-Istat Membru, minkejja li ma jissodisfax il-kriterju kwantitattiv impost minn din id-direttiva (ħames miljun passiġġier fis-sena) u minkejja li jinsab qrib ta' ajruporti oħra fl-Istati Membri ġirien, huwa suġġett għall-obbligi amministrattivi u finanzjarji tal-istess direttiva minħabba li, skont din id-direttiva, huwa meqjus li jgawdi minn pożizzjoni privileġġata bħala punt ta' dħul f'dan l-Istat. Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu invoka, sabiex jikkontesta l-validità ta' din id-direttiva, ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali minħabba, minn naħa, il-fatt li jeżistu ajruporti reġjonali oħra li jirreġistraw numru ikbar ta' passiġġieri u, min-naħa l-oħra, il-fatt li l-uniku ajruport tiegħu ġie ttrattat bħala ajruport li jirreġistra iktar minn ħames miljun passiġġier fis-sena.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li l-leġiżlatur tal-Unjoni għamel distinzjoni bejn żewġ kategoriji ta' ajruporti u li l-ajruport li jirreġistra l-ikbar numru ta' passiġġieri fis-sena fi Stat Membru li fih ma jkun hemm ebda ajruport li jilħaq il-livell ta' ħames miljun utent għandu jitqies li huwa l-punt ta' dħul fl-Istat Membru kkonċernat minħabba li jgawdi minn pożizzjoni privileġġata. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-leġiżlatur tal-Unjoni la wettaq żball u lanqas ma mar lil hinn mis-setgħa tiegħu meta stabbilixxa distinzjoni bejn l-ajruporti sekondarji u l-ajruporti prinċipali, irrispettivament min-numru ta' passiġġieri fis-sena: fil-fatt, l-ajruporti sekondarji ma jistgħux jitqiesu li huma l-punt ta' dħul fl-Istat Membru fis-sens tad-direttiva msemmija. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-sempliċi fatt li ajruport igawdi minn pożizzjoni privileġġata huwa biżżejjed sabiex tiġi ġġustifikata l-applikazzjoni tal-istess direttiva. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li l-ispejjeż li jirriżultaw mis-sistema stabbilita minn din id-direttiva ma jidhrux li huma sproporzjonati fir-rigward tal-vantaġġi li jirriżulta minnha u li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien ġustament ikkunsidra li ma kienx hemm bżonn li fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva msemmija

[52] Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2009, dwar l-imposti tal-ajruporti (ĠU L 70, p. 11).

jiġu inklużi l-ajruporti li jirreġistraw inqas minn ħames miljun passiġġier fis-sena, meta dawn ma jikkostitwixxux l-ajruport prinċipali tal-Istat Membru tagħhom.

*Kompetizzjoni*

Il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità, jew permezz tal-eżami ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti Ġenerali jew permezz ta' rinviji għal deċiżjoni preliminari, tikkjarifika diversi aspetti tad-dritt tal-kompetizzjoni, kemm fir-rigward tar-regoli sostantivi tat-Trattat kif ukoll fir-rigward tal-proċeduri li jiżguraw l-applikazzjoni tagħhom, b'mod partikolari fuq il-livell tat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-awtoritajiet tal-Unjoni u dawk tal-Istati Membri.

Fil-kawża *Paint Graphos et* (sentenza tat-8 ta' Settembru 2011, Kawżi magħquda C-78/08 sa C-80/08), il-Qorti tal-Ġustizzja sarulha diversi domandi preliminari dwar il-vantaġġi fiskali mogħtija mil-leġiżlazzjoni Taljana lis-soċjetajiet kooperattivi. Il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tagħti deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat [53] għad-diversi eżenzjonijiet fiskali li l-leġiżlazzjoni Taljana kienet tagħti lis-soċjetajiet kooperattivi msemmija. Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju kkunsidrat li kien meħtieġ li qabel jiġi ddeterminat jekk u, jekk ikun il-każ, taħt liema kundizzjonijiet, il-fatt li s-soċjetajiet kooperattivi kkonċernati jħallsu inqas taxxa, f'ammonti ħafna drabi kunsiderevoli, kienx jikkostitwixxi għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE. Fil-fatt, tali inkompatibbiltà timplika, minħabba l-effett dirett tal-Artikolu 88(3) KE, l-obbligu għall-awtoritajiet nazzjonali, inklużi dawk ġudizzjarji, li ma japplikawx id-digriet Taljan li jipprevedi dawn il-vantaġġi fiskali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ippreċiżat kif għandhom jiġu interpretati l-kundizzjonijiet li għalihom l-Artikolu 87(1) KE jissuġġetta l-klassifikazzjoni ta' miżura nazzjonali bħala għajnuna mill-Istat, jiġifieri, fl-ewwel lok, il-finanzjament ta' din il-miżura mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, fit-tieni lok, in-natura selettiva ta' tali miżura, kif ukoll, fit-tielet lok, l-impatt ta' din il-miżura fuq il-kummerċ bejn Stati Membri u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni li tirriżulta minn din il-miżura. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li eżenzjoni fiskali tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u li l-għajnuna li tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi hija pprojbita. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li miżura li tikkostitwixxi eċċezzjoni għall-applikazzjoni tas-sistema fiskali ġenerali tista' madankollu tiġi ġġustifikata jekk l-Istat Membru kkonċernat jirnexxielu juri li din il-miżura tirriżulta direttament minn prinċipji fundamentali jew prinċipali tas-sistema fiskali tiegħu, filwaqt li ppreċiżat li l-għan tal-interventi tal-Istat ma huwiex biżżejjed sabiex dawn l-interventi jaħarbu awtomatikament mill-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat. Fi kwalunkwe każ, sabiex eżenzjonijiet fiskali bħal dawk mogħtija lill-kooperattivi Taljani jkunu jistgħu jiġu ġustifikati permezz tan-natura jew tal-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali tal-Istat Membru kkonċernat, huwa meħtieġ ukoll li jiġi żgurat li dawn l-eżenzjonijiet ikunu konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità u ma jmorrux lil hinn mil-limiti ta' dak li huwa neċessarju, fis-sens li l-għan leġittimu segwit ma jkunx jista' jintlaħaq permezz ta' miżuri b'portata iktar limitata. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kwistjoni tal-impatt fuq il-kummerċ bejn Stati Membri u l-kwistjoni tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 87(1) KE. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, meta għajnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla mal-pożizzjoni ta' impriżi kompetituri oħra fil-kummerċ intra-Komunitarju, dawn tal-aħħar għandhom jiġu kkunsidrati li huma influwenzati mill-għajnuna. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li ma huwiex neċessarju li l-impriża benefiċjarja tipparteċipa hija stess fil-kummerċ intra-Komunitarju. Fil-fatt,

[53] Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE.

meta Stat Membru jagħti għajnuna lil impriża, l-attività interna tista' ssib ruħha miżmuma jew miżjuda, bil-konsegwenza li l-possibbiltajiet tal-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra li jippenetraw is-suq ta' dan l-Istat Membru jonqsu. Minbarra dan, tisħiħ ta' impriża li, sa dak iż-żmien, ma pparteċipatx fil-kummerċ intra-Komunitarju jista' jqiegħda f'sitwazzjoni li tippermettilha tippenetra s-suq ta' Stat Membru ieħor. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-vantaġġ fiskali mogħti lis-soċjetajiet kooperattivi Taljani seta' jaffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri u seta' jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni, u għalhekk kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, bil-kundizzjoni, iżda, li jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Artikolu 87(1) KE. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa n-natura selettiva tal-eżenzjonijiet fiskali mogħtija lis-soċjetajiet kooperattivi kif ukoll il-ġustifikazzjoni eventwali tagħhom minħabba n-natura jew l-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali nazzjonali li jagħmlu parti minnha. Sabiex tkun tista' tagħmel din l-evalwazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrakkomandat lill-qorti Taljana tiddetermina, b'mod partikolari, jekk is-soċjetajiet kooperattivi jinsabux fil-fatt f'sitwazzjoni komparabbli għal dik ta' operaturi oħra inkorporati fil-forma ta' entitajiet ġuridiċi bi skop ta' lukru u, jekk dan effettivament ikun il-każ, jekk it-trattament fiskali iktar favorevoli rriżervat lill-imsemmija soċjetajiet kooperattivi huwiex, minn naħa, inerenti għall-prinċipji essenzjali tas-sistema ta' tassazzjoni applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat u, min-naħa l-oħra, konformi mal-prinċipji ta' koerenza u ta' proporzjonalità.

Fil-kawża *Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit* (sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, Kawżi magħquda C-106/09 P u C-107/09 P), il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-18 ta' Diċembru 2008, li permezz tagħha din il-qorti annullat deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar skema ta' għajnuna li r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq kellu l-intenzjoni jeżegwixxi permezz tar-riforma tat-taxxa fuq il-kumpanniji f'Ġibiltà. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li r-riforma fiskali proposta ma kinitx tagħti vantaġġi selettivi lill-kumpanniji off-shore. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, għalkemm piż fiskali differenti li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' sistema fiskali "ġenerali" ma huwiex biżżejjed, fih innifsu, sabiex tiġi stabbilita n-natura selettiva ta' taxxa, din in-natura selettiva madankollu teżisti meta, bħal fil-każ ineżami, il-kriterji ta' impożizzjoni adottati f'sistema fiskali jkunu ta' natura li jikkaratterizzaw l-impriżi benefiċjarji fuq il-bażi ta' karatteristiċi li huma partikolari għalihom bħala kategorija ta' impriżi privileġġati. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-klassifikazzjoni ta' sistema fiskali bħala "selettiva" ma hijiex suġġetta għall-fatt li hija tkun stabbilita b'mod li l-impriżi jkunu suġġetti għall-istess piżijiet fiskali u li wħud minn dawn l-impriżi jibbenefikaw minn regoli derogatorji li jagħtuhom vantaġġ selettiv. Tali interpretazzjoni tal-kriterju ta' selettività teħtieġ li sabiex tkun tista' tiġi kklasifikata bħala selettiva, sistema fiskali għandha tkun stabbilita skont ċerta teknika leġiżlattiva. Issa, dan ikollu bħala konsegwenza li regoli fiskali nazzjonali jaqgħu mill-ewwel barra l-istħarriġ fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat minħabba s-sempliċi fatt li dawn ġew adottati taħt teknika leġiżlattiva oħra minkejja li jipproduċu l-istess effetti.

Fil-kawża *TeliaSonera Sverige* (sentenza tas-17 ta' Frar 2011, Kawża C-52/09), il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat prattika antikompetittiva, fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet, fis-suq bl-ingrossa għal servizzi ta' linja diġitali asimetrika intermedjarja (ADSL), linji użati għal konnessjoni broadband. Qorti Svediża staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kriterji li abbażi tagħhom prattika tariffarja ta' pressjoni fuq il-marġni għandha tiġi kkunsidrata li tikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti. Din il-prattika, magħrufa bħala "prattika li toħloq pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet tal-kompetituri", tfisser li operatur, li ġeneralment ikun integrat vertikalment, jiffissa kemm it-tariffi bl-imnut f'suq kif ukoll it-tariffa għal servizz intermedjarju neċessarju għall-aċċess għas-suq bl-imnut, mingħajr ma jħalli, bejn dawn iż-żewġ tariffi, spazju suffiċjenti sabiex jiġu koperti spejjeż oħra marbuta mal-provvista tas-servizz bl-imnut. Tali prattika tista' tikkostitwixxi, fis-sens tal-

Artikolu 102 TFUE, abbuż mill-pożizzjoni dominanti li tgawdi minnha impriża ta' telekomunikazzjonijiet li tkun integrata vertikalment.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-punt (a) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 102 TFUE jipprojbixxi espliċitament il-fatt li impriża dominanti timponi prezzijiet inġusti b'mod dirett jew indirett. Hija kompliet billi ppreċiżat li l-lista tal-prattiki abbużivi li tinsab fl-Artikolu 102 TFUE ma hijiex eżawrjenti, b'tali mod li l-lista ta' prattiki abbużivi mogħtija f'din id-dispożizzjoni ma tinkludix il-metodi kollha ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti pprojbiti mid-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, l-abbuż minn pożizzjoni dominanti pprojbit minn din id-dispożizzjoni huwa kunċett oġġettiv li jkopri l-aġir ta' impriża f'pożizzjoni dominanti li, f'suq fejn, preċiżament minħabba l-preżenza tal-impriża inkwistjoni, il-livell ta' kompetizzjoni huwa diġà mdgħajjef, għandu bħala effett li jostakola, bl-użu ta' mezzi differenti minn dawk li jirregolaw kompetizzjoni normali ta' prodotti jew ta' servizzi fuq il-bażi ta' prestazzjonijiet tal-operaturi ekonomiċi, iż-żamma ta' livell ta' kompetizzjoni li għadu jeżisti fis-suq jew l-iżvilupp ta' din il-kompetizzjoni. Għalhekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-impriża li għandha pożizzjoni dominanti abbużatx minn din il-pożizzjoni bl-applikazzjoni tal-prattiki tariffarji tagħha, għandhom jiġu evalwati ċ-ċirkustanzi kollha u għandu jiġi eżaminat jekk din il-prattika għandhiex it-tendenza li telimina jew tnaqqas il-possibbiltà ta' għażla tax-xerrej fir-rigward tas-sorsi ta' provvista tiegħu, li twaqqaf l-aċċess għas-suq lill-kompetituri, li tapplika kundizzjonijiet differenti għal servizzi ekwivalenti fil-konfront ta' sħab kummerċjali jew li ssaħħaħ il-pożizzjoni dominanti permezz ta' kompetizzjoni distorta.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk iddeċidiet li, fin-nuqqas ta' kwalunkwe ġustifikazzjoni oġġettiva, il-fatt li impriża vertikalment integrata, f'pożizzjoni dominanti fis-suq bl-ingrossa tas-servizzi ta' linja diġitali asimetrika intermedjarja, tapplika prattika tariffarja fejn id-differenza bejn il-prezzijiet applikati f'dan is-suq u dawk applikati fis-suq bl-imnut tas-servizzi ta' konnessjoni broadband lill-klijenti finali ma hijiex suffiċjenti sabiex tkopri l-ispejjeż speċifiċi li din l-impriża jkollha tbati sabiex ikollha aċċess għal dan is-suq tal-aħħar, jista' jikkostitwixxi abbuż fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tan-natura abbużiva ta' tali prattika, iċ-ċirkustanzi li ma kinux rilevanti għall-evalwazzjoni tal-eżistenza tal-abbuż minn pożizzjoni dominanti. Dawn huma ċ-ċirkustanzi segwenti: in-nuqqas, għall-impriża kkonċernata, ta' kull obbligu leġiżlattiv sabiex tipprovdi s-servizzi ta' linja diġitali asimetrika intermedjarja fis-suq bl-ingrossa li fih għandha pożizzjoni dominanti; il-grad ta' dominanza li din l-impriża żżomm f'dan is-suq; il-fatt li l-imsemmija impriża ma għandhiex ukoll pożizzjoni dominanti fis-suq bl-imnut tas-servizzi ta' konnessjoni broadband lill-klijenti finali; il-fatt li l-klijenti li għalihom tapplika tali prattika tariffarja huma klijenti ġodda jew eżistenti tal-impriża kkonċernata; l-impossibbiltà għall-impriża dominanti li tirkupra t-telf eventwali li l-implementazzjoni ta' tali prattika tariffarja setgħet ikkawżat, u l-grad ta' maturità tas-swieq ikkonċernati u l-fatt li dawn jinvolvu teknoloġija ġdida li teħtieġ investimenti kbar ħafna.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kien hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni, bħala regola ġenerali u qabel kollox, il-prezzijiet u l-ispejjeż tal-impriża kkonċernata fis-suq tas-servizzi bl-imnut. Fil-fatt, huwa biss meta ma jkunx possibbli, fid-dawl taċ-ċirkustanzi, li jsir riferiment għal dawn il-prezzijiet u spejjeż li għandhom jiġu eżaminati dawk tal-kompetituri fl-istess suq. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li huwa neċessarju li jintwera li, fid-dawl, b'mod partikolari, tan-natura indispensabbli tal-prodott bl-ingrossa, din il-prattika tipproduċi effett antikompetittiv mill-inqas potenzjali fis-suq bl-imnut, mingħajr ma dan ikun b'xi mod ġustifikat ekonomikament.

Fil-kawża *General Química et vs Il-Kummissjoni* (sentenza tal-20 ta' Jannar 2011, Kawża C-90/09), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar ir-regola tal-preżunzjoni li kumpannija parent effettivament teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir tal-kumpannija sussidjarja tagħha, fil-

kuntest ta' akkordju fis-settur tal-prodotti kimiċi għall-ipproċessar tal-lastku. Din il-kawża kienet tikkonċerna kumpannija holding li kienet iżżomm 100 % tal-kapital ta' kumpannija intermedjarja li, min-naħa tagħha, kienet iżżomm il-kapital kollu ta' kumpannija sussidjarja. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ma jistax jiġi eskluż li kumpannija holding tista' tinżamm responsabbli *in solidum* għall-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni mwettaq minn kumpannija sussidjarja fil-grupp tagħha li ma żżommx il-kapital azzjonarju tagħha b'mod dirett, u dan sa fejn din il-kumpannija holding tkun teżerċita influwenza determinanti fuq l-imsemmija sussidjarja, anki jekk tali influwenza tkun teżisti b'mod indirett permezz ta' kumpannija intermedjarja. Dan ikun b'mod partikolari l-każ meta l-kumpannija sussidjarja ma tiddeterminax l-aġir tagħha fis-suq b'mod awtonomu mill-kumpannija intermedjarja filwaqt li lanqas il-kumpannija intermedjarja stess ma tiddetermina l-aġir tagħha fis-suq b'mod awtonomu, iżda essenzjalment tapplika l-istruzzjonijiet mogħtija lilha mill-kumpannija holding. F'tali sitwazzjoni, il-kumpannija holding, il-kumpannija intermedjarja kif ukoll l-aħħar sussidjarja tal-grupp jagħmlu parti mill-istess unità ekonomika u, għaldaqstant, jikkostitwixxu impriża waħda fis-sens tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ikkonfermat li l-Kummissjoni għandha l-jedd li tobbliga lill-kumpannija holding sabiex, *in solidum*, tħallas il-multa imposta fuq l-aħħar sussidjarja tal-grupp mingħajr ma jkollha għalfejn tistabbilixxi l-influwenza diretta tagħha f'dan il-ksur sakemm din il-kumpannija holding ma tegħlibx din il-preżunzjoni billi turi li l-kumpannija intermedjarja jew dik sussidjarja jaġixxu fis-suq b'mod awtonomu. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, li kienet ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, minħabba li l-Qorti Ġenerali kienet marbuta li tikkunsidra u teżamina b'mod konkret l-elementi li tressqu mill-kumpannija parent bl-għan li turi l-awtonomija tal-kumpannija sussidjarja fl-implementazzjoni tal-politika kummerċjali tagħha, u dan sabiex tivverifika jekk il-Kummissjoni wettqitx żball ta' evalwazzjoni meta kkunsidrat li dawn il-provi ma setgħux juru li tali sussidjarja ma kinitx tifforma entità ekonomika waħda flimkien mal-kumpannija parent. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta, filwaqt li rreferiet biss għall-ġurisprudenza, qalet li l-argumenti mressqa bl-iskop li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' tali awtonomija ma setgħux jintlaqgħu mingħajr ma wettqet eżami konkret tal-elementi allegati mill-kumpannija parent.

F'kawża dwar akkordju fis-settur tal-prodotti kimiċi, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha opportunità oħra tagħti deċiżjoni dwar ir-regola tal-preżunzjoni li kumpannija parent effettivament teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir tal-kumpannija sussidjarja (sentenza tal-20 ta' Settembru 2011, *Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni*, C-521/09).

Permezz ta' deċiżjoni tal-2005, il-Kummissjoni kienet imponiet multi fuq diversi kumpanniji, fosthom Elf Aquitaine S.A. u l-kumpannija sussidjarja tagħha Arkema S.A., li l-Kummissjoni kkunsidrat li kienu ħolqu akkordju fis-suq ta' sustanza użata bħala intermedjarja kimika.

Dawn iż-żewġ kumpanniji ppreżentaw żewġ rikorsi distinti quddiem il-Qorti Ġenerali intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni jew għat-tnaqqis tal-multi li kienu imposti fuqhom.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti kollha invokati minn dawn iż-żewġ kumpanniji. Hija kkunsidrat, skont ġurisprudenza klassika, li, meta l-kapital azzjonarju kollu jew kważi kollu tal-kumpannija sussidjarja jkun miżmum mill-kumpannija parent tagħha, il-Kummissjoni tista' tippreżumi li din tal-aħħar teżerċita influwenza determinanti fuq il-politika kummerċjali tal-kumpannija sussidjarja tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi fakkret li, meta deċiżjoni fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni tkun tirrigwarda numru ta' destinatarji u tkun tikkonċerna l-imputabbiltà ta' ksur, din id-deċiżjoni għandha tagħti motivazzjoni suffiċjenti fir-rigward ta' kull wieħed mid-destinatarji tagħha. Għalhekk, fir-rigward ta' kumpannija parent miżmuma responsabbli għall-aġir tal-kumpannija

sussidjarja tagħha li jikkostitwixxi ksur, tali deċiżjoni għandha bħala regola ġenerali tinkludi espożizzjoni ddettaljata tal-motivi li jiġġustifikaw l-imputabbiltà tal-ksur lil din il-kumpannija.

Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, peress li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet ibbażata esklużivament fuq il-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti min-naħa tal-kumpannija Elf Aquitaine S.A. fuq l-aġir tal-kumpannija sussidjarja tagħha, il-Kummissjoni kellha tindika b'mod adegwat ir-raġunijiet għalfejn il-punti ta' fatt u ta' liġi invokati mill-kumpannija Elf Aquitaine S.A. ma kinux biżżejjed sabiex tingħeleb din il-preżunzjoni, u dan għaliex jekk ma jkunx hekk din il-preżunzjoni ssir waħda inkonfutabbli. Fil-fatt, in-natura konfutabbli tal-preżunzjoni teħtieġ li l-kumpanniji kkonċernati jipproduċu, sabiex tingħeleb din il-preżunzjoni, prova dwar ir-rabtiet ekonomiċi, organizzattivi u ġuridiċi bejniethom.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li-Qorti Ġenerali kellha għalhekk tagħti attenzjoni partikolari lill-kwistjoni ta' jekk id-deċiżjoni tal-Kummissjoni kinitx tinkludi espożizzjoni ddettaljata tar-raġunijiet għalfejn l-elementi mressqa mill-kumpannija Elf Aquitaine S.A. ma kinux suffiċjenti sabiex tingħeleb il-preżunzjoni ta' responsabbiltà applikata f'din id-deċiżjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi kkonstatat li l-motivazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-argumenti mressqa mill-kumpannija Elf Aquitaine S.A. kienet tikkonsisti biss f'serje ta' sempliċi allegazzjonijiet u ċaħdiet ripetittivi u mhux iddettaljati. Għalhekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fin-nuqqas ta' kjarifiki ulterjuri, din is-serje ta' allegazzjonijiet u ċaħdiet ma kinitx ta' natura li tippermetti lill-kumpannija Elf Aquitaine S.A. tidentifika l-ġustifikazzjoni tal-miżura meħuda jew lill-qorti kompetenti teżerċita l-istħarriġ tagħha.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali kif ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni sa fejn imputat il-ksur lill-kumpannija Elf Aquitaine S.A. u sa fejn imponiet multa fuqha.

F'kawża dwar akkordju fis-settur tat-tubi industrijali tar-ram, dwar tliet kumpanniji fl-istess grupp, il-Kummissjoni kienet adottat deċiżjoni dwar proċedura skont l-Artikolu 81 KE u skont l-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [54]. It-tliet kumpanniji kienu ppreżentaw rikors quddiem il-Qorti Ġenerali li fih invokaw motivi dwar l-ammont tal-multa imposta mill-Kummissjoni. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet kull wieħed minn dawn il-motivi u l-kumpanniji appellaw quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, *KME Germany et vs Il-Kummissjoni*, C-272/09 P).

Minbarra li stħarrġet l-applikazzjoni tal-kriterji, li huma s-suġġett ta' ġurisprudenza kostanti u stabbilita tal-qrati Ewropej, rilevati għall-iffissar tal-ammont tal-multi fil-każ ta' prattika antikompettitiva, jiġifieri t-tul tal-ksur, il-gravità tal-ksur u l-kooperazzjoni eventwali min-naħa tal-kumpanniji kkonċernati, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll dwar l-aggravju bbażat fuq ksur tad-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv. Il-kumpanniji kienu qegħdin isostnu li l-Qorti Ġenerali kisret id-dritt tal-Unjoni u d-dritt fundamentali tagħhom għal rimedju ġudizzjarju effettiv u mingħajr ostakoli, sa fejn ma eżaminatx b'attenzjoni u kura l-argumenti tagħhom u sa fejn straħet b'mod eċċessiv u mhux raġonevoli fuq is-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni. Dawn il-kumpanniji invokaw l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [55].

---

[54] Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3).

[55] Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2010, C 83, p. 401).

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li llum huwa espress fl-Artikolu 47 tal-Karta u li l-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet ġie rregolat mit-Trattati fundaturi, filwaqt li ppreċiżat li, minbarra l-istħarriġ tal-legalità, previst fl-Artikolu 263 TFUE, ġie previst stħarriġ ta' ġurisdizzjoni sħiħa għal dak li jikkonċerna s-sanzjonijiet previsti.

Fir-rigward tal-istħarriġ tal-legalità, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-ġurisprudenza preċedenti tagħha, iddeċidiet li għalkemm il-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni fl-oqsma li jagħtu lok għal evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi, dan ma jimplikax li l-qorti tal-Unjoni għandha tastjeni milli tistħarreġ l-interpretazzjoni, mill-Kummissjoni, ta' data ta' natura ekonomika. Fil-fatt, il-qorti tal-Unjoni għandha twettaq dan l-istħarriġ fuq il-bażi tal-provi mressqa mir-rikorrent.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ikkunsidrat li l-qorti tal-Unjoni ma tistax tistrieħ fuq il-marġni ta' diskrezzjoni li għandha l-Kummissjoni la f'dak li jikkonċerna l-għażla tal-elementi meħuda inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-kriterji kkunsidrati sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tal-multi, u lanqas f'dak li jikkonċerna l-evalwazzjoni ta' dawn l-elementi sabiex tirrinunzja milli teżerċita stħarriġ legali u fattwali approfondit.

Fir-rigward tal-ġurisdizzjoni sħiħa fejn jidħol l-ammont tal-multi, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li din il-ġurisdizzjoni tawtorizza lill-qorti sabiex mhux biss tistħarreġ il-legalità tas-sanzjoni iżda wkoll sabiex tissostitwixxi l-evalwazzjoni magħmula mill-Kummissjoni bl-evalwazzjoni tagħha. Dan ifisser li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tħassar, tnaqqas jew iżżid is-sanzjoni pekunjarja imposta. Madankollu, hija enfasizzat li l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa ma jfissirx li l-qorti hija meħtieġa twettaq stħarriġ *ex officio* tad-deċiżjoni kkontestata kollha; dan fil-fatt ikun jimplika li ssir istruzzjoni sħiħa tal-każ ineżami.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett ikkonkludiet li l-qorti tal-Unjoni għandha teżerċita stħarriġ kemm ta' liġi kif ukoll ta' fatt u li din il-qorti għandha s-setgħa li tevalwa l-provi, li tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni u li temenda l-ammont tal-multi. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li ma jidhirx li l-istħarriġ ġudizzjarju, kif previst fid-dritt tal-Unjoni, huwa kuntrarju għar-rekwiżiti tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva li jinsab fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali, fil-kawża li kellha quddiemha, kienet eżerċitat l-istħarriġ sħiħ, fil-liġi u fil-fatt, li kienet meħtieġa teżerċita.

Il-kawżi *Solvay vs Il-Kummissjoni* (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, Kawżi magħquda C-109/10 P u C-110/10 P) taw lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità tippreċiża l-limiti tal-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet tad-difiża. Il-Kummissjoni kienet inizjalment issanzjonat lill-kumpannija Solvay, fl-1990, minħabba abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-suq tal-karbonat tas-soda u minħabba ftehim dwar prezzijiet ma' kompetitur. Id-deċiżjonijiet li permezz tagħhom il-Kummissjoni kienet issanzjonat lill-kumpannija Belġjana ġew annullati. Għalhekk, il-Kummissjoni adottat deċiżjonijiet ġodda, fl-2000, li bihom imponiet multi ġodda fuq il-kumpannija Solvay fir-rigward tal-istess fatti. Din il-kumpannija kienet ippreżentat rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali li fihom akkużat lill-Kummissjoni bi ksur tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti miżmuma minnha, b'mod partikolari minħabba li l-Kummissjoni kienet tilfet uħud minn dawn id-dokumenti. Hija sostniet ukoll li l-Kummissjoni, qabel ma adottat deċiżjonijiet ġodda, kien imissha tatha l-opportunità li tinstema'. Peress li l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi tagħha, il-kumpannija Solvay ippreżentat appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li kellha teżamina l-istess ilmenti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li d-dritt ta' aċċess għall-fajl jimplika li l-Kummissjoni għandha tagħti lill-impriża kkonċernata l-possibbiltà teżamina d-dokumenti kollha li jkunu jinsabu fil-fajl tal-istruzzjoni u li jistgħu jkunu rilevanti għad-difiża tagħha. Il-ksur tad-dritt ta' aċċess għall-

fajl matul il-proċedura li tippreċedi l-adozzjoni tad-deċiżjoni jista', bħala regola ġenerali, iwassal għall-annullament ta' din id-deċiżjoni meta jkunu ġew ippreġudikati d-drittijiet tad-difiża.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fil-kawża ineżami, il-kwistjoni ma kinitx li ma setgħux jinstabu numru ta' dokumenti, li l-kontenut tagħhom seta' jinbena minn sorsi oħra, iżda li ma setgħux jinstabu fajls sekondarji sħaħ li setgħu jinkludu dokumenti essenzjali għall-proċedura li żvolġiet quddiem il-Kummissjoni u li setgħu jkunu rilevanti wkoll għad-difiża ta' Solvay.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-fatt li Solvay ma kellhiex aċċess għad-dokumenti kollha fil-fajl ma kienx jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha.

Fir-rigward tas-smigħ tal-impriża qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li dan is-smigħ jagħmel parti mid-drittijiet tad-difiża u li dan għandu għalhekk jiġi eżaminat fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari għal kull każ. Meta l-Kummissjoni, wara l-annullament ta' deċiżjoni minħabba difett proċedurali li jkun jikkonċerna esklużivament il-modalitajiet tal-adozzjoni definittiva tagħha mill-Kulleġġ tal-Kummissarji, tadotta deċiżjoni ġdida, b'kontenut sostanzjalment identiku u bbażata fuq l-istess ilmenti, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata terġa' tisma' lill-impriża kkonċernata. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizza kkunsidrat li l-kwistjoni tas-smigħ ta' Solvay ma setgħetx tiġi distinta mill-aċċess għall-fajl sa fejn, matul il-proċedura amministrattiva li wasslet għall-adozzjoni tal-ewwel deċiżjonijiet tal-1990, il-Kummissjoni ma kinitx tat lil Solvay id-dokumenti kollha li kellha fil-fajl tagħha. Issa, minkejja dan il-fatt u minkejja l-importanza li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali tagħti lill-aċċess għall-fajl, il-Kummissjoni adottat l-istess deċiżjonijiet bħal dawk annullati minħabba li ma kinux ġew awtentifikati b'mod regolari mingħajr ma fetħet proċedura amministrattiva ġdida li fil-kuntest tagħha kien imissha semgħet lill-kumpannija Solvay wara li tkun tatha aċċess għall-fajl.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li s-smigħ ta' Solvay ma kienx neċessarju sabiex jiġu adottati d-deċiżjonijiet ġodda u annullat is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali u, b'deċiżjoni dwar il-mertu, id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.

F'kawżi dwar ftehim u prattiki miftiehma li jinvolvu produtturi Ewropej ta' travi tal-azzar, il-Kummissjoni Ewropea kienet adottat, fl-1994, deċiżjoni kontra l-kumpannija ARBED (li saret Arcelor Mittal) u, fl-1998, deċiżjoni kontra l-kumpannija Thyssen Stahl (li saret ThyssenKrupp), li fihom imponiet multi fuq iż-żewġ kumpanniji. Dawn iż-żewġ deċiżjonijiet kienu ġew annullati mill-Qorti tal-Ġustizzja minħabba ksur tad-drittijiet tad-difiża. Madankollu, il-Kummissjoni adottat żewġ deċiżjonijiet ġodda, fl-2006, fir-rigward tal-istess fatti, li seħħew bejn l-1988 u l-1991, billi bbażat ruħha, b'mod partikolari, fuq id-dispożizzjonijiet tat-Trattat KEFA, li skada fit-23 ta' Lulju 2002. Kienu dawn iż-żewġ deċiżjonijiet tal-aħħar li tressqu inizjalment quddiem il-Qorti Ġenerali (li kkonfermathom) u mbagħad quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Permezz tas-sentenzi tagħha (sentenza tad-29 ta' Marzu 2011, *ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg et*, C-201/09 P, kif ukoll sentenza tad-29 ta' Marzu 2011, *ThyssenKrupp Nirosta vs Il-Kummissjoni*, C-352/09 P), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali filwaqt li tat deċiżjoni, b'mod partikolari, dwar il-kwistjoni tal-possibbiltà li jiġu applikati regoli proċedurali, adottati fuq il-bażi tat-Trattat KE, għal ksur tat-Trattat KEFA wara l-iskadenza ta' dan tal-aħħar. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, fil-fatt, li, fil-każ ta' bidla tal-leġiżlazzjoni, ħlief fejn hemm espressjoni ta' rieda kuntrarja min-naħa tal-leġiżlatur, għandha tiġi żgurata l-kontinwità tal-istrutturi legali. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni li l-leġiżlatur tal-Unjoni xtaq li l-aġir ta' kollużjoni pprojbita taħt it-Trattat KEFA jkun jista' jevita l-

applikazzjoni ta' kull sanzjoni wara l-iskadenza ta' dan it-trattat, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li jkun kontra l-għan u l-koerenza tat-Trattati u irrikonċiljabbli mal-kontinwità tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni jekk il-Kummissjoni ma tkunx kompetenti sabiex tiżgura applikazzjoni uniformi tar-regoli marbuta mat-Trattat KEFA, li jibqgħu jipproduċu effetti anki wara l-iskadenza ta' dan tal-aħħar. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi ppreċiżat li l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jimponu l-applikazzjoni, fil-kawża ineżami, tar-regoli sostantivi stipulati fit-Trattat KEFA, filwaqt li enfasizzat li impriża diliġenti ma setgħetx tinjora l-konsegwenzi tal-aġir tagħha u lanqas ma setgħet tistrieħ fuq l-aspettattiva li tevita sanzjoni minħabba s-suċċessjoni tal-kuntest ġuridiku tat-Trattat KE minflok tat-Trattat KEFA. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet, minn naħa, li l-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex timponi multi fuq il-kumpanniji kkonċernati kienet tirriżulta mir-regoli adottati fuq il-bażi tat-Trattat KE u li l-proċedura kellha titmexxa inkonformità ma' dawn ir-regoli u, min-naħa l-oħra, li d-dritt sostantiv li jipprevedi s-sanzjoni applikabbli kien dak tat-Trattat KEFA.

F'kawża dwar deċiżjoni ta' awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni li fiha din l-awtorità kienet iddeċidiet li, skont id-dritt nazzjonali, l-impriża kkonċernata ma kinitx abbużat minn pożizzjoni dominanti u li ma kienx hemm lok li tagħti deċiżjoni dwar ksur tat-Trattat KE, il-Qorti tal-Ġustizzja sarulha domandi preliminari dwar il-portata tal-kompetenzi tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni (sentenza tat-3 ta' Mejju 2011, *Tele2 Polska*, C-375/09).

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li, sabiex tiġi żgurata applikazzjoni koerenti tar-regoli tal-kompetizzjoni fl-Istati Membri, ir-Regolament (KE) Nru 1/2003 [56] stabbilixxa, fil-kuntest tal-prinċipju ġenerali ta' kooperazzjoni leali, mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, meta awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tqis, fuq il-bażi ta' informazzjoni li jkollha quddiemha, li l-kundizzjonijiet għal projbizzjoni ma humiex sodisfatti, ir-Regolament jindika b'mod ċar li l-kompetenza ta' din l-awtorità hija limitata għall-adozzjoni ta' deċiżjoni li ma hemmx lok li tintervjeni.

Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, jekk l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jiġu awtorizzati jieħdu deċiżjonijiet li jikkonstataw in-nuqqas ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jikkonċernaw l-abbuż minn pożizzjoni dominanti tiddaħħal inkwistjoni s-sistema ta' kooperazzjoni stabbilita bir-Regolament Nru 1/2003 u tiġi ppreġudikata l-kompetenza tal-Kummissjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tali deċiżjoni negattiva dwar il-mertu tirriskja li tippreġudika l-applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-kompetizzjoni stabbiliti permezz tat-Trattat [57], li hija wieħed mill-għanijiet tar-regolament imsemmi, sa fejn tista' twaqqaf lill-Kummissjoni milli sussegwentement tikkonstata li l-prattika inkwistjoni tikkostitwixxi ksur ta' dawn ir-regoli.

Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ikkunsidrat li hija biss il-Kummissjoni li għandha s-setgħa tikkonstata li ma hemmx ksur tal-projbizzjoni tal-abbuż minn pożizzjoni dominanti prevista fl-Artikolu 102 TFUE, anki jekk dan l-artikolu jiġi applikat fi proċedura mmexxija minn awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni ma tistax tieħu deċiżjoni li tikkonstata li ma hemmx ksur tal-projbizzjoni tal-abbuż minn pożizzjoni dominanti meta teżamina jekk humiex sodisfatti l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE u meta tqis li ma kienx hemm prattika abbużiva.

---

[56] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

[57] Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2010, C 83, p. 47).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi regola tad-dritt nazzjonali li timponi l-għeluq ta' proċedura dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE permezz ta' deċiżjoni li tikkonstata li ma hemmx ksur ta' dan l-artikolu. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li huwa biss meta d-dritt tal-Unjoni ma jipprevedix regola speċifika li awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tista' tapplika r-regoli nazzjonali tagħha.

Fil-kawża *Pfleiderer* (sentenza tal-14 ta' Ġunju 2011, Kawża C-360/09), il-Qorti tal-Ġustizzja, adita b'talba għal deċiżjoni preliminari minn qorti Ġermaniża, intalbet tagħti deċiżjoni dwar il-possibbiltà li terzi, fil-kuntest ta' proċeduri għall-impożizzjoni ta' multa fil-qasam ta' akkordji, inklużi l-persuni leżi minn akkordju, ikollhom aċċess għall-applikazzjonijiet għal klemenza u għall-informazzjoni u d-dokumenti kkomunikati volontarjament, mill-applikanti għall-klemenza, lil awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret li la d-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE dwar il-kompetizzjoni u lanqas ir-Regolament Nru 1/2003 [58] ma jipprevedu regoli komuni ta' klemenza jew regoli komuni dwar id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti relatati ma' proċedura ta' klemenza kkomunikati volontarjament lil awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni skont programm nazzjonali ta' klemenza. It-tieni nett, hija ppreċiżat li l-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi ħdan in-Netwerk tal-Awtoritajiet tal-Kompetizzjoni [59] u l-Avviż dwar l-immunità minn multi u tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' kartell [60] ma humiex vinkolanti fir-rigward tal-Istati Membri, bħalma lanqas ma huwa vinkolanti l-programm mudell fil-qasam tal-klemenza, żviluppat fil-kuntest tan-netwerk Ewropew tal-kompetizzjoni.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-akkordji, u b'mod partikolari r-Regolament Nru 1/2003, ma jipprekludux li persuna leża minn ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni li tfittex li tikseb danni, tikseb aċċess għad-dokumenti relatati ma' proċedura ta' klemenza li tikkonċerna l-awtur ta' dan il-ksur. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li huma l-qrati tal-Istati Membri, fuq il-bażi tad-dritt nazzjonali tagħhom, li għandhom jiddeterminaw il-kundizzjonijiet li fihom tali aċċess għandu jingħata jew jiġi rrifjutat billi jibbilanċjaw l-interessi protetti mid-dritt tal-Unjoni.

### *Dispożizzjonijiet fiskali*

Fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud, għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-sentenza *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* (sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, C-539/09). F'din il-kawża, il-Kummissjoni akkużat lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja li kienet opponiet li l-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea twettaq, fit-territorju tagħha, verifiki dwar il-kooperazzjoni amministrattiva taħt ir-Regolament Nru 1798/2003 [61]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta aġixxiet b'dan il-mod, ir-

---

[58] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 56.

[59] Avviż tal-Kummissjoni 2004/C 101/04, dwar il-kooperazzjoni fi ħdan in-Netwerk tal-Awtoritajiet tal-Kompetizzjoni (ĠU C 101, p. 43).

[60] Avviż tal-Kummissjoni 2006/C 298/11, dwar l-immunità minn multi u tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' kartell (ĠU C 298, p. 17).

[61] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003, tas-7 ta' Ottubru 2003, dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 392).

Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 248(1) sa (3) KE, li jipprovdi li l-Qorti tal-Awdituri għandha teżamina l-kontijiet tad-dħul u tal-infiq kollu tal-Komunità, il-legalità u r-regolarità ta' dan id-dħul u ta' dan l-infiq kif ukoll it-tmexxija finanzjarja tajba, u li jawtorizzaha twettaq verifiki fuq dokumenti u, jekk ikun il-każ, fil-post, b'mod partikolari fl-Istati Membri.

Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, is-sistema ta' riżorsi proprji stabbilita skont it-Trattat hija fil-fatt intiża, fir-rigward tar-riżorsi mill-VAT, sabiex toħloq obbligu, fir-rigward tal-Istati Membri, li jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Komunità, bħala riżorsi proprji, parti mill-ammonti li huma jiġbru bħala VAT. Sa fejn huma intiżi li jiġu miġġielda l-frodi u l-evażjoni fil-qasam tal-VAT, il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni imposti fuq l-Istati Membri permezz tar-Regolament Nru 1798/2003 huma ta' natura li jeżerċitaw influwenza diretta u essenzjali fuq il-ġbir effettiv tad-dħul mit-taxxa msemmija u, għaldaqstant, fuq it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-baġit Komunitarju tar-riżorsi mill-VAT. Għalhekk, l-applikazzjoni effettiva, minn Stat Membru, tar-regoli dwar il-kooperazzjoni li r-Regolament Nru 1798/2003 jistabbilixxi tista' tikkundizzjona mhux biss il-kapaċità ta' dan l-Istat Membru li jiġġieled b'mod effettiv il-frodi u l-evażjoni fiskali fit-territorju tiegħu stess, iżda wkoll dik tal-Istati Membri l-oħra li jiżguraw tali ġlieda fit-territorji rispettivi tagħhom, speċjalment meta l-applikazzjoni korretta tal-VAT f'dawn l-Istati Membri l-oħra tiddependi fuq l-informazzjoni miżmuma minn dan l-Istat Membru. Il-verifika, mill-Qorti tal-Awdituri, dwar il-kooperazzjoni amministrattiva taħt ir-Regolament Nru 1798/2003, kienet għalhekk tikkonċerna, fil-fatt, id-dħul tal-Komunità mill-aspett tal-legalità tiegħu u tat-tmexxija finanzjarja tajba tiegħu u għaldaqstant kellha rabta diretta mas-setgħat mogħtija lil din l-istituzzjoni mill-Artikolu 248 KE.

## *Trade marks*

Id-dritt tat-trade marks, kemm mill-aspett tat-trade mark Komunitarja [62] kif ukoll mill-aspett tal-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam [63], talab l-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'diversi okkażjonijiet.

F'kawża dwar il-validità tat-trade mark ikkostitwita mill-isem patrinomiku tal-istilista Taljan Elio Fiorucci (sentenza tal-5 ta' Lulju 2011, *Edwin vs UASI*, C-263/09 P), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-każijiet ta' invalidità ta' trade mark Komunitarja fil-kuntest ta' appell minn sentenza tal-Qorti Ġenerali (sentenza tal-14 ta' Mejju 2009, Kawża T-165/06). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 52(2) tar-Regolament Nru 40/94 [64], l-invalidità ta' trade mark Komunitarja tista' tiġi deċiża fuq talba minn persuna kkonċernata li tinvoka dritt preċedenti. Il-lista ta' drittijiet li tinsab f'dan l-artikolu ma hijiex lista eżawrjenti ta' drittijiet, drittijiet intiżi li jipproteġu interessi ta' natura differenti, bħad-dritt għall-isem, id-dritt għall-immaġni, id-drittijiet tal-awtur u d-dritt ta' proprjetà intellettwali. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kliem u l-istruttura tal-artikolu li ntalbet tinterpreta ma jippermettux, fil-każ fejn jiġi invokat dritt għall-isem, li l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tiġi limitata biss għal każijiet fejn ir-reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja tkun tikkuntrasta ma' dritt li huwa esklużivament intiż

[62] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146).

[63] Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32).

[64] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 62.

għall-protezzjoni tal-isem inkwantu attribut tal-personalità: bħal drittijiet oħra, id-dritt għall-isem huwa għalhekk protett ukoll fl-aspetti ekonomiċi tiegħu. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali sabiex tistħarreġ il-legalità tal-evalwazzjoni magħmula mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern fir-rigward tal-leġiżlazzjoni nazzjonali invokata. Hija kompliet billi approvat il-fatt li l-Qorti Ġenerali, mill-konstatazzjonijiet magħmula dwar il-kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, waslet għall-konklużjoni li d-detentur ta' isem li għandu reputazzjoni għandu d-dritt jopponi l-użu tal-isem tiegħu bħala trade mark meta ma jkunx ta l-kunsens tiegħu għar-reġistrazzjoni tat-trade mark imsemmija.

Fil-kawża *DHL Express France* (sentenza tat-12 ta' April 2011, Kawża C-235/09), il-Qorti tal-Ġustizzja, adita b'talba għal deċiżjoni preliminari, iddeċidiet li projbizzjoni li jissoktaw atti ta' vjolazzjoni jew li jikkostitwixxu theddida ta' vjolazzjoni imposta minn qorti tat-trade marks Komunitarji kompetenti għandha testendi, bħala regola ġenerali, għat-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, kemm l-għan ta' protezzjoni uniformi tat-trade mark Komunitarja segwit mir-Regolament Nru 40/94 [65] kif ukoll in-natura unitarja tat-trade mark Komunitarja jiġġustifikaw tali portata. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-portata territorjali tal-projbizzjoni tista' tkun ristretta, b'mod partikolari, meta f'parti mit-territorju tal-Unjoni Ewropea, ma jkunx hemm preġudizzju jew theddida ta' preġudizzju għall-funzjonijiet partikolari tat-trade mark. Fil-fatt, il-portata territorjali tad-dritt esklużiv tal-proprjetarju ta' trade mark Komunitarja ma tistax tmur lil hinn minn dak li l-proprjetarju jeħtieġ sabiex jipproteġi t-trade mark tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat ukoll li l-Istati Membri l-oħra huma, bħala regola ġenerali, obbligati jirrikonoxxu u jeżegwixxu d-deċiżjoni ġudizzjarja, u b'hekk din tal-aħħar tingħata effett transkonfinali. Filwaqt li rreferiet għall-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi ddeċidiet li l-Istati Membri għandhom jipprevedu l-miżuri, proċeduri u rimedji kollha neċessarji sabiex jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali koperti mid-Direttiva 2004/48 [66]. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-miżura koerċittiva ordnata minn qorti tat-trade marks Komunitarji skont id-dritt nazzjonali tagħha, bħalma hija multa, tipproduċi effett anki fl-Istati Membri l-oħra minbarra l-Istat Membru ta' dik il-qorti. Tali miżuri jistgħu jkunu effettivi biss jekk ikollhom effett fuq l-istess territorju bħal dak li fih id-deċiżjoni ġudizzjarja tipproduċi hija stess l-effetti tagħha. Madankollu, jekk miżuri koerċittivi simili għal dawk deċiżi mill-qorti tat-trade marks Komunitarja ma jkunux jeżistu fid-dritt tal-Istat Membru fejn tintalab l-eżekuzzjoni, il-qorti adita għandha timplementa l-għan repressiv billi tirrikorri għad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali tagħha sabiex tiżgura b'mod ekwivalenti l-osservanza tal-miżura koerċittiva deċiża oriġinarjament.

F'kawża bejn, minn naħa, il-kumpannija L'Oréal u wħud mill-kumpanniji sussidjarji tagħha u, min-naħa l-oħra, il-kumpannija eBay International u wħud mill-kumpanniji sussidjarji tagħha kif ukoll numru ta' bejjiegħa individwali (sentenza tat-12 ta' Lulju 2011, *L'Oréal et*, C-324/09), il-Qorti tal-Ġustizzja, adita minn qorti Brittanika b'talba għal deċiżjoni preliminari li qajmet numru ta' domandi preliminari fil-qasam tas-servizzi bi ħlas ta' referenzjar ta' kliem prinċipali li jikkorrispondu għal trade marks irreġistrati, tat deċiżjoni dwar diversi punti li huma ta' interess għad-dritt tat-trade marks Komunitarji. F'dan is-sens, hija ddeċidiet li, meta l-offerti għall-bejgħ, jew ir-reklami, ta' prodotti li jkollhom fuqhom trade marks Komunitarji, li l-użu tagħhom ma jkunx ġie awtorizzat mill-proprjetarju tagħhom, ikunu intiżi għal konsumaturi li jkunu jinsabu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, ikunu applikabbli r-regoli tad-dritt tal-Unjoni. Sabiex jiġi evalwat jekk tali offerti jew reklami jkunux effettivament intiżi għall-konsumaturi tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja

[65] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti.

[66] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 63.

stiednet lill-qrati nazzjonali jivverifikaw l-eżistenza ta' indikazzjonijiet rilevanti, b'mod partikolari ż-żoni ġeografiċi li fihom il-bejjiegħ ikun lest jibgħat il-prodott inkwistjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li prodotti li jkollhom fuqhom trade mark u li jkunu intiżi li jiġu offerti bħala kampjuni bla ħlas, ipprovduti mill-proprjetarju tat-trade mark lid-distributuri approvati tiegħu, ma jkunux is-suġġett ta' tqegħid fil-kummerċ fis-sens tad-Direttiva 89/104 [67] jew tar-Regolament Nru 40/94 [68]. Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet numru ta' preċiżazzjonijiet fir-rigward tar-responsabbiltà tal-operatur ta' sit tal-internet li jservi bħala post għan-negozju li, għalkemm ma jkunx huwa stess li juża t-trade marks meta sempliċement jippermetti lill-klijenti tiegħu jirriproduċu sinjali li jikkorrispondu għal trade marks, xorta waħda jibqa' responsabbli minħabba r-rwol attiv tiegħu, li huwa ta' natura li jagħtih għarfien ta' jew kontroll fuq l-informazzjoni marbuta ma' dawn l-offerti. Għalhekk, l-operatur ma jistax jeħles minn kull responsabbiltà meta jassisti lill-klijenti tiegħu fil-preżentazzjoni bl-aħjar mod possibbli tal-offerti jew tal-promozzjonijiet tagħhom. Dan l-operatur lanqas ma jista' jeħles mir-responsabbiltà tiegħu meta jkollu konoxxenza tal-fatti jew taċ-ċirkustanzi li jiġġustifikaw li operatur ekonomiku diliġenti jikkonstata l-illegalità tal-offerti għall-bejgħ fuq l-internet u meta ma jaġixxix mill-ewwel sabiex jirtira l-informazzjoni inkwistjoni jew jagħmel l-aċċess għaliha impossibbli. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, f'dan il-każ tal-aħħar, jistgħu jiġu adottati ordnijiet ġudizzjarji kontra l-operatur ikkonċernat, fosthom l-ordni li jittrażmetti informazzjoni li permezz tagħha jkunu jistgħu jiġu identifikati l-klijenti bejjiegħa, b'osservanza tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali. Għalhekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt tal-Unjoni jeżiġi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati nazzjonali kompetenti fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jkunu jistgħu jordnaw lill-operatur ta' sit tal-internet li jservi bħala post għan-negozju jieħu miżuri mhux biss sabiex jintemm il-ksur ta' dawn id-drittijiet iżda wkoll sabiex jiġi evitat ksur ġdid ta' din in-natura. Madankollu, l-ordnijiet mogħtija f'dan is-sens għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, dissważivi u ma għandhomx jikkawżaw ostakoli għall-kummerċ legali.

Fil-kuntest ta' appell minn sentenza tal-Qorti Ġenerali (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Kawżi magħquda T-225/06, T-255/06, T-257/06 u T-309/06), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tagħti deċiżjoni dwar tilwima bejn il-kumpanniji Anheuser-Busch u Budějovický Budvar dwar l-użu tat-trade mark BUD fir-rigward ta' ċerti prodotti, fosthom il-birra. L-ewwel aggravju kien jikkonċerna l-portata tad-drittjiet preċedenti (trade mark nazzjonali u denominazzjonijiet tal-oriġini protetti f'ċerti Stati Membri) invokati insostenn tal-oppożizzjonijiet imressqa kontra r-reġistrazzjoni tat-trade marks inkwistjoni [69]: fis-sentenza tagħha *Anheuser-Busch vs Budějovický Budvar* (sentenza tad-29 ta' Marzu 2011, Kawża C-96/09 P), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma kienx suffiċjenti li d-drittijiet preċedenti kienu ġew protetti f'diversi Stati Membri sabiex tinstilet il-konklużjoni li dawn id-drittijiet ma kellhomx portata lokali biss. Fil-fatt, anki jekk il-portata ġeografika tal-protezzjoni hija iktar wiesgħa minn waħda lokali, huwa meħtieġ li d-drittijiet ikunu ntużaw b'mod suffiċjentement sinjifikattiv fil-kummerċ fuq parti importanti mit-territorju li fihom huma protetti. Barra minn hekk, hija ppreċiżat li l-użu fil-kummerċ għandu jiġi evalwat b'mod separat għal kull wieħed mit-territorji kkonċernati. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li huwa biss fit-territorju fejn ikunu protetti d-drittijiet preċedenti, fl-intier tiegħu jew f'parti minnu, li d-drittijiet esklużivi marbuta mas-sinjal jistgħu jkunu f'kunflitt ma' trade mark Komunitarja. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta sostniet li l-

---

[67] L-ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 92).

[68] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 62.

[69] *Idem.*

użu ta' sinjal fil-kummerċ kellu jiġi pprovat biss fir-rigward tal-perijodu qabel il-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark u mhux, l-iktar l-iktar, fid-data tal-preżentata ta' din l-applikazzjoni. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fid-dawl, b'mod partikolari, tad-dewmien sinjifikattiv li jista' jkun hemm bejn il-preżentata tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni u l-pubblikazzjoni tagħha, l-applikazzjoni tal-kriterju temporali użat għall-akkwist tad-dritt fir-rigward ta' trade mark, jiġifieri d-data tal-preżentata tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja, huwa ta' natura li jiggarantixxi b'mod aħjar li l-użu invokat tas-sinjali inkwistjoni huwa użu reali u mhux prattika intiża biss sabiex tipprekludi r-reġistrazzjoni ta' trade mark ġdida. Għaldaqstant, is-sentenza ġiet annullata parzjalment u l-kawża ġiet irrinvijata quddiem il-Qorti Ġenerali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja reġgħet ittrattat id-drittijiet rispettivi tal-kumpanniji Anheuser-Busch u Budějovický Budvar fis-sentenza tagħha *Budějovický Budvar* (sentenza tat-22 ta' Settembru 2011, Kawża C-482/09). Id-domandi preliminari, magħmula minn qorti Britannika, oriġinaw minn fatti partikolari li l-Qorti tal-Ġustizzja ħadet inkunsiderazzjoni fl-għoti tas-sentenza tagħha. Fil-fatt, iż-żewġ kumpanniji kienu użaw *in bona fide*, għal kważi tletin sena, il-kelma "Budweiser" bħala trade mark sabiex jidentifikaw il-birra, qabel ma dan is-sinjal ġie rreġistrat bħala trade mark. B'risposta għall-ewwel żewġ domandi magħmula mill-qorti Britannika, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett iddeċidiet li l-kunċett ta' żamma tas-skiet fis-sens tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 89/104 [70] huwa kunċett tad-dritt tal-Unjoni u li l-proprjetarju tat-trade mark preċedenti ma jistax jitqies li żamm is-skiet dwar l-użu onest stabbilit sew u għal żmien twil minn terz, li kien ilu jaf bih għal ħafna żmien, ta' trade mark sussegwenti identika għal tiegħu, jekk kien imċaħħad minn kull possibbiltà li jopponi għal dan l-użu. It-tieni nett, hija ddeċidiet li t-terminu ta' dekadenza b'konsegwenza taż-żamma tas-skiet ma jistax jibda jiddekorri mis-sempliċi użu ta' trade mark sussegwenti, anki jekk il-proprjetarju tagħha sussegwentement jirreġistraha, u dan minħabba li, kif ippreċiżat il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-reġistrazzjoni tat-trade mark preċedenti fl-Istat Membru kkonċernat ma tikkostitwixxix kundizzjoni neċessarja sabiex jibda jiddekorri dan it-terminu ta' dekadenza. Fil-fatt, il-kundizzjonijiet neċessarji sabiex jibda jiddekorri dan it-terminu ta' dekadenza, li għandhom jiġu vverifikati mill-qorti nazzjonali, huma r-reġistrazzjoni tat-trade mark sussegwenti fl-Istat Membru kkonċernat, il-fatt li din it-trade mark tkun ġiet ippreżentata *in bona fide*, kif ukoll l-użu tat-trade mark sussegwenti mill-proprjetarju fl-Istat Membru fejn ġiet irreġistrata u, fl-aħħar nett, li l-proprjetarju tat-trade mark preċedenti jkun jaf bir-reġistrazzjoni tat-trade mark sussegwenti u bl-użu tagħha wara r-reġistrazzjoni tagħha. B'risposta għat-tielet domanda preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li trade mark sussegwenti rreġistrata tista' tiġi ddikjarata invalida biss meta tippreġudika jew tista' tippreġudika l-funzjoni essenzjali tat-trade mark preċedenti, inkonformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 89/104, li hija li tiggarantixxi lill-konsumaturi l-oriġini tal-prodotti jew tas-servizzi identifikati minnha. Il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li rreferiet espliċitament għall-*bona fide*, kompliet billi ddeċidiet li l-użu onest kontemporanju u għal żmien twil ta' żewġ trade marks identiċi li jidentifikaw prodotti identiċi ma jippreġudikax jew ma jistax jippreġudika l-funzjoni essenzjali tat-trade mark preċedenti u li, għaldaqstant, ma kienx meħtieġ li t-trade mark sussegwenti tiġi ddikjarata invalida. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja stess illimitat il-portata tas-sentenza tagħha billi fakkret diversi drabi l-fatti partikolari tal-kawża u saħansitra ppreċiżat li l-fatti li kienu wasslu għall-kawża kienu "ta' natura eċċezzjonali".

## *Politika soċjali*

[70] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 67.

Għalkemm f'dan il-qasam jitqajmu ta' spiss kwistjonijiet dwar trattament ugwali, dawn il-kwistjonijiet ma humiex l-uniċi kwistjonijiet li jiġu indirizzati mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Żewġ kawżi taw lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tinterpreta l-prinċipju li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età.

Fil-kawżi *Hennigs u Mai* (sentenza tat-8 ta' Settembru 2011, Kawżi magħquda C-297/10 u C-298/10), il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, ikkunsidrat li l-prinċipju li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, stabbilit fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u kkonkretizzat bid-Direttiva 2000/78, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol [71] u, b'mod iktar partikolari l-Artikoli 2 u 6(1) ta' din id-direttiva, jipprekludu miżura prevista fi ftehim kollettiv li tipprovdi li, f'kull grad, l-iskala ta' remunerazzjoni bażika ta' membru tal-persunal bil-kuntratt fis-settur pubbliku hija ddeterminata, meta dan jiġi impjegat, skont l-età tiegħu. F'dan ir-rigward, il-fatt li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi l-imsemmija miżura u li din tinsab fi ftehim kollettiv ma jippreġudikax id-dritt li jiġu nnegozjati u konklużi ftehim kollettivi rrikonoxxuti fl-Artikolu 28 tal-Karta. Għalkemm il-kriterju bbażat fuq l-anzjanità huwa, bħala regola ġenerali, adegwat sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu li jikkonsisti f'li tittieħed inkunsiderazzjoni l-esperjenza professjonali miksuba mill-membru tal-persunal qabel ma jiġi impjegat, id-determinazzjoni skont l-età tal-iskala ta' remunerazzjoni bażika ta' membru tal-persunal fis-settur pubbliku meta jiġi impjegat tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju u xieraq sabiex jintlaħaq dan il-għan. Kriterju bbażat ukoll fuq l-anzjanità jew l-esperjenza professjonali miksuba, mingħajr riferiment għall-età, jidher, fid-dawl tad-Direttiva 2000/78, iktar adegwat sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu msemmi iktar 'il fuq. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li la l-Artikoli 2 u 6(1) tad-Direttiva 2000/78 u lanqas l-Artikolu 28 ma jipprekludu miżura prevista minn ftehim kollettiv li tissostitwixxi sistema ta' remunerazzjoni tal-membri tal-persunal bil-kuntratt fis-settur pubbliku li toħloq diskriminazzjoni bbażata fuq l-età b'sistema ta' remunerazzjoni bbażata fuq kriterji oġġettivi, filwaqt li żżomm, għal perijodu tranżitorju u limitat fiż-żmien, uħud mill-effetti diskriminatorji tal-ewwel waħda minn dawn is-sistemi sabiex tiżgura lill-membri tal-persunal it-tranżizzjoni lejn is-sistema l-ġdida mingħajr ma jġarrbu telf fid-dħul. Fil-fatt, sistema tranżitorja maħsuba għall-protezzjoni tal-vantaġġi miksuba għandha titqies li ssegwi għan leġittimu, fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78. Barra minn hekk, fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni rrikonoxxuta lill-imsieħba soċjali fil-qasam tal-iffissar tar-remunerazzjonijiet, ma huwiex irraġonevoli, għall-imsieħba soċjali, li jadottaw miżuri tranżitorji adegwati u neċessarji sabiex jiġi evitat li l-membri tal-persunal bil-kuntratt inkwistjoni jġarrbu telf fid-dħul.

Fil-kawża *Prigge et* (sentenza tat-13 ta' Settembru 2011, Kawża C-447/09), il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, ikkunsidrat li l-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2000/78 [72] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, permezz ta' regoli ta' awtorizzazzjoni, lill-imsieħba soċjali sabiex jadottaw miżuri fis-sens tad-dispożizzjoni msemmija fl-oqsma koperti minn din id-dispożizzjoni li jagħmlu parti minn ftehim kollettivi u bil-kundizzjoni li dawn ir-regoli ta' awtorizzazzjoni jkunu speċifiċi biżżejjed sabiex jiżguraw li l-imsemmija miżuri josservaw ir-rekwiżiti msemmija fl-imsemmi Artikolu 2(5) ta' din id-direttiva. Miżura li tiffissa l-età ta' 60 sena bħala l-età limitu li minnha l-bdoti ma jistgħux jibqgħu jeżerċitaw l-attivitajiet professjonali tagħhom, filwaqt li r-regolamenti nazzjonali u internazzjonali jiffissaw din l-età għal 65 sena, ma

[71] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

[72] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti.

hijiex miżura neċessarja għas-sigurtà pubblika u għall-protezzjoni tas-saħħa, fis-sens tal-imsemmi Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2000/78. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/78 jipprekludi klawżola ta' ftehim kollettiv li tiffissa l-età ta' 60 sena bħala l-età limitu li minnha l-bdoti jibdew jitqiesu li ma baqgħalhomx il-kapaċitajiet fiżiċi sabiex jeżerċitaw l-attività professjonali tagħhom filwaqt li r-regolamenti nazzjonali u internazzjonali jiffissaw din l-età għal 65 sena. Fil-fatt, sa fejn jippermetti li ssir deroga mill-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, l-imsemmi Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva għandu jiġi interpretat b'mod ristrett. Issa, għalkemm il-fatt li wieħed ikollu kapaċitajiet fiżiċi partikolari jista' jitqies li huwa rekwiżit professjonali essenzjali u determinanti, fis-sens tad-dispożizzjoni msemmija, għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' bdot tal-linji tal-ajru, u għalkemm l-għan li tiġi ggarantita s-sigurtà fl-avjazzjoni segwit mill-miżura msemmija jikkostitwixxi għan leġittimu fis-sens tal-istess Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/78, l-istabbiliment ta' 60 sena tal-età limitu li minnha l-bdoti tal-linji tal-ajru jitqiesu li ma baqgħalhomx il-kapaċitajiet fiżiċi sabiex jeżerċitaw l-attività professjonali tagħhom jikkostitwixxi, f'tali ċirkustanzi u fid-dawl tar-regolamenti nazzjonali u internazzjonali msemmija, rekwiżit sproporzjonat fis-sens tal-artikolu msemmi. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 għandu jiġi interpretat fis-sens li s-sigurtà fl-avjazzjoni ma tikkostitwixxix għan leġittimu fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, minkejja li l-lista ta' għanijiet leġittimi elenkati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-direttiva msemmija ma hijiex waħda eżawrjenti, l-għanijiet li jistgħu jitqiesu li huma leġittimi fis-sens ta' din id-dispożizzjoni u, konsegwentement, ta' natura li jiġġustifikaw deroga mill-prinċipju ta' projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, huma għanijiet ta' politika soċjali, bħal dawk marbuta mal-politika tax-xogħol, mas-suq tax-xogħol jew mat-taħriġ professjonali.

Fil-kawża *Römer* (sentenza tal-10 ta' Mejju 2011, Kawża C-147/08), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tinterpreta għal darba oħra d-Direttiva 2000/78 [73], iżda f'dan il-każ fir-rigward ta' tip ta' diskriminazzjoni differenti. F'din il-kawża, fil-fatt, kienet inkwistjoni sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni, ibbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali, fir-rigward tal-ammont ta' pensjoni tal-irtirar komplimentari. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni materjali tad-direttiva msemmija, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, l-ewwel nett, li d-Direttiva 2000/78 għandha tiġi interpretata fis-sens li ma humiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni materjali tagħha, la minħabba l-Artikolu 3(3) tagħha u lanqas minħabba l-premessa 22 tagħha, il-pensjonijiet tal-irtirar komplimentari bħal dawk imħallsa minn persuna li timpjega rregolata mid-dritt pubbliku lill-ex impjegati tagħha u lis-superstiti tagħhom abbażi tal-liġi nazzjonali, li jikkostitwixxu remunerazzjonijiet fis-sens tal-Artikolu 157 TFUE. It-tieni nett, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, id-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikoli 1, 2, u 3(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78 jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali li abbażi tagħha persuna marbuta fil-kuntest ta' unjoni tul il-ħajja tirċievi pensjoni tal-irtirar komplimentari f'ammont inferjuri għal dak mogħti lil persuna miżżewġa u mhux separata b'mod permanenti jekk, fl-Istat Membru kkonċernat, iż-żwieġ huwa rriżervat għal persuni ta' sess differenti u jeżisti flimkien ma' unjoni tul il-ħajja, li hija rriżervata għal persuni tal-istess sess, u jekk teżisti diskriminazzjoni diretta abbażi tal-orjentazzjoni sesswali minħabba l-fatt li, fid-dritt nazzjonali, l-imsemmi sieħeb tul il-ħajja jinsab f'sitwazzjoni legali u fattwali paragunabbli ma' dik ta' persuna miżżewġa f'dak li jirrigwarda l-imsemmija pensjoni. Hija l-qorti nazzjonali li għandha twettaq l-evalwazzjoni tal-paragunabbiltà, u din għandha tkun iffokata fuq id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tal-konjuġi u tal-persuni marbuta f'unjoni tul il-ħajja, hekk kif inhuma rregolati fil-kuntest tal-istituzzjonijiet korrispondenti, li huma rilevanti fid-dawl tal-għan u tal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċju inkwistjoni. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fil-każ li tali dispożizzjoni nazzjonali tikkostitwixxi diskriminazzjoni fis-sens tal-

[73] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 71.

Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/78, id-dritt għal trattament ugwali jkun jista' jiġi invokat minn individwu affettwat minn din id-dispożizzjoni sa minn wara l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tad-direttiva msemmija, u dan mingħajr ma jkun hemm għalfejn jistenna li d-dispożizzjoni msemmija titqiegħed f'konformità mad-dritt tal-Unjoni mil-leġiżlatur nazzjonali.

Fil-kawża *KHS* (sentenza tat-22 ta' Novembru 2011, Kawża C-214/10), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 [74] ma jipprekludix dispożizzjonijiet jew prattiċi nazzjonali, bħal ftehim kollettiv, li jillimitaw, għal perijodu ta' trasferiment tal-leave ta' ħmistax-il xahar li fl-iskadenza tiegħu d-dritt għal-leave annwali mħallas jintemm, il-kumulu tad-drittijiet għal tali leave ta' ħaddiem li jkun ilu inkapaċi jaħdem għal diversi perijodi ta' referenza konsekuttivi. Fil-fatt, tali kumulu illimitat ma jibqax jissodisfa l-għan stess tad-dritt għal-leave annwali mħallas. Dan il-għan għandu żewġ aspetti, sa fejn jippermetti lill-ħaddiem jistrieħ mix-xogħol tiegħu filwaqt li jkollu wkoll perijodu għal serħan u għal delizzji. Filwaqt li l-effett pożittiv tal-leave annwali mħallas għas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiem iseħħ kompletament jekk dan il-leave jittieħed fis-sena prevista għal dan il-għan, jiġifieri matul is-sena kurrenti, dan iż-żmien ta' mistrieħ ma jitlifx l-interess tiegħu jekk jittieħed matul perijodu sussegwenti. Madankollu, fil-każ fejn it-trasferiment tal-leave jaqbeż ċertu limitu ta' żmien, il-leave annwali jitlef l-effett pożittiv tiegħu għall-ħaddiem fid-dawl tal-għan tiegħu bħala żmien ta' mistrieħ, u jżomm biss l-għan tiegħu bħala perijodu għal serħan u għal delizzji. Għaldaqstant, fid-dawl tal-għan stess tad-dritt għal-leave annwali mħallas, ħaddiem li jkun inkapaċi jaħdem għal diversi snin konsekuttivi ma jistax ikollu d-dritt li jakkumula b'mod illimitat id-drittijiet għal-leave annwali mħallas miksub waqt dan il-perijodu. F'dan il-kuntest, sabiex jiġi rrispettat id-dritt għal-leave annwali mħallas, dritt li l-għan tiegħu huwa l-protezzjoni tal-ħaddiem, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kull perijodu ta' trasferiment tal-leave għandu jieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi speċifiċi li fihom jinsab il-ħaddiem li jkun inkapaċi jaħdem għal diversi perijodi ta' referenza konsekuttivi. B'hekk, dan il-perijodu ta' trasferiment tal-leave għandu, b'mod partikolari, ikun sostanzjalment itwal mit-tul tal-perijodu ta' referenza li għalih ingħata. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li jista' jiġi kkunsidrat b'mod raġonevoli li perijodu ta' trasferiment tal-leave ta' ħmistax-il xahar ma jiksirx l-għan tad-dritt għal-leave annwali mħallas, sa fejn dan il-perijodu jiżgura li dan il-leave jżomm l-effett pożittiv tiegħu għall-ħaddiem fil-kwalità tiegħu bħala żmien ta' mistrieħ.

Fil-kawża *Scattolon* (sentenza tas-6 ta' Settembru 2011, Kawża C-108/10), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-portata tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-każ li tinbidel il-persuna li timpjegahom. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, l-ewwel nett, li l-fatt li awtorità pubblika ta' Stat Membru timpjega l-persunal li kien imjegat minn awtorità pubblika oħra u li kien inkarigat mill-provvista, lil skejjel, ta' servizzi awżiljarji li jinkludu b'mod partikolari funzjonijiet ta' manutenzjoni u ta' assistenza amministrattiva, jikkostitwixxi trasferiment ta' impriża li jaqa' taħt id-Direttiva 77/187 [75], meta l-imsemmi persunal ikun ikkostitwit minn grupp organizzat ta' impjegati li huma protetti bħala ħaddiema skont id-dritt ta' dan l-Istat Membru. Il-Qorti tal-Ġustizzja, it-tieni nett, iddeċidiet li meta trasferiment fis-sens tad-Direttiva 77/187 iwassal għall-applikazzjoni immedjata, għall-ħaddiema ttrasferiti, tal-ftehim kollettiv fis-seħħ fi ħdan iċ-ċessjonarju meta l-kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni previsti minn dan il-ftehim ikunu marbuta b'mod partikolari mal-anzjanità, l-Artikolu 3 ta' din id-direttiva jipprekludi li l-ħaddiema ttrasferiti jbatu, fil-konfront tas-sitwazzjoni tagħhom immedjatament preċedenti għat-trasferiment tagħhom, minn tnaqqis fis-

[74] Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381).

[75] Direttiva tal-Kunsill 77/187/KEE, tal-14 ta' Frar 1977, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-każ ta' trasferimenti ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' negozji (ĠU L 61, p. 26).

salarju sostanzjali minħabba l-fatt li l-anzjanità miksuba fis-servizz taċ-ċedent, ekwivalenti għal dik miksuba minn ħaddiema fis-servizz taċ-ċessjonarju, ma titteħidtx inkunsiderazzjoni meta tiġi ddeterminata l-pożizzjoni inizjali tas-salarju tagħhom fis-servizz taċ-ċessjonarju. Hija l-qorti nazzjonali li għandha teżamina jekk kienx hemm tali tnaqqis fis-salarju meta jitwettaq tali trasferiment.

Fil-kawża *van Ardennen* (sentenza tas-17 ta' Novembru 2011, Kawża C-435/10), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-portata tal-protezzjoni tal-ħaddiema fil-każ ta' insolvenza ta' min iħaddem. B'hekk, hija ddeċidiet li l-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 80/987 [76] jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-possibbiltà, għall-ħaddiema li min jimpjegahom ikun insolventi, li jinvokaw id-dritt sħiħ tagħhom għall-ħlas ta' krediti ta' paga mhux imħallsa, li ma jkunux ikkontestati u li jkunu rrikonoxxuti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, għall-obbligu li dawn il-ħaddiema jirreġistraw bħala persuna li qed tfittex impjieg. Fil-fatt, huwa biss b'mod eċċezzjonali li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà, taħt l-Artikolu 4 tad-Direttiva 80/987, li jillimitaw l-obbligu ta' ħlas imsemmi fl-Artikolu 3 ta' din id-direttiva. Dan l-Artikolu 4 għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv u konformi mal-għan soċjali tiegħu, li huwa li jiġi żgurat minimu ta' protezzjoni lill-ħaddiema kollha. Għal dan il-għan, il-każijiet li fihom huwa permess li jiġi limitat l-obbligu ta' ħlas mill-istituzzjonijiet ta' garanzija huma elenkati b'mod eżawrjenti fid-Direttiva 80/987 u d-dispożizzjonijiet ikkonċernati għandhom jiġu interpretati b'mod strett, fid-dawl tan-natura derogatorja tagħhom u tal-għan ta' din id-direttiva. F'dan ir-rigward, ikun kuntrarju għall-għan tad-direttiva msemmija jekk din id-direttiva, u b'mod partikolari l-Artikoli 3 u 4 tagħha, jiġu interpretati b'tali mod li ħaddiem ikun suġġett, minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' reġistrazzjoni bħala persuna li qed tfittex impjieg f'terminu partikolari, għal tnaqqis b'rata fissa u awtomatiku fir-rimbors tal-krediti ta' paga tiegħu li ma jkunux ikkontestati u li jkunu rrikonoxxuti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, u li għalhekk ma jkunx jista' jibbenefika mill-garanzija għat-telf ta' pagi li huwa jkun effettivament ġarrab matul il-perijodu ta' referenza.

### *Ambjent*

L-implementazzjoni tal-politika ta' protezzjoni tal-ambjent segwita b'enfażi kbira min-naħa tal-Unjoni Ewropea qajmet numru ta' kwistjonijiet li tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għal soluzzjoni.

Fil-kawżi *Stichting Natuur en Milieu et* (sentenza tas-26 ta' Mejju 2011, Kawżi magħquda C-165/09 sa C-167/09), il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat il-kwistjoni tal-interpretazzjoni tad-Direttiva 2008/1 [77], li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw il-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-permessi għall-bini u t-tħaddim ta' installazzjonijiet industrijali kbar, u tad-Direttiva 2001/81 [78]

---

[76] Direttiva tal-Kunsill 80/987/KEE, tal-20 ta' Ottubru 1980, dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 217), kif emendata bid-Direttiva 2002/74/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Settembru 2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 261).

[77] Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Jannar 2008, dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis (ĠU L 24, p. 8).

[78] Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2001, dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 320).

li tintroduċi sistema ta' livelli nazzjonali massimi għall-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi li jniġġsu. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, meta jinħareġ permess ambjentali għall-bini u t-tħaddim ta' installazzjoni industrijali, l-Istati Membri ma humiex marbuta li jqisu, fost il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' dan il-permess, il-limiti nazzjonali tal-emissjonijiet ta' SO2 u ta' NOx stabbiliti mid-Direttiva 2001/81. Madankollu, huma għandhom josservaw l-obbligu, li jinsilet minn din id-direttiva, li jnaqqsu l-emissjonijiet, b'mod partikolari ta' dawn is-sustanzi li jniġġsu, għal kwantitajiet li ma jaqbżux il-limiti massimi indikati fl-Anness I ta' din id-direttiva sa mhux iktar tard minn tmiem is-sena 2010. Matul il-perijodu tranżitorju mis-27 ta' Novembru 2002 sal-31 ta' Diċembru 2010, l-Istati Membri kellhom jastjenu milli jadottaw miżuri ta' natura li jikkompromettu serjament il-kisba tar-riżultat li jrid jintlaħaq minn din id-direttiva [79]. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, matul il-perijodu msemmi, id-Direttiva 2001/81 stess la kienet tobbliga lill-Istati Membri jirrifjutaw jew jillimitaw il-ħruġ ta' permess ambjentali għall-bini u t-tħaddim ta' installazzjoni industrijali, u lanqas ma kienet tobbligahom jadottaw miżuri kompensatorji speċifiċi għal kull permess ta' dan it-tip li jinħareġ, u dan anki fil-każ li jinqabżu jew li jkun hemm riskju li jinqabżu l-limiti massimi nazzjonali tal-emissjonijiet ta' SO2 u ta' NOx. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/81 la huwa inkundizzjonat u lanqas ma huwa preċiż biżżejjed sabiex ikun jista' jiġi invokat minn individwi quddiem il-qrati nazzjonali qabel il-31 ta' Diċembru 2010. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 6 jagħti lill-individwi kkonċernati direttament drittijiet li jistgħu jiġu invokati quddiem il-qrati nazzjonali sabiex ikun jista' jiġi pretiż li, matul il-perijodu tranżitorju, l-Istati Membri għandhom jadottaw jew jipprevedu politiki u miżuri, xierqa u koerenti, li jkunu adatti sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu msemmija b'mod li jikkonformaw ruħhom mal-limiti massimi nazzjonali previsti fl-Anness I tal-imsemmija direttiva. L-individwi jistgħu jippretendu wkoll li l-Istati jqiegħdu l-programmi mfasslin għal dan il-għan għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u tal-organizzazzjonijiet ikkonċernati permezz ta' informazzjoni ċara, komprensibbli u aċċessibbli faċilment.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kawża *The Air Transport Association of America et* (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Kawża C-366/10), ikkunsidrat li d-Direttiva 2008/101 [80] għandha tiġi interpretata fid-dawl tar-regoli rilevanti tad-dritt internazzjonali tal-baħar u tad-dritt internazzjonali tal-ajru. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tista' tiġi applikata għal operatur ta' inġenju tal-ajru meta l-inġenju tal-ajru tiegħu jkun jinsab fuq it-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri u, iktar preċiżament, f'ajrudrom li jinsab f'dan it-territorju. F'dan ir-rigward, billi tipprevedi kriterju ta' applikabbiltà tad-Direttiva 2008/101 għall-operaturi ta' inġenji tal-ajru rreġistrati fi Stat Membru jew fi Stat terz, ibbażat fuq il-fatt li dawn l-inġenji tal-ajru jwettqu titjira li titlaq jew li tinżel f'ajrudrom li jinsab fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri, id-Direttiva 2008/101 ma tmurx kontra l-prinċipju ta' territorjalità u lanqas ta' sovranità tal-Istati terzi, li minnhom joriġinaw jew li jitilqu lejnhom dawn it-titjiriet imwettqa, peress li l-imsemmija inġenji tal-ajru jkunu jinsabu fiżikament fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni u huma b'hekk suġġetti, bis-saħħa ta' dan, għall-ġurisdizzjoni sħiħa tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi ppreċiżat li l-leġiżlatur tal-Unjoni jista', bħala regola ġenerali, jagħżel li jawtorizza l-eżerċizzju fit-territorju tiegħu ta' attività kummerċjali, f'dan il-każ it-trasport bl-ajru, biss taħt il-kundizzjoni li l-operaturi josservaw il-kriterji ddefiniti mill-Unjoni u intiżi li jilħqu l-għanijiet mogħtija lilha nnifisha fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent, b'mod partikolari meta dawn l-għanijiet jaqgħu taħt l-estensjoni ta' ftehim internazzjonali li l-

---

[79] Artikoli 4(3) TFUE u 288(3) TFUE. Direttiva 2001/81/KE, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 78.

[80] Direttiva 2008/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 2008, li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità (ĠU 2009, L 8, p. 3).

Unjoni tkun daħlet għalih, bħalma huma l-Konvenzjoni Qafas [81] u l-Protokoll ta' Kyoto. Skont ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent, ċerti elementi li jikkontribwixxu għat-tniġġis tal-arja, tal-baħar jew tal-art tal-Istati Membri joriġinaw minn avveniment li jiżvolġi parzjalment barra mit-territorju ma huwiex tali li, fid-dawl tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali konswetudinarju jwaqqa' l-applikabbiltà sħiħa tad-dritt tal-Unjoni fl-imsemmi territorju.

Fil-kawża *Bund für Umwelt und Naturschutz Deutschland, Landesverband Nordrhein-Westfalen* (sentenza tat-12 ta' Mejju 2011, Kawża C-115/09), il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 [82] jipprekludi leġiżlazzjoni li ma tirrikonoxxix, fir-rigward ta' organizzazzjoni mhux governattiva li taħdem favur il-protezzjoni tal-ambjent, prevista fl-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva, il-possibbilità li tinvoka, fil-kuntest ta' rikors kontra deċiżjoni ta' permess ta' proġetti li jista' jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, fis-sens tal-Artikolu 1(1) ta' din l-istess direttiva, il-ksur ta' regola li tirriżulta mid-dritt tal-Unjoni u li għandha bħala l-għan tagħha l-protezzjoni tal-ambjent, minħabba li din ir-regola tipproteġi biss l-interessi tal-kollettività u mhux dawk ta' individwi.

Fil-kawżi *Boxus et* (sentenza tat-18 ta' Ottubru 2011, Kawżi magħquda C-128/09 sa C-131/09, C-134/09 u C-135/09), il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Artikolu 1(5) tad-Direttiva 85/337 [83] għandu jiġi interpretat fis-sens li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva biss dawk il-proġetti adottati fid-dettall b'att leġiżlattiv speċifiku, b'mod li l-għanijiet tal-istess direttiva jintlaħqu bil-proċedura leġiżlattiva. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika li dawn iż-żewġ kundizzjonijiet ikunu ġew osservati billi tieħu inkunsiderazzjoni kemm il-kontenut tal-att leġiżlattiv adottat kif ukoll il-proċedura leġiżlattiva kollha li wasslet għall-adozzjoni tiegħu. F'dan ir-rigward, att leġiżlattiv li sempliċement jirratifika att amministrattiv li jeżisti diġà, billi sempliċement jesponi r-raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali mingħajr ma jagħti bidu minn qabel għal proċedura leġiżlattiva sostanzjali li tippermetti li jiġu osservati l-imsemmija kundizzjonijiet, ma jistax jiġi kkunsidrat li huwa att leġiżlattiv speċifiku fis-sens ta' din id-dispożizzjoni u għalhekk ma jkunx biżżejjed sabiex jeskludi proġett mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 85/337. Filwaqt li interpretat l-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus [84] u l-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta proġett li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet jiġi adottat b'att leġiżlattiv, il-kontroll tal-osservanza tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(5) tad-direttiva msemmija għandu jkun jista' jiġi suġġett għal stħarriġ minn qorti jew minn korp indipendenti u imparzjali stabbilit mil-liġi. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li, f'sitwazzjoni fejn ebda rikors ma jkun jista' jiġi ppreżentat kontra tali att, hija l-qorti nazzjonali li quddiemha tressqet il-kawża li għandha, fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni tagħha, teżerċita dan l-istħarriġ deskritt u li għandha, jekk ikun il-każ, tastjeni milli tapplika dan l-att leġiżlattiv.

---

[81] Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-tibdil fil-klima, iffirmata fid-9 ta' Mejju 1992 fi New York.

[82] Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, tas-27 ta' Ġunju 1985, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 248), kif emendata bid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 466).

[83] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti.

[84] Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, approvata f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE, tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU L 164M, p. 17).

## *Viżi, ażil u immigrazzjoni*

Il-qrati nazzjonali, li huma responsabbli għall-istħarriġ tal-azzjoni tal-Istati Membri f'dan il-qasam partikolarmanet sensittiv, ħassew il-ħtieġa, f'diversi okkażjonijiet, li jirrikorru għall-mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari sabiex jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża r-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni fil-qasam tat-trattament taċ-ċittadini ta' Stati terzi li jkunu jixtiequ jirrisjedu fit-territorju tal-Unjoni.

Fil-kawża *El Dridi* (sentenza tat-28 ta' April 2011, Kawża C-61/11 PPU), il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha d-domanda dwar jekk id-Direttiva 2008/115 [85], b'mod partikolari l-Artikoli 15 u 16 tagħha, kellhiex tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi għall-applikazzjoni ta' piena ta' ħabs għal barrani b'residenza illegali sempliċement minħabba l-fatt li dan, bi ksur ta' ordni li jħalli t-territorju nazzjonali f'terminu stabbilit, baqa' f'dan it-territorju mingħajr raġuni ġġustifikata. Il-Qorti tal-Ġustizzja, li ttrattat din il-kawża skont il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari fuq talba mill-qorti tar-rinviju, irrispondiet fl-affermattiv, sa fejn tali piena, minħabba b'mod partikolari l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tal-applikazzjoni tagħha, tirriskja li tikkomprometti t-twettiq tal-għan intiż minn din id-direttiva, jiġifieri l-adozzjoni ta' politika effettiva ta' ripatrijazzjoni u ta' tneħħija taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali.

Il-kawża *Achughbabian* (sentenza tas-6 ta' Diċembru 2011, Kawża C-329/11) kienet tikkonċerna wkoll l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2008/115 [86] fid-dawl ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet tipprevedi sanzjonijiet kriminali. B'mod iktar preċiż, il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha d-domanda dwar jekk, fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha, id-Direttiva 2008/115 tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-impożizzjoni ta' piena ta' ħabs għal ċittadin ta' pajjiż terz għas-sempliċi raġuni li d-dħul jew ir-residenza tiegħu fit-territorju nazzjonali kienu illegali. L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-Direttiva 2008/115 tikkonċerna biss l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali fi Stat Membru u l-eżekuzzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet. Għaldaqstant, din id-direttiva ma hijiex intiża li tarmonizza fl-intier tagħhom ir-regoli nazzjonali dwar ir-residenza tal-barranin. Minn dan isegwi, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li din id-direttiva ma tipprekludix li dritt ta' Stat Membru jikkwalifika r-residenza illegali bħala reat u jistabbilixxi sanzjonijiet kriminali sabiex jiddisswadi u jiskoraġġixxi tali ksur tar-regoli nazzjonali fil-qasam tar-residenza. Din id-direttiva lanqas ma tipprekludi li ċittadin ta' Stat terz jitqiegħed f'detenzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-residenza tiegħu hijiex legali.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 2008/115 għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li trażżan ir-residenza illegali permezz ta' sanzjonijiet kriminali sa fejn din tippermetti l-priġunerija ta' ċittadin ta' pajjiż terz li, filwaqt li jkun irrisjeda illegalment fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru u ma jkunx lest jitlaq volontarjament minn dan it-territorju, ma jkunx ġie suġġett għal miżuri restrittivi fis-sens tal-Artikolu 8 ta' din id-direttiva u, fil-każ ta' detenzjoni bil-ħsieb li tiġi ppreparata u mwettqa t-tneħħija tiegħu, ma jkunx laħaq l-iskadenza tat-tul massimu ta' tali detenzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi ppreċiżat li, għall-kuntrarju, din id-direttiva ma tipprekludix tali leġiżlazzjoni sa fejn tippermetti l-priġunerija ta' ċittadin ta' pajjiż terz li fir-rigward tiegħu tkun ġiet applikata l-proċedura ta' ritorn stabbilita mill-

---

[85] Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, p. 98).

[86] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti.

imsemmija direttiva u li jirrisjedi illegalment fit-territorju ta' dan l-Istat Membru mingħajr raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' ritorn tiegħu. Fil-fatt, għalkemm l-Istati Membri marbuta bid-Direttiva 2008/115 ma jistgħux jipprovdu piena ta' priġunerija għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment f'sitwazzjonijiet li fihom dawn għandhom, skont l-istandards u l-proċeduri komuni stabbiliti minn din id-direttiva, jitneħħew u jistgħu, fid-dawl tal-preparament u tat-twettiq ta' din it-tneħħija, l-iktar l-iktar jiġu suġġetti għal detenzjoni, dan ma jeskludix il-possibbiltà għall-Istati Membri li jadottaw jew li jżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet, jekk ikun il-każ ta' natura kriminali li, b'osservanza tal-prinċipji tal-imsemmija direttiva u tal-għan tagħha, jirregolaw is-sitwazzjoni li fiha l-miżuri restrittivi ma jkunux ippermettew li ssir it-tneħħija ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment.

Il-kawża *Samba Diouf* (sentenza tat-28 ta' Lulju 2011, Kawża C-69/10) kienet tikkonċerna ċittadin ta' Stat terz li kien applika, fil-kuntest ta' proċedura mħaffa, għal protezzjoni internazzjonali quddiem l-awtoritajiet ta' Stat Membru u li l-applikazzjoni tiegħu kienet ġiet irrifjtutata. Għalhekk, dan iċ-ċittadin ippreżenta rikors intiż b'mod partikolari għall-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad l-applikazzjoni tiegħu sa fejn, permezz ta' din id-deċiżjoni, l-awtoritajiet nazzjonali ddeċiedew li jagħtu deċiżjoni fuq il-mertu tal-applikazzjoni tiegħu fil-kuntest ta' proċedura mħaffa, kif ukoll għall-bidla, jekk mhux ukoll għall-annullament, tad-deċiżjoni msemmija sa fejn, permezz ta' din id-deċiżjoni, kien ġie mċaħħad minn protezzjoni internazzjonali. Waqt l-eżami tal-amminissibbiltà tar-rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali li jagħtu deċiżjoni skont proċedura mħaffa, il-qorti nazzjonali kkunsidrat li l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, li tipprovdi li tali deċiżjoni ma tistax tiġi kkontestata, tqajjem domandi li jikkonċernaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2005/85, dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' refuġjat [87], flimkien mal-applikazzjoni tal-prinċipju ġenerali tad-dritt għal rimedju effettiv. Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 39 ta' din id-direttiva u l-priniċpju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li ebda rikors awtonomu ma jista' jiġi ppreżentat kontra d-deċiżjoni tal-awtorità nazzjonali kompetenti li teżamina applikazzjoni għal ażil fil-kuntest ta' proċedura mħaffa, peress li r-raġunijiet li wasslu lil din l-awtorità teżamina l-fondatezza tal-imsemmija applikazzjoni fil-kuntest ta' din il-proċedura jistgħu effettivament jiġu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju fil-kuntest tar-rikors li għalih tista' tkun suġġetta d-deċiżjoni finali ta' rifjut, punt dan li għandu jiġi evalwat mill-qorti nazzjonali. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, id-deċiżjoni li tikkonċerna l-proċedura li għandha tiġi applikata għall-eżami tal-applikazzjoni għal ażil, ikkunsidrata b'mod awtonomu u irrispettivament mid-deċiżjoni finali li tilqa' din l-applikazzjoni jew li tiċħadha, tikkostitwixxi att preparatorju għad-deċiżjoni finali li tiddeċiedi fuq l-applikazzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, in-nuqqas ta' rikors f'dan l-istadju tal-proċedura ma jikkostitwixxix ksur tad-dritt għal rimedju effettiv, bil-kundizzjoni, iżda, li l-legalità tad-deċiżjoni finali adottata fil-kuntest ta' proċedura mħaffa, u b'mod partikolari r-raġunijiet li wasslu lill-awtorità kompetenti li tiċħad l-applikazzjoni għal ażil bħala infondata, jistgħu jkunu s-suġġett ta' eżami fil-fond mill-qorti nazzjonali, fil-kuntest tar-rikors kontra d-deċiżjoni ta' rifjut tal-imsemmija applikazzjoni. Mill-banda l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-effettività ta' tali rikors ma tkunx żgurata jekk, minħabba l-impossibbiltà li jiġi eżerċitat rikors kontra d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li teżamina applikazzjoni għal ażil fil-kuntest ta' proċedura mħaffa, ir-raġunijiet li wasslu lil din l-awtorità sabiex teżamina l-fondatezza tal-applikazzjoni fil-kuntest ta' tali proċedura ma jkunux jistgħu jkunu s-suġġett ta' stħarriġ, peress li dawn ir-raġunijiet ikunu l-istess bħal dawk li wasslu għar-rifjut tal-applikazzjoni. Tali sitwazzjoni tirrendi impossibbli l-istħarriġ tal-

[87] Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE, tal-1 ta' Diċembru 2005, dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat (ĠU L 175M, 29.06.2006, p. 168).

legalità tad-deċiżjoni, fil-fatt u fid-dritt. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li tali raġunijiet ikunu jistgħu jiġu effettivament ikkontestati sussegwentement quddiem il-qorti nazzjonali u jkunu jistgħu jiġu eżaminati minn dik il-qorti fil-kuntest tar-rikors li għalih tista' tkun suġġetta d-deċiżjoni finali li tagħlaq il-proċedura dwar l-applikazzjoni għal ażil.

Dejjem fil-qasam tad-dritt tal-ażil, il-Qorti tal-Ġustizzja sarulha domandi, fil-kawżi *NS* (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Kawżi magħquda C-411/10 u C-493/10), dwar il-kwistjoni ta' jekk l-Istati Membri jistgħux jittrasferixxu persuni li jkunu qegħdin ifittxu l-ażil lejn Stati Membri oħra meta jkun hemm riskju ta' ksur serju tad-drittijiet li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tiggarantixxi lil dawn il-persuni. Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata, minn naħa, lill-Artikoli 1, 4, 18 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundemantali u, min-naħa l-oħra, lill-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 343/2003 [88].

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fis-sens li l-Istati Membri, inklużi l-qrati nazzjonali, huma meħtieġa li ma jittrasferixxux persuna li tkun qiegħda tfittex l-ażil lejn l-Istat Membru responsabbli fis-sens tar-Regolament Nru 343/2003 meta ma jistgħux ma jkunux jafu li n-nuqqasijiet sistematiċi fil-proċedura tal-ażil u fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tal-persuni li jkunu qegħdin ifittxu l-ażil f'dan l-Istat Membru jikkostitwixxu motivi serji u kkonfermati li jwasslu lil dak li jkun jemmen li l-persuna li tkun qiegħda tfittex l-ażil ser tkun affaċċjata b'riskju reali li tkun suġġetta għal trattamenti inumani u degradanti fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Minn dan isegwi, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi l-applikazzjoni ta' preżunzjoni inkonfutabbli fis-sens li l-Istat Membru, li l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 343/2003 jidentifika bħala responsabbli, ser jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea, soluzzjoni li ma hijiex kontradetta mill-Artikoli 1, 18 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, bla ħsara għall-possibbiltà li jeżamina huwa stess l-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 343/2003, l-impossibbiltà li l-persuna li tkun qiegħda tfittex l-ażil tiġi ttrasferita lejn Stat Membru ieħor tal-Unjoni, meta dan l-Istat ikun identifikat bħala l-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji tal-Kapitolu III ta' dan ir-regolament, tobbliga lill-Istat Membru li kellu jwettaq dan it-trasferiment ikompli bl-eżami tal-kriterji ta' dan il-kapitolu sabiex jivverifika jekk wieħed mill-kriterji sussegwenti jippermettix li jiġi identifikat Stat Membru ieħor bħala dak responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal ażil. Madankollu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa meħtieġ li l-Istat Membru fejn tkun tinsab il-persuna li tkun qiegħda tfittex l-ażil jiżgura li ma jaggravax sitwazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali ta' din il-persuna permezz ta' proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli li tieħu tul ta' żmien mhux raġonevoli. Jekk ikun meħtieġ, dan l-Istat Membru għandu jeżamina huwa stess l-applikazzjoni skont il-modalitajiet previsti fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 343/2003. L-Artikoli 1, 18 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma jimplikawx risposta differenti.

### *Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u dritt internazzjonali privat*

[88] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003, tat-18 ta' Frar 2003, li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Stat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 109).

Matul is-sena 2011, il-Qorti tal-Ġustizzja tat diversi deċiżjonijiet dwar ir-Regolament Nru 44/2001 [89]. Tnejn minn dawn id-deċiżjonijiet jistħoqqilhom attenzjoni partikolari.

L-ewwel deċiżjoni, *BVG* (sentenza tat-12 ta' Mejju 2011, Kawża C-144/10), kienet tikkonċerna l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 22(2) tar-Regolament Nru 44/2001, li jipprovdi li "ikollhom ġurisdizzjoni esklussiva, independentament mid-domiċilju [...] fi proċedimenti li jkollhom bħala l-objjettiv tagħhom il-validità tal-kostituzzjoni, in-nullità jew id-dissoluzjoni ta' kumpanniji jew ta' persuni ġuridiċi oħra jew għaqdiet ta' persuni naturali jew ġuridiċi, jew il-validità tad-deċiżjonijiet ta' l-organi tagħhom, il-qrati ta' l-Istat Membru li fih il-kumpannija, persuna ġuridika jew għaqda jkollha s-sede tagħhom". Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din ir-regola ta' ġurisdizzjoni esklużiva ma tapplikax għal kawża li fil-kuntest tagħha kumpannija tinvoka n-nuqqas ta' infurzabbiltà ta' kuntratt fir-rigward tagħha minħabba l-allegata invalidità, abbażi ta' ksur tal-istatuti tagħha, ta' deċiżjoni tal-organi tagħha li wasslet għall-konklużjoni tiegħu. Fil-fatt, kull kwistjoni li tikkonċerna l-validità ta' deċiżjoni li jsir kuntratt meħuda mill-organi ta' waħda mill-partijiet għandha titqies li hija parti inċidentali mill-kawża ta' natura kuntrattwali. Issa, is-suġġett ta' tali kawża ta' natura kuntrattwali mhux bilfors ikollu rabta partikolarment stretta mal-qorti fejn tinsab is-sede tal-parti li tinvoka l-allegata invalidità ta' deċiżjoni tal-organi tagħha stess. Għaldaqstant, imur kontra l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja li tali kawżi jiġu sottomessi għall-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati tal-Istat Membru fejn tinsab is-sede ta' waħda mill-kumpanniji kontraenti.

It-tieni deċiżjoni, li kienet tikkonċerna l-kawżi *eDate Advertising et* (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, Kawżi magħquda C-509/09 u C-161/09), tat l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża kif l-espressjoni "post fejn l-effett tal-ħsara jkun twettaq jew jista' jitwettaq", użata fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001, għandha tiġi interpretata fil-każ ta' allegat ksur tad-drittijiet tal-personalità mwettaq permezz tat-tqegħid ta' materjal online fuq sit internet. Il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, fakkret li din l-espressjoni tirrigwarda fl-istess ħin kemm il-post ta' fejn seħħ l-aġir li kkawża d-dannu kif ukoll il-post ta' fejn iseħħ id-dannu. Hija kompliet billi kkonstatat li t-tqegħid ta' materjal online fuq sit internet huwa differenti mix-xandir territorjali tal-istampa sa fejn dan il-materjal ikun jista' jiġi kkonsultat instantanjament minn numru indefinit ta' utenti tal-internet mad-dinja kolha. B'hekk, ix-xandir universali jista', minn naħa, ikabbar il-gravità tal-ksur għad-drittijiet tal-personalità u, min-naħa l-oħra, jagħmel diffiċli ħafna l-lokalizzazzjoni tal-post fejn iseħħ id-dannu li jirriżulta minn dan il-ksur. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-diffikultajiet fl-implementazzjoni tal-kriterju tal-materjalizzazzjoni ta' dannu kkawżat mix-xandir ta' informazzjoni jeżiġu li dan il-kriterju ta' konnessjoni jiġi adattat. Peress li l-impatt ta' materjal imqiegħed online fuq id-drittjiet tal-personalità ta' persuna jista' jiġi evalwat bl-aħjar mod mill-qorti tal-post fejn l-allegata vittma jkollha ċ-ċentru tal-interessi tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja identifikat dik il-qorti bħala l-qorti li jkollha ġurisdizzjoni fir-rigward tad-danni kollha kkawżati fit-territorju tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-post fejn persuna jkollha ċ-ċentru tal-interessi tagħha normalment jikkorrispondi għall-post fejn ikollha r-residenza abitwali tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li, barra minn hekk, din il-persuna għandha l-possibbiltà li tressaq azzjoni għad-danni, abbażi tad-dannu kollu kkawżat, quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-post ta' fejn huwa stabbilit ix-xandar tal-materjal imqiegħed online. Din il-persuna tista' wkoll tressaq, minflok azzjoni għad-danni abbażi tad-dannu kollu kkawżat, l-azzjoni tagħha quddiem il-qrati ta' kull Stat Membru li fit-territorju tiegħu huwa, jew kien, aċċessibbli l-materjal imqiegħed online. Dawn il-qrati għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu biss dwar id-danni kkawżati fit-territorju tal-Istat Membru tal-qorti adita.

[89] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 19, Vol. 04 p. 42).

Barra minn hekk, f'din l-istess deċiżjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-portata metodoloġika li għandha tingħata lill-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/31 [90]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm dan l-artikolu ma jimponix traspożizzjoni fil-forma ta' regola speċifika ta' kunflitt ta' liġijiet, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-qasam ikkoordinat u bla ħsara għad-derogi awtorizzati skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(4) tad-direttiva msemmija, il-fornitur ta' servizz ta' kummerċ elettroniku ma jiġix suġġett għal rekwiżiti iktar stretti minn dawk previsti mid-dritt sostantiv applikabbli fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit dan il-fornitur.

Barra minn hekk, fil-kawża *Koelzsch* (sentenza tal-15 ta' Marzu 2011, Kawża C-29/10), il-Qorti tal-Ġustizzja kienet adita għall-ewwel darba b'talba għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Ruma, tad-19 ta' Ġunju 1980, dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali [91], li jirrigwarda l-kuntratti individwali ta' xogħol. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima internazzjonali li rriżultat mix-xoljiment tal-kuntratt ta' xogħol ta' sewwieq ta' trakkijiet. Skont l-Artikolu 6(1) tal-konvenzjoni msemmija, "l-għażla ta' liġi [applikabbli] magħmula mill-partijiet ma għandhiex ikollha r-riżultat li ċċaħħad lill-impjegat mill-protezzjoni mogħtija lilu permezz [ta]r-regoli mandatorji tal-liġi li għandha tkun applikabbli skond il-paragrafu 2 fin-nuqqas ta' għażla". F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tinterpreta l-kriterju ta' konnessjoni previst fl-Artikolu 6(2)(a) tal-Konvenzjoni ta' Ruma. F'dan il-kuntest hija ddeċidiet li din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li, fil-każ fejn il-ħaddiem jeżerċita l-attività tiegħu f'iktar minn Stat kontraenti wieħed, il-pajjiż fejn il-ħaddiem, fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt, abitwalment jaħdem fis-sens ta' din id-dispożizzjoni huwa dak fejn jew li minnu, fid-dawl tal-elementi kollha li jikkaratterizzaw din l-attività, il-ħaddiem iwettaq il-biċċa l-kbira tal-obbligi tiegħu lejn min jimpjegah. Fil-fatt, il-kriterju previst minn din id-dispożizzjoni huwa intiż li japplika wkoll fil-każ fejn il-ħaddiem iwettaq l-attivitajiet tiegħu f'iktar minn Stat kontraenti wieħed meta jkun possibbli, għall-qorti adita, li tiddetermina l-Istat li miegħu x-xogħol għandu konnessjoni sinjikattiva. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li, fid-dawl tal-għan tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Ruma, li huwa li tiġi żgurata protezzjoni adegwata għall-ħaddiema, il-kriterju tal-pajjiż fejn abitwalment jitwettaq ix-xogħol, stabbilit fl-Artikolu 6(2)(a) ta' din il-konvenzjoni, għandu jiġi interpretat b'mod wiesa'. L-istess bħall-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-Konvenzjoni ta' Brussell, tas-27 ta' Settembru 1968, dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali [92], fir-rigward tal-Artikolu 5(1) ta' din tal-aħħar, il-kriterju tal-pajjiż li fih abitwalment jitwettaq ix-xogħol għandu jinftiehem fis-sens li jirreferi għall-post li fih jew li minnu l-ħaddiem effettivament iwettaq l-attivitajiet professjonali tiegħu u, fin-nuqqas ta' ċentru ta' kummerċ, għall-post fejn dan iwettaq il-biċċa l-kbira tal-attivitajiet tiegħu. Tali interpretazzjoni hija konsistenti wkoll mal-kliem tad-dispożizzjoni l-ġdida dwar ir-regoli ta' kunflitt dwar il-kuntratti individwali ta' xogħol, introdotta bir-Regolament Nru 593/2008, dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) [93], u b'mod partikolari mal-Artikolu 8 ta' dan tal-aħħar.

---

[90] Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-8 ta' Ġunju 2000, dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ("Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku") (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

[91] Konvenzjoni ta' Ruma tal-1980 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali (ĠU 2005, C 169, p. 10).

[92] Konvenzjoni ta' Brussell tas-27 ta' Settembru 1968, dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 1972, L 299, p. 32).

[93] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 593/2008, tas-17 ta' Ġunju 2008, dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU L 177, p. 6.).

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, fir-rigward ta' xogħol imwettaq fis-settur tat-trasport internazzjonali, il-qorti tar-rinviju għandha, sabiex tiddetermina l-Istat fejn il-ħaddiem abitwalment iwettaq ix-xogħol tiegħu, tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha li huma speċifiċi għal din l-attività. Għal dan il-għan, il-qorti tar-rinviju għandha b'mod partikolari tiddetermina f'liema Stat jinsab il-post minn fejn il-ħaddiem iwettaq it-trasport, jirċievi l-istruzzjonijiet dwar il-missjoni tiegħu u jorganizza xogħlu, kif ukoll il-post fejn jinsabu l-għodda tax-xogħol. Hija għandha wkoll tivverifika liema huma l-postijiet fejn it-trasport isir prinċipalment, il-postijiet tal-ħatt tal-merkanzija kif ukoll il-post fejn il-ħaddiem jirritorna wara li jwettaq il-missjonijiet tiegħu.

*Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali*

F'dan il-qasam ser tissemma biss sentenza waħda mogħtija fil-kawżi *Gueye u Salmerón Sánchez* (sentenza tal-15 ta' Settembru 2011, Kawżi magħquda C-483/09 u C-1/10) li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikoli 2, 3, 8 u 10 tad-Deċiżjoni Qafas 2001/220, dwar id-drittijiet tal-vittmi fil-proċeduri kriminali [94], filwaqt li ppreċiżat b'mod partikolari l-portata tad-dritt għal smigħ tal-vittma rrikonoxxut mid-Deċiżjoni Qafas u l-effetti ta' dan id-dritt fuq il-pieni li għandhom jiġu imposti fuq l-awtur tar-reati kriminali.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 2, 3 u 8 tal-imsemmija deċiżjoni qafas ma jipprekludux li sanzjoni sabiex tinżamm distanza obbligatorja għal żmien minimu, prevista fil-liġi kriminali ta' Stat Membru bħala piena anċillari, tiġi imposta fuq awturi ta' vjolenza mwettqa f'ambjent familjari, minkejja li l-vittmi tagħhom jikkontestaw l-applikazzjoni ta' tali sanzjoni.

Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, minn naħa, fir-rigward tal-obbligi msemmija fl-Artikolu 2(1) tad-deċiżjoni qafas imsemmija, dawn l-obbligi huma intiżi li jiggarantixxu li l-vittma tkun tista' tieħu sehem effettiv fil-proċeduri kriminali b'mod xieraq, li ma jimplikax li miżura sabiex tinżamm distanza obbligatorja ma tkunx tista' tingħata kontra l-fehma tal-vittma. Min-naħa l-oħra, id-dritt proċedurali għal smigħ fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tal-istess deċiżjoni qafas ma jagħti ebda dritt lill-vittmi la fir-rigward tal-għażla dwar it-tipi ta' pieni u lanqas dwar il-livell ta' dawn il-pieni. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi ppreċiżat li l-protezzjoni kriminali mill-atti ta' vjolenza domestika ma hijiex intiża biss li tipproteġi l-interessi tal-vittma iżda wkoll interessi oħra iktar ġenerali tas-soċjetà. Barra minn hekk, il-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 8 ta' din id-deċiżjoni qafas, li hija intiża b'mod partikolari sabiex tipproteġi b'mod xieraq lill-vittma mill-awtur tar-reat matul il-proċeduri kriminali, ma tistax tinftiehem fis-sens li l-Istati Membri huma obbligati wkoll li jipproteġu lill-vittmi mill-effetti indiretti li jipproduċu, fi stadju ulterjuri, il-pieni imposti mill-qorti nazzjonali.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-obbligu li tiġi ordnata miżura sabiex tinżamm distanza inkonformità mad-dritt sostantiv inkwistjoni ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-deċiżjoni qafas imsemmija.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Artikolu 10(1) tal-istess deċiżjoni qafas għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-Istati Membri, fid-dawl tal-kategorija partikolari tal-ksur imwettaq f'ambjent familjari, li jeskludi r-rikors għall-medjazzjoni fil-proċeduri kriminali kollha relatati ma' tali ksur.

[94] Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2001/220/JHA, tal-15 ta' Marzu 2001, dwar id-drittijiet tal-vittmi fil-proċeduri kriminali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 72).

*Politika barranija u ta' sigurtà komuni*

Fil-qafas limitat tal-ġurisdizzjoni tagħha f'dan il-qasam, il-Qorti tal-Ġustizzja tat tliet deċiżjonijiet li jistħoqqilhom attenzjoni partikolari.

Fil-kuntest tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni, il-Qorti tal-Ġustizzja, f'appell ippreżentat mir-Repubblika Franċiża (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, *Franza vs People's Mojahedin Organization of Iran*, C-27/09 P) kontra sentenza tal-Qorti Ġenerali [95], li annullat, sa fejn tikkonċerna lill-People's Mojahedin Organization of Iran, id-Deċiżjoni 2008/583 [96] (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża"), fakkret li, fil-każ ta' deċiżjoni inizjali ta' ffriżar ta' fondi, l-istituzzjoni ma hijiex marbuta li tikkomunika minn qabel lill-persuna jew lill-entità kkonċernata l-motivi li fuqhom din l-istituzzjoni għandha l-intenzjoni li tibbaża l-inklużjoni ta' isem din il-persuna jew entità fil-lista msemmija fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001 [97]. Fil-fatt, tali miżura, sabiex ma tkunx kompromessa l-effettività tagħha, għandha, min-natura tagħha stess, tkun tista' tibbenefika minn effett ta' sorpriża u tiġi applikata b'mod immedjat. Min-naħa l-oħra, fil-każ ta' deċiżjoni ta' ffriżar ta' fondi sussegwenti li permezz tagħha jinżamm isem persuna jew entità li jkun diġà mniżżel fil-lista msemmija fl-Artikolu 2(3) tar-regolament imsemmi, dan l-effett ta' sorpriża ma jibqax neċessarju sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-miżura, b'tali mod li l-adozzjoni ta' tali deċiżjoni għandha, bħala regola ġenerali, tkun ippreċeduta minn komunikazzjoni tal-provi meqjusa kontriha kif ukoll mill-opportunità mogħtija lill-persuna jew lill-entità kkonċernata li tinstema'. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Qorti Ġenerali ġustament ikkonkludiet li, peress li, bid-deċiżjoni kontenzjuża, isem il-People's Mojahedin Organization of Iran (iktar 'il quddiem il-"PMOI") inżamm fil-lista msemmija fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001, il-Kunsill ma setax jikkomunika l-provi l-ġodda meqjusa kontra l-PMOI fl-istess ħin mal-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża. Il-Kunsill kellu neċessarjament jiżgura r-rispett tad-drittijiet tad-difiża tal-PMOI, jiġifieri l-komunikazzjoni tal-provi meqjusa kontriha u d-dritt tas-smigħ, qabel l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-element ta' protezzjoni li joffru r-rekwiżiti ta' komunikazzjoni tal-provi inkriminanti u d-dritt tal-preżentata tal-osservazzjonijiet qabel l-adozzjoni ta' miżura bħad-deċiżjoni kontenzjuża li tagħti bidu għall-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi huwa fundamentali u essenzjali għad-drittijiet tad-difiża. Dan huwa iktar u iktar minnu meta tali miżuri jkollhom impatt kbir fuq id-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni u tal-gruppi kkunsidrati.

Fl-aħħar nett, fid-dawl tal-importanza fundamentali li għandha tingħata lir-rispett tad-drittijiet tad-difiża, irrikonoxxut espliċitament fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fil-proċedura li tippreċedi l-adozzjoni ta' deċiżjoni bħad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Kunsill ma kienx ipprova li d-deċiżjoni kontenzjuża kellha tiġi adottata b'urġenza tali li kien impossibbli għal din l-istituzzjoni li tikkomunika lill-PMOI l-provi l-ġodda meqjusa kontriha u li tippermetti s-smigħ tagħha qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża.

[95] Sentenza tal-4 ta' Diċembru 2008, *People's Mojahedin Organization of Iran vs Il-Kunsill* (T-284/08).

[96] Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/583/KE, tal-15 ta' Lulju 2008, li timplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2007/868/KE (ĠU L 188, p. 21).

[97] Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 207, u rettifika ĠU L 52, p. 58).

Fir-rigward, din id-darba, tal-miżuri restrittivi meħuda fil-konfront tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran sabiex titwaqqaf il-proliferazzjoni nukleari, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet adita b'appell ippreżentat mill-Bank Melli Iran, bank Iranjan ikkontrollat mill-Istat Iranjan, intiż għall-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali [98] li permezz tagħha din il-qorti kienet ċaħdet ir-rikors tiegħu [99] intiż għall-annullament tal-miżuri li jikkonċernawh (sentenza tas-16 ta' Novembru 2011, *Bank Melli Iran vs Il-Kunsill*, C-548/09 P). F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva jimplika li l-awtorità tal-Unjoni li tadotta att li jimplika miżuri restrittivi fil-konfront ta' persuna jew ta' entità għandha tikkomunika r-raġunijiet li fuqhom ikun ibbażat dan l-att, sa fejn ikun possibbli, jew fil-mument meta jiġi adottat dan l-att jew, minn tal-inqas, kemm jista' jkun malajr wara l-adozzjoni tiegħu, sabiex dawn il-persuni jew entitajiet ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt ta' rikors tagħhom. Issa, huwa fid-dawl tal-osservanza ta' dan il-prinċipju li l-Artikolu 15(3) tar-Regolament Nru 423/2007 [100] jobbliga lill-Kunsill jagħti r-raġunijiet individwali u speċifiċi għad-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikolu 7(2) tar-regolament imsemmi u jinforma lill-persuni, lill-entitajiet u lill-korpi kkonċernati dwar dawn ir-raġunijiet. Fil-fatt, l-iffriżar tal-fondi għandu konsegwenzi kunsiderevoli għall-entitajiet ikkonċernati minħabba li jista' jillimita l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Minn dan isegwi li l-Kunsill għandu jwettaq l-obbligu tiegħu previst minn din id-dispożizzjoni permezz ta' komunikazzjoni individwali. Barra minn hekk, għalkemm bħala regola ġenerali hija meħtieġa komunikazzjoni individwali, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li ebda forma preċiża ma hija meħtieġa mill-Artikolu 15(3) ta' dan ir-regolament, li jsemmi biss l-obbligu li "jagħmilhom magħrufa". Huwa meħtieġ li din id-dispożizzjoni tiġi implementata b'mod effettiv, jiġifieri li tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-persuni u tal-entitajiet ikkonċernati minn miżuri restrittivi adottati skont l-Artikolu 7(2) tal-istess regolament.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-għażla tal-bażi legali ta' att Komunitarju għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jkunu s-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju, liema elementi jinkludu, b'mod partikolari, l-għan u l-kontenut tal-att. Skont it-titolu tiegħu, ir-Regolament Nru 423/2007 jikkonċerna l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran. Mill-kunsiderazzjonijiet u mid-dispożizzjonijiet kollha ta' dan ir-regolament jirriżulta li l-għan tiegħu huwa li jipprekludi jew li jrażżan il-politika adottata minn dan l-Istat fil-qasam nukleari, fid-dawl tal-perikolu ta' din il-politika, permezz ta' miżuri restrittivi fil-qasam ekonomiku. Ma hijiex l-attività ġenerali tal-proliferazzjoni nukleari li hija miġġielda iżda r-riskji partikolari għall-programm Iranjan tal-proliferazzjoni nukleari. L-għan u l-kontenut tal-att inkwistjoni huma b'mod ċar l-adozzjoni ta' miżuri ekonomiċi li jikkonċernaw lir-Repubblika Iżlamika tal-Iran u għalhekk ma kienx meħtieġ li jintuża l-Artikolu 308 KE sa fejn l-Artikolu 301 KE jikkostitwixxi bażi legali suffiċjenti billi jippermetti li tittieħed azzjoni mill-Unjoni sabiex jitwaqqfu jew jitnaqqsu, parzjalment jew kompletament, ir-relazzjonijiet ekonomiċi ma' pajjiż jew pajjżi terzi, azzjoni li tista' tinkludi miżuri ta' ffriżar ta' fondi ta' entitajiet li, bħall-Bank Melli Iran, ikunu assoċjati mar-reġim tal-pajjiż terz ikkonċernat. Fir-rigward tal-ħtieġa li l-Pożizzjoni Komuni 2007/140 [101] tiġi inkluża fost il-bażijiet legali, l-Artikolu 301 KE jindika li l-pożizzjoni

[98] Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2009, *Bank Melli Iran vs Il-Kunsill* (T-390/08).

[99] Rikors intiż għall-annullament tal-punt 4 tat-Tabella B tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/475/KE, tat-23 ta' Ġunju 2008, li timplimenta l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 423/2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 163, p. 29).

[100] Regolament (KE) Nru 423/2007, tad-19 ta' April 2007, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 335M, 13.12.2008, p. 969, rettifika fil-ĠU L 64M, 10.3.2009, p. 423).

[101] Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2007/140/PESK, tas-27 ta' Frar 2007, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 4M, 8.1.2008, p. 155).

komuni jew l-azzjoni konġunta għandhom ikunu eżistenti sabiex ikunu jistgħu jiġu adottati miżuri Komunitarji iżda ma jindikax li dawn il-miżuri għandhom ikunu bbażati fuq din il-pożizzjoni komuni jew fuq din l-azzjoni konġunta. Fi kwalunkwe każ, pożizzjoni komuni ma tistax tikkostitwixxi l-bażi legali ta' att Komunitarju. Fil-fatt, il-pożizzjonijiet komuni tal-Kunsill fil-qasam tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni (PBSK), bħall-Pożizzjonijiet Komuni 2007/140 u 2008/479 [102], huma adottati fil-kuntest tat-Trattat UE msemmi, skont l-Artikolu 15 tiegħu, filwaqt li r-regolamenti tal-Kunsill, bħar-Regolament Nru 423/2007, huma adottati fil-kuntest tat-Trattat KE. Għaldaqstant, il-Kunsill ma setax jadotta att Komunitarju ħlief billi jistrieħ fuq il-kompetenzi mogħtija lilu mit-Trattat KE, jiġifieri, f'dan il-każ, mill-Artikoli 60 KE u 301 KE.

Dejjem fir-rigward tar-Regolament Nru 423/2007 [103] dwar l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran, il-Qorti tal-Ġustizzja, adita mill-Oberlandesgericht ta' Düsseldorf, tat l-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 7(3) u (4) ta' dan ir-regolament (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, *Afrasiabi et*, C-72/11).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 7(3) tar-regolament imsemmi għandu jiġi interpretat fis-sens li l-projbizzjoni tat-tqegħid għad-dispożizzjoni indiretta ta' riżors ekonomiku, fis-sens tal-Artikolu 1(i) ta' dan ir-regolament, tkopri l-atti marbuta mal-kunsinna u mal-installazzjoni fl-Iran ta' forn ta' tibdil fi ħġieġ fi stat li jaħdem, iżda li għadu ma huwiex lest għall-użu, favur terz li, filwaqt li jkun qed jaġixxi f'isem, taħt il-kontroll jew fuq l-istruzzjonijiet ta' persuna, ta' entità jew ta' korp imsemmi fl-Annessi IV u V ta' dan ir-regolament, jippjana li jisfrutta dan il-forn sabiex jipproduċi, favur tali persuna jew entità jew tali korp, beni li jistgħu jikkontribwixxu għall-proliferazzjoni nukleari f'dan l-Istat. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Artikolu 7(4) tal-istess regolament għandu jiġi interpretat fis-sens li (a) ikopri l-attivitajiet li, taħt id-dehra formali li twassalhom sabiex jevitaw l-elementi kostituttivi ta' ksur tal-Artikolu 7(3) tal-imsemmi regolament, huma xorta waħda jkollhom bħala għan jew bħala effett, dirett jew indirett, li jevadu l-projbizzjoni stabbilita minn din l-aħħar dispożizzjoni; (b) il-kliem "konxja" u "intenzjonata" jimplikaw elementi kumulattivi ta' għarfien u ta' rieda, li jiġu sodisfatti meta l-persuna li tipparteċipa f'attività li jkollha l-għan jew l-effett li tfittex xjentement dan jew, tal-inqas, li tqis li din il-parteċipazzjoni jista' jkollha dan il-għan jew l-effett u taċċetta din il-possibbiltà.

---

[102] Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/479/PESK, tat-23 ta' Ġunju 2008, li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2007/140 (ĠU L 163, p. 43).

[103] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 100.